# l-aċċent

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ◊ Numru 17 ◊ Frar 2018

## L-EDITORJAL

Għat-Taljani, in-numru sbatax ifisser sfortuna, iżda għat-tim ta' *l-aċċent* ifisser l-aktar ħarġa voluminuża. Għall-ewwel darba qbiżna s-sittin paġna u kif se taraw, il-kwantità mhux dejjem tkun ta' detriment għall-kwalità.

Se nibda din il-ħarsa lejn il-kontenut bis-suppliment speċjali li joffrilna intervista mal-Prof. Albert Borg, il-lingwista ta' esperjenza kbira li għandu ħafna xi jgħid fuq il-lingwa Maltija llum u anke fuq dawk li jitkellmuha.

L-ewwel taqsima toffrilna artiklu ma' Reuben Degiorgio, il-kreatur tal-paġna *Għidha bil-Malti*, familjari ħafna ma' dawk li jużaw il-media soċjali. Interessanti wieħed jiskopri l-karattru ta' Reuben u x'inhu li jġiegħlu jtektek. Artiklu ieħor jittratta t-taħbila ortografika jekk tiktibx zona jew żona. Jekk titfixkilhom, m'intix waħdek għax il-gazzetti Maltin huma miżgħuda b'eżempji tat-tnejn. Il-Prof. Manwel Mifsud jiċċara din l-istampa mċajpra.

Peress li l-avukati jkollhom ħafna xi jgħidu, din id-darba għandhom żewġ artikli fit-tieni taqsima, dik dwar it-terminoloġija. Jagħtuna analiżi dwar x'nużaw bejn 'mingħajr preġudizzju' jew 'bla ħsara' u f'artiklu ieħor naraw id-differenza bejn 'id-data tad-dħul fis-seħħ', 'id-data tal-applikazzjoni' u 'd-data meta d-dispożizzjonijiet ikollhom effett'. Antoine Cassar iżomm l-appuntament mal-qarrejja tiegħu bit-tieni parti tar-raba' artiklu mis-sensiela *Lejn mappa tad-dinja bil-Malti*. Il-gżejjer tal-Karibew huma fil-lenti ta' Antoine huwa u jinnaviga fl-Oċean Atlantiku. Artiklu ieħor hu ta' Ġużi Gatt li din id-darba jispjega d-differenza bejn blat, xaħx, ramel u raba' grass. Huwa artiklu ta' xeħta differenti mill-oħrajn, minħabba li fid-diskussjoni terminoloġika, l-awtur jieħu spunt minn konverżazzjonijiet li jkollu ma' missieru li hu mdaħħal sew fiż-żmien.

It-tielet taqsima tinkludi żewġ artikli dwar seminars li saru f'Malta, wieħed dwar is-sessimu fil-lingwa u l-ieħor dwar it-traduzzjoni u l-integrazzjoni. Ivan Said iżomm ukoll l-appuntament tiegħu b'artiklu dwar traduttur mill-imgħoddi, individwu li batejt ħafna biex naqra ismu – Wzzinu – li niżel fl-istorja bħala traduttur tal-ewwel ktieb bil-Malti stampat.

Insibu wkoll il-kontribut tat-terminologi bis-suppliment li huwa kontinwazzjoni ma' dak tal-ħarġa ta' qabel: **Produzzjoni sostenibbli permezz tal-aqwa tekniki disponibbli**.

Din kienet biss ħarsa ħafifa lejn ħarġa li tinkludi iżjed artikli minn dawk li semmejt u li persważ se ssibuhom ta' interess. Tinsewx issegwuna wkoll fuq facebook (facebook.com/accentmt/).

*Alan Delia f'isem Il-Bord Editorjali*

# IL-WERREJ

**BIR-REQQA**
**Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

Intervista lill-Prof. Albert Borg 3
Għidha bil-Malti 4
Niktbu *zona* jew *żona*? 13
*Il-Linji Gwida Interni*: ir-raba' edizzjoni 10

**KELMA B'KELMA**
**It-terminoloġija**

Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 4 – Il-gżejjer tal-Karibew (it-tieni parti) 14
Minn ġol-ħama għal ġot-tajn: blat, xaħx, ramel, u raba' grass 27
"Bla ħsara" jew "mingħajr preġudizzju"? 34
X'inhi d-differenza bejn id-*data tad-dħul fis-seħħ*, id-*data tal-applikazzjoni* u *d-data meta d-dispożizzjonijiet ikollhom effett*? 41

**MILL-GĦATBA 'L BARRA**
**Aspetti oħra**

Is-sessiżmu fil-lingwa Maltija: Seminar organizzat mill-Akkademja tal-Malti 44
L-emendi fl-Att dwar l-Ilsien Malti – Bidliet u ħsibijiet 51
Biex Niftiehmu: Mit-Traduzzjoni għall-Integrazzjoni: Translating Europe Workshop 2017 55
Franciscu Wzzinu, it-traduttur tal-ewwel ktieb bil-Malti stampat 57

**Ma' din l-edizzjoni –**

- Suppliment speċjali: Intervista lill-Prof. Albert Borg
- Suppliment terminoloġiku: Produzzjoni sostenibbli permezz tal-aqwa tekniki disponibbli, it-tieni parti

**It-tim ta' *l-aċċent***

**Koedituri**: Louise Vella, Alan Delia
**Distribuzzjoni u impaġnar tas-suppliment terminoloġiku**: Maryann Agius
**Impaġnar u disinn**: Alan Delia
**Suppliment terminoloġiku**: Jeantide Naudi, Jennifer De Barro
**Qari tal-provi**: Marija Agius, Loredana Theuma
**Pretrattament**: Claire Bonello
**Editur tal-istil**: Mark Amaira
**Segretarju Eżekuttiv**: Ivan Said
**Relazzjonijiet Pubbliċi**: David Schembri


4



14


57

# BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

## Intervista lill-Prof. Albert Borg

Mark Amaira



Ir-riċerka tiegħi dwar il-Malti sikwit tlaqqagħni mal-Prof. Albert Borg. U bejn il-bosta laqgħat ras imb ras li jkollna u t-tħejjija għall-paper li ktibna flimkien għall-Konferenza ta' Bratislava organizzata mill-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija fl-Università ta' Bremen, irnexxieli nisraqlu mument għal intervista.

Matul l-intervista li *l-aċċent* qed jippubblika f'suppliment speċjali staqsejt lil Albert Borg dwar il-karriera tiegħu bħala lingwista sinkroniku u lettur tal-Malti fl-Università ta' Malta iżda ma kienx jonqos li nirfes ukoll xi kwistjonijiet lingwistiċi fosthom dawk li jinteressawh l-aktar: is-sintassi tal-Malti, it-topikalizzazzjoni u s-soċjolingwistika. Kellu ċ-ċans jispjega xi jfissru u x'jinkludu. Staqsejtu wkoll dwar il-pubblikazzjoni tal-kontribut tiegħu fil-papers, fil-ktieb *Ilsienna*, u fil-ktieb *Maltese* li kiteb mal-Prof. Marie Azzopardi Alexander.

Minbarra dan, tlabt lil Albert Borg kif jaħsibha dwar il-code-switching fil-Malti – din il-kwistjoni diġà tqajmet waqt intervista li *l-aċċent* għamel lil-lingwista David Crystal u li ġiet ippubblikata f'suppliment speċjali fl-2016 – bħala karatteristika tant komuni fit-taħdit u fil-kitba u li tibqa' toħloq diskussjoni xi minn daqqiet taħraq fost il-kelliema inġenerali.

Albert Borg isemmi wħud mill-episodji ewlenin li jiftakar u li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp ta' Isienna, fosthom il-ħidma mal-Prof. Ġużé Aquilina fil-bidu tat-tmeninijiet, it-twaqqif tad-Dipartiment tal-Malti, tal-Istitut tal-Lingwistika u tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti, it-tiswir tal-liġi dwar il-Malti, id-dibattitu dwar l-istatus tal-Malti fl-Unjoni Ewropea, uħud mill-konferenzi l-kbar li trattaw il-Malti, u t-twaqqif tal-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija. Isemmi wkoll uħud mill-esperjenzi universitarji li għadda minnhom matul il-karriera tiegħu u l-oqsma tar-riċerka li għadu jistħarreġ.

L-intervista ktibtha kelma b'kelma u toħroġ fid-dieher il-perspettiva ta' lingwista tal-Malti li għandu esperjenza u għarfien kbar f'dan il-qasam. Ħajr lill-Prof. Borg li aċċetta li jilqagħna għandu u jaqsam magħna dan kollu.

# Għidha bil-Malti

Reuben Degiorgio

Ta' tifel ċkejken, kont nistaqsi ħafna bejni u bejn ruħi għaliex kulħadd jaqleb mill-Malti għall-Ingliż u lura. Kulħadd kien jagħmilha, u għamilt bħalhom għax hekk normali. Dak li ma kontx naf bil-Malti, ngħidu bl-Ingliż. Komdu hekk, il-messaġġ xorta jasal. Għaliex tkisser rasek tfittex il-kliem tqil? Iżda f'qalbi kelli bħal sekondiera ddejjaqni. Il-ħin kollu ttektek. Titgħallem tinjoraha iżda ma teħlisx minnha – xi trid mingħandi, ja sekondiera fitta? Ma kontx naf nitkellem bil-Malti biss. Il-Malti għalija kien nofs lingwa, li teżisti biss bis-saħħa tal-Ingliż li tistrieħ fuqu. Ilsieni kien jeħel, vittma tal-*code-switching* kostanti tiegħi bħal dawl jitfi u jixgħel li jpeċpiċlek għajnejk. Kif taqbad titkellem bil-Malti mingħajr ma timla l-vojt bl-Ingliż ma' kull nofs sentenza?

Din l-istorja baqgħet sejra sakemm għamilt il-kors tat-traduzzjoni. Il-pjaċir li kont inħoss li test bl-Ingliż jitfesdaq u joħroġ minnu farfett ilellex bil-Malti kien tassew kbir. Fl-aħħar, stajt noħloq test kollu kemm hu bil-Malti, dwar kull suġġett f'wiċċ id-dinja, mingħajr dak id-dell tqil tal-Ingliż, bħal fil-mitkellem. Għax fil-mitkellem ftit għandek ċans taħseb, imma fil-miktub għandek ħafna aktar. Sal-lum, u għalhekk għal qalbi ħafna bħala traduttur, nogħxa nara li għandna kelma bil-Malti għal ħafna affarijiet. Ħafna jkunu pronti jgħidulek li dik il-kelma m'għandniex ekwivalenti għaliha




Reuben Degiorgio, il-kreatur tal-paġna *Għidha bil-Malti*



Audrienne Degiorgio, oħt l-awtur, tieħu ħsieb il-grafika tal-paġna

bil-Malti. Imma mill-esperjenza tgħallimt li hemm ħafna kliem Malti li ma nkunux nafu bih. U jekk veru m'hemmx kelma, jista' jkun li traġikament diġà tard wisq għax insejnieha jew inkella rmejnieha. Għaddew tmien snin nittraduċi kuntent fuq l-iskrivanija tax-xogħol. Iżda x'inhu dan it-tektik f'qalbi? Possibbli għadha hemm din is-sekondiera? Xi trid mingħandi? Mhux ġieħ lill-ilsien pajjiżi nkun qed nagħti meta nwassal dawn ir-regolamenti, direttivi, opinjonijiet, komunikazzjonijiet, rapporti u kitbiet oħra Ewropej liċ-ċittadin Malti? Le donnu mhux biżżejjed.

Għalhekk fl-14 ta' Ġunju 2017 bdiet il-paġna *Għidha bil-Malti* fuq Facebook, proprju għax mhux biżżejjed. Dan l-entużjażmu li nibet mill-ġdid fija għal-lingwa nattiva tiegħi ma kontx qed naqsmu ma' ħaddieħor. U biex dan iż-żmien il-messaġġ jasal kemm jista' jkun 'il bogħod, trid tuża l-media soċjali. Kellimt lil oħti Audrienne, li xogħolha huwa fid-disinn grafiku, biex tagħti identità lill-paġna. Għamilna Instagram, Twitter u qed naħdmu fuq paġna web ukoll. F'kull post li ntellgħu, ninkludu kemm jista' jkun stampa li tiġbed l-attenzjoni ta' dak li jkun, iżda aktar importanti, li tgħin biex il-messaġġ jasal b'mod aktar ċar. Inżommu l-posts sempliċi u qosra, għax illum kulħadd mgħaġġel, u nippruvaw indaħħlu minn kollox: żbalji, użu ħażin ta' ċertu kliem, qwiel, idjomi, użanzi u tradizzjonijiet Maltin. Esperimentajna wkoll b'filmat qasir dwar ix-xahar tal-qamar. Iva, bil-Malti hemm kelma għal kollox. U iva, jekk għall-bidu tinstema' stramba, irrepetiha għaxar darbiet sakemm ma tibqax iddarsek. Huma dawn l-aspetti kollha li kull ġimgħa nkun fuq ix-xwiek biex naqsam ma' kulħadd. Bħas-siġra tal-Milied li ssaħħarni tteptep kull kulur, nieqaf niċċassa lejn din il-lingwa bil-meravilji tagħha. Il-Malti huwa dak kollu li niesna ġabru tul iż-żmien – l-esperjenzi, il-ħsibijiet, il-ferħ u n-niket kollu tagħhom. Huwa l-identità tiegħi, parti minn ruħi. Tieqa li minn twelidi ddeterminat kif jiena nġarrab id-dinja. Sekli sħaħ jaqla' fuq wiċċu iżda hawn għadu l-Malti, qawwi u sħiħ, minkejja li xi ftit mibdul. Il-mistoqsija li għandi jiena hija: il-Malti qed nieħdu ħsiebu?




**Il-"lingwaġġ tat-tfal" fl-2017**

Illum morna l-beach bil-car, nagħmlu splash fil-water. Qgħadt nagħmel dive u nara l-fishies jagħmlu swim. Il-man u l-lady ta' ħdejna kellhom boy daqsi, u qgħadt nilgħab miegħu bil-bally. Meta kien time up, il-mamà qaltli nimsaħ il-hands u nilbes ix-shoesies ħa mmorru. Veru kien fun illum!

għidha bil-Malti

@ghidhabilmalti facebook.com/ghidhabilmalti @ghidhabilmalti

Ninkwieta meta f'Malta nisma' tant ġenituri li kibru jitkellmu bil-Malti iżda jagħżlu, it-tnejn li huma, li jkellmu lil uliedhom bl-Ingliż biss. Ninkwieta meta nisma' ġenituri jkellmu lil uliedhom b'taħlita bla rażan ta' Maltingliż. Diġà tellajna post fuq il-paġna rigward dan is-suġġett, fejn nuru l-assurdità ta' espressjonijiet bħal *tagħmel dive* meta tkun qed *tagħmel swim*. Is-semilingwiżmu ta' dawn it-tfal fil-ġejjieni jidher tal-biża'. Ninkwieta meta nara tant Maltin bierda lejn ilsienhom. Bħal donnu ftit huma dawk li japprezzaw l-istorja tiegħu, kemm hu għani fl-espressjonijiet, il-qwiel u l-idjomi li ilhom dan iż-żmien kollu jintużaw u jiżviluppaw. Qed nippruvaw bil-paġna tagħna nispjegaw ċerti idjomi Maltin bit-tama li dak li jkun jerġa' jiftakar fihom u jużahom fit-taħdit b'aktar konvinzjoni.




Wieħed mill-aktar argumenti li jkexkixni huwa li l-Malti lsien żgħir, u peress li jasal biss minn Marsaxlokk sal-Għarb, m'għandekx għalfejn taħli ħinek fuqu. B'dan l-argument tista' ssalva l-aktar għaxar lingwi mitkellma fid-dinja u twarrab il-bqija. Għaliex din l-insistenza li l-valur ta' lingwa jitkejjel mill-għadd ta' nies li jitkellmuha? Niskanta u ninxef kif din hija realtà f'pajjiżna meta hemm ġnus sħaħ fid-dinja jissieltu biex ilsienhom jiġi rikonoxxut imqar bħala tali mill-istat. Immorru fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, u nsibu l-puristi tal-Malti. Dawk li jinsistu li l-Malti Semitiku huwa l-veru Malti, u li l-bqija huwa kollu tiċpis li weħel mal-flokk. Diġà qlajt kummenti mhux ħażin dwar il-fatt li f'xi kitbiet użajt 'lingwa' minflok 'ilsien'. Lil dawn in-nies inħeġġiġhom jiftħu għajnejhom, u jirrealizzaw li l-Malti qed iseffaq wiċċu ma' sfidi differenti llum il-ġurnata. Ma jimpurtax li jidħol kliem la mit-Taljan, la mill-Ingliż u lanqas miċ-Ċiniż. *Għidha bil-Malti* mhix sur li bnejna biex nilqgħu mill-influwenza ta' lingwi oħra, iżda mezz li jfakkrek li bormot ġarek mhux bilfors tfuħ aktar minn ta' darek.

Ħadd mhu se jaħsillek wiċċek biex tiġi isbaħ minnu. Huwa f'idejk bħala Malti biex ilsienek tgħożżu u tibża' għalih, għaliex ħaddieħor diġà medhi jieħu ħsieb lil tiegħu. *Għidha bil-Malti* tipprova trawwem dan billi twassal tipi differenti ta' għarfien, kurżitajiet, taqbiliet, minn kollox. Jekk inkunu nissilna tbissima fuq fomm min jaqrana, it-tbissima ta' xi ħadd li jinduna kemm għandu xortih tajba li pajjiżu tah dan ir-rigal prezzjuż, għalina biżżejjed. Hekk biss tista' dik il-misħuta sekondiera ta' ġo qalbi tieqaf, jew imqar tbatti.

*Reuben Degiorgio huwa traduttur mal-Kunsill tal-UE*

L-ispjega li ġejja qed tiġi ppubblikata hawnhekk wara kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti. Il-membri ta' din l-Għaqda huma individwi li jaħdmu f'oqsma differenti – edukaturi, ġurnalisti, edituri, nutara, kittieba, studenti, uffiċjali pubbliċi, u l-bqija – u kollha attendew il-kors tal-qari tal-provi bil-Malti li jingħata l-Università. Ħajr lis-Sur Karl Scicluna, il-President tal-GĦQPM tal-għajnuna li tana u lill-Prof. Manwel Mifsud li reġa' tana permess nippubblikaw kitbiet minn tiegħu.

# NIKTBU *ZONA* JEW *ŻONA*?

Manwel Mifsud

Fil-Malti għandna żewġ ittri, jew simboli, li bażikament għandhom il-forma ta' "Z" (dik li saret famuża l-aktar bis-saħħa tax-xabla ta' Zorro), imma fil-fatt dawn jirrappreżentaw tliet fonemi differenti:

(1) **ż** (fl-Alfabett Fonetiku Internazzjonali: /z/), frikattiva mleħħna
bħal fil-kliem: *żarbun, żaqżaq, tbeżbiża. Dan l-element huwa kontinwanti, fis-sens li tista' tibqa' sejjer bih sakemm jagħtik in-nifs. Qisu ż-żanżina taż-żunżan.*

(2) **z** – li tikkorrispondi għal żewġ ħsejjes differenti, it-tnejn affrikattivi (jiġifieri magħmulin minn element ploživ li jisfuma f'wieħed frikattiv):

(a) l-**imniffes** (fl-AFI: /ʦ/)
bħal fil-kliem: *zalza, tazza, mazz* (qabbel ukoll: *għatsa, imqaddsa*);

(b) l-**imleħħen** (fl-AFI: /ʣ/)
bħal fil-kliem: *gazzetta, organizza.* Hawn ma nistgħux nagħtu eżempji ta' nisel Għarbi, għax fl-Għarbi dan il-ħoss imleħħen la jeżisti bħala fonema u lanqas jirriżulta minn /d/+/z/, la ma hemmx kliem b'dis-sekwenza. Madankollu, huwa interessanti li fil-Malti jirriżulta b'assimilazzjoni progressiva (rari ħafna fil-Malti) fil-kelma Semitika *gzuz* [gʣuːʦ], pl. ta' *gozz* GZZ (< *gods* GDS).

Dawn il-ħsejjes mhumiex kontinwanti, jiġifieri tista' tirrepetihom, imma ma tistax ittawwalhom.

F'daqsxejn ta' tabella, it-tliet ħsejjes jistgħu jidhru hekk:

"ż" ⟶ L [z] żifen, beżża'

"z" ⟶ N [ʦ] zalza, tazza
"z" ⟶ L [ʣ] zero, organizza




It-tliet ħsejjes tista' ssibhom flimkien fil-kelma:

**diżorganizzazzjoni**
(1) (2b) (2a)

Bilkemm għandna bżonn inżidu li din li nużaw l-istess simboli għal ħsejjes differenti, hija waħda miż-żewġ deċiżjonijiet tal-ortografija Maltija li jiksru l-prinċipju fonetiku ta' "simbolu wieħed: ħoss wieħed", deċiżjoni li ilha li ttieħdet sa mit-twaqqif tal-ortografija uffiċjali fl-1924[1]. L-oħra hija dik tal-1992 (ara t-*Tagħrif 2*, p. 142, f.n. 5), li qatgħetha li s-simbolu "x", li sa dak iż-żmien kien iwassal il-ħoss imniffes [ʃ] biss, kellu jibda jintuża wkoll għall-ħoss imleħħen korrispondenti [ʒ], ħoss li, għalkemm ġa kien jirriżulta kontestwalment f'każi bħal *xbajna*, *xbar*, *xbin*, *x'dar*, eċċ., konna bdejna niltaqgħu miegħu bħala fonema għaliha fi ftit kliem mill-Ingliż, bħal *television*, *division* u *casual*.

Issa l-problema jekk niktbux *zona* jew *żona* hija sempliċi, għax din mhix kwistjoni ta' interpretazzjoni tagħna. Irridu niftakru li l-ortografija mhix qiegħda biex tiddeċiedi x'ngħidu u kif ngħiduh. Xogħolha huwa li, ladarba kelma tkun aċċettata mill-kelliema bħala kelma valida u meħtieġa fil-vokabolarju tal-Malti, issibilha mod kif għandha tinkiteb.

Li *zona* hija kelma użata u meħtieġa fil-vokabolarju tal-kelliema Maltin ma naħsibx li hawn min imerih. Allura l-ewwel mistoqsija li rridu nagħmlu hija: il-kelliema tal-Malti kif jippronunzjawha? Hawn jidher li jeżistu żewġ pronunzji differenti:

- waħda biż-**ż** (ara (1) ta' hawn fuq), i.e. bil-ħoss frikattiv imleħħen [ˈzɔːnɐ], u
- l-oħra biz-**z** (ara (2b) ta' hawn fuq), i.e. bil-ħoss affrikattiv imleħħen [ˈʣɔːnɐ].

Jien smajthom it-tnejn u mingħand ħafna nies, u naħseb li nistgħu ngħidu li t-tnejn huma kurrenti fil-pronunzja. Jien ngħidha bit-tieni mod, imma jien kelliem wieħed fost ħafna, u għalija t-tnejn huma aċċettabbli. Biz-**z** affrikattiva mniffsa ta' (2a), jiġifieri [ˈʦɔːnɐ], ma smajtha qatt.

Il-kitba ssegwi l-pronunzja, fis-sens li min jippronunzja bl-ewwel mod [ˈzɔːnɐ] għandu

[1] Fis-sewwa, it-*Tagħrif* (p. XXIII) isemmi biss li l-ittra *z* hija "Z Taljana bil-ħoss ta' *ts* fil-kelma: *Pazza.* Ingliża fil-kelma: *Pots*" u jagħti eżempju wieħed biss: *Zokk.* Jiġifieri, hawnhekk il-korrispondent imleħħen [ʣ] lanqas biss jiġi kkunsidrat. Madankollu, nistgħu nassumu li f'moħħhom kellhom il-fatt li fit-Taljan din il-konsonanti għandha ż-żewġ pronunzji (eż. *ragazzo* u *zolfo*).

jikteb *żona*, filwaqt li min jippronunzjaha [ˈʣɔːnɐ] għandu jiktibha *zona*. U, bħal f'tant ħwejjeġ oħra, wieħed għandu jirrispetta, japprezza u jsostni d-diversità ta' min ikollu soluzzjoni differenti minn tiegħu.

Ikolli ngħid li, f'dan il-każ, il-problema iktar inqalgħet minħabba li din il-kelma – b'xorti iktar ħażina milli tajba – ngħatat bħala eżempju tar-regola Ċ7 taż-*Żieda mat-Tagħrif* (ara t-*Tagħrif 2*, p. 135), li suppost kellha tiċċara s-sitwazzjoni:

> **7.** *Il-ħoss fonetiku 'dz'.*
>
> Għalkemm fil-Malti niktbu żona (ħoss: dzona); per tradizzjoni, fi kliem ieħor, dan il-ħoss dejjem inkiteb *zz*: gazzetta, organizzazzjoni, mazza, magazzin. Għalhekk, għalkemm nistgħu nħalltuh mal-ħoss ta' *zz* fil-kelma 'mazzit', dan is-simbolu għandu jinżamm.

Issa jien ir-regoli nħobbhom u nimxi fuqhom, imma nħobbhom meta jkunu – kif għandhom ikunu dejjem – ċari u bla ambigwità, biex inkun nista' nimxi fuqhom u nħossni fiż-żgur. Imma din ir-regola għalija dejjem kienet kollox barra ċara għal diversi raġunijiet:

1. Qed tgħid li niktbu *żona* (i.e. (1) ta' fuq) u fl-istess ħin qed tagħti indikazzjoni li din għandha l-ħoss ta' /ʣ/ (2b)! L-istess żball elementari ta' min jikteb *organiżża*.
2. Mid-deskrizzjoni u mill-eżempji mogħtija, ir-regola jidher li qed timplika li l-ħoss imleħħen /ʣ/ issibu dejjem twil, ħlief fl-eċċezzjoni *żona*. Imma din mhix eċċezzjoni għax fil-Malti hemm numru żgħir ta' kliem ieħor b'/ʣ/ fil-bidu jew f'nofs il-kelma li hija ppronunzjata qasira (eż. *zu*, *zefir*, *magazin*).
3. Fost l-eżempji tal-"ħoss fonetiku 'dz'" mogħtija mar-regola, insibu l-kelma *mazza*, li fil-fatt hija ppronunzjata bl-imniffsa /ʦ/, eżatt bħal *mazzit*.
4. L-eżempju *organizzazzjoni* wkoll huwa infeliċi, għaliex fih kemm l-imleħħna /ʣ/ u kemm l-imniffsa /ʦ/.

Jidher ċar li din ir-regola ma tantx tgħinna la biex nispjegaw il-kitba ta' *zona*/*żona* u lanqas biex tnaqqsilna xi inċertezza dwar dawn il-ħsejjes.

F'din is-sitwazzjoni, u l-aktar minħabba li ż-żewġ pronunzji huma frekwenti, jiena naħseb li nkunu għaqlin jekk inqisu ż-żewġ alternattivi bħala varjanti fonetiċi, kull waħda bis-sura ortografika tagħha, u ma nippreskrivu kontra l-ebda waħda minnhom.

Dan jgħodd ukoll għal numru żgħir ta' kliem simili b'żewġ pronunzji kurrenti (kif issemma fin-nota 2 ta' hawn fuq), bħal: *zefir*/*żefir*, *zero*/*żero*, *zorr*/*żorr*, *magazin*/*magażin* u *zu*/*żu* (b'xi kliem li joħroġ minnha, bħal *żuwoloġija*).

*Ħajr lill-Prof. Manwel Mifsud li laħħam din it-tweġiba għal l-aċċent*

# *Il-Linji Gwida Interni*: ir-raba' edizzjoni

Victor Bonanno

Il-Grupp Lingwistiku bi pjaċir iħabbar li ppubblika r-raba' edizzjoni ta' *Il-Linji Gwida Interni* (LGI). Dan kien proġett li nbeda fl-2009 bil-ħsieb li xogħolna jkun miktub b'Malti tajjeb u li tiġi rispettata ċerta konsistenza interna sabiex jitħaffef ix-xogħol tat-traduttur.




Għaldaqstant, dawn il-linji gwida jinkludu kemm noti lingwistiċi kif ukoll stilistiċi. Sa mill-bidu nett dawn il-linji gwida kienu maħsuba li jibqgħu jiġu aġġornati, żviluppati u riveduti sabiex jirriflettu eżiġenzi ġodda li niltaqgħu magħhom maż-żmien. Fl-2015, wara li twaqqaf il-Grupp Lingwistiku bil-ħsieb li, fost affarijiet oħra, ikun responsabbli mill-pubblikazzjoni tal-LGI, tnediet it-tielet edizzjoni tal-LGI flimkien ma' paġna ddedikata għalihom fis-sit web tad-Dipartiment fejn wieħed jista' jsib il-verżjoni pdf tad-dokument. Din l-innovazzjoni tgħin mhux ftit lill-qarrej li jista' jsib aktar faċilment dak li jkun qed ifittex billi jagħmel użu mill-funzjoni *search*, kif ukoll jibża' għall-ambjent billi ma jkollux għalfejn jistampahom. Barra minn hekk, il-LGI jinkludu ċerti links għal websajts oħra, għaldaqstant ikun ħafna aktar faċli li wieħed jaqrahom elettronikament sabiex ikun jista' jaċċessa dawn il-links.

Għar-raba' verżjoni tal-LGI, il-Grupp Lingwistiku ta ħarsa lejn id-diversi linji gwida u manwali li t-tradutturi huma mistennija jimxu magħhom, fosthom *Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali* u Il-*Gwida Prattika Komuni*. Dan għamilnieh l-ewwel nett biex inkunu ċerti li ma jkun hemm xejn fil-linji gwida interni li jmur kontra dak li aħna mistennija nimxu miegħu fuq livell interistituzzjonali, u t-tieni biex nagħżlu l-aktar punti pertinenti għal xogħolna u nenfasizzawhom billi nippubblikawhom fl-edizzjoni l-ġdida tal-LGI. Dan għamilnieh bi djalogu regolari mal-ġuristi lingwisti tal-Kummissjoni, mat-terminologi, kif ukoll mal-kollegi tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

Barra minn hekk, żammejna kuntatt ma' esperti lingwistiċi, anki mal-Kunsill tal-Malti, li ggwidana f'dak li ġejna bżonn, kif ukoll ħadna nota ta' emails u ta' tagħrif ieħor li stajna rċevejna (pereżempju waqt korsijiet) biex b'hekk din l-informazzjoni ma tintilifx u ma tintesiex, iżda tiġi rreġistrata fil-LGI biex b'hekk tingħadda wkoll lil tradutturi u apprendisti futuri li jiġu jaħdmu fid-Dipartiment, kif ukoll lit-tradutturi esterni li huma mistennija jkunu konsistenti ma' normi interni.

Il-Werrej

Daħla mill-Kap tad-Dipartiment ..... 7
L-Ewwel Taqsima: Punti Grammatikali ..... 10
1. Il-varjanti u l-konsistenza fid-dokumenti ..... 10
2. L-aċċent ..... 10
3. L-appostrofu u l-virgoletti mżaqqin ..... 11
3.1 L-appostrofu bħala kontrazzjoni fin-negattiv ..... 12
4. L-artiklu ..... 13
4.1 L-artiklu fit-titli u fit-tabelli ..... 13
4.2 L-artiklu mal-ismijiet ta' Pubblikazzjonijiet, ta' Fondi, ta' Strateġiji u l-bqija ..... 14
5. Il-konjugazzjoni tal-verbi bl-**ixx** ..... 15
6. Il-markatur **lil** ..... 16
6.1 Il-markatur lil fil-kuntest ..... 16
7. Il-prepożizzjonijiet iridu jinkitbu kull darba? ..... 17
8. Il-binja ta' **għandu+kellu** ..... 18
9. Il-qbil grammatikali ..... 19
9.1 Il-qbil man-nomi propji ..... 19
9.2 Il-qbil fil-frażi nominali ..... 19
9.3 Il-każ ta' 'inkluż' ..... 19
10. L-iżbarra jew il-parenteżi għall-ġens u għall-għadd ..... 21
11. L-ordni sintattika fil-frażi nominali ..... 22
12. Sintassi aħjar ..... 23
12.1 Il-prepożizzjonijiet li jaħbtu bejn il-konġunzjonijiet u u jew ..... 24
13. Il-binja sintattika kundizzjonali ..... 25
14. Il-frażi nominali li tinkludi l-għadd ..... 25
15. In-numri u l-frazzjoni deċimali ..... 26
It-Tieni Taqsima: Stil u Punteġġjatura ..... 27
1. Il-korrispondenza ..... 27
1.1 L-indirizzar tal-persuni ..... 27
1.2 It-traduzzjoni tal-indirizzi ..... 27
1.3 Ittri indirizzati lill-ambaxxaturi u lir-rappreżentanti permanenti ..... 27
1.4 L-indirizz sħiħ tar-Rappreżentant Permanenti ..... 28
1.5 Il-format ta' indirizz postali f'Malta ..... 28

3

Estratt mill-Werrej ta' *Il-Linji Gwida Interni*

Din il-ħidma rriżultat f'diversi artikli ġodda li żdiedu fl-aħħar edizzjoni tal-LGI. Fosthom, insibu artiklu dwar kif għandhom jiġu tradotti l-ismijiet tal-pajjiżi u r-reġjuni u f'liema ordni għandhom jinkitbu (informazzjoni meħuda mill-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali), kif ukoll artiklu dwar l-għadd u l-ġens ta' pajjiżi partikolari (eż. l-Istati Uniti u n-Netherlands). Insibu wkoll nota dwar l-atti delegati, l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti emendatorji (informazzjoni meħuda mill-Gwida Prattika Komuni, kif ukoll bis-saħħa ta' kuntatt mat-terminologi, mal-ġuristi lingwisti u ma' kollegi

oħra li taw preżentazzjonijiet fid-Dipartiment dwar is-suġġett). Peress li kif għedna aktar kmieni l-LGI huma maħsuba li jiġu aġġornati maż-żmien skont l-eżiġenzi li jinqalgħu, kulma jmur qed nagħmlu wkoll aktar enfasi fuq ċerti għodod li jgħinuna f'xogħolna. Għaldaqstant qed niddedikaw għadd ta' artikli għal għodod bħalma huma l-*autocorrect* u l-*QA Checker* li jintużaw fil-programm SDL Studio. Apparti minn hekk, għadd ta' artikli diġà eżistenti f'verżjonijiet preċedenti ġew riveduti u aġġornati, pereżempju n-nota li tikkonċerna t-traduzzjoni ta' 'shall' u 'should'. Fl-aħħar edizzjoni ssibu mudell li jispjega kif għandhom jiġu tradotti dawn it-termini u f'liema każijiet.

Sabiex ikun ċar liema artikli ġew mibdula, aġġornati jew miżjuda mill-verżjoni preċedenti, wieħed għandu biss jagħti ħarsa lejn il-Werrej tal-LGI. Hawnhekk ħadna ħsieb li dawn l-artikli jiġu mmarkati b'kulur differenti, u b'hekk il-qarrej ikun jaf li f'dak l-artiklu hemm informazzjoni importanti li għandu jieħu nota tagħha. Barra minn hekk, bħal kif sar meta ġiet ippubblikata l-aħħar edizzjoni tal-LGI, se jiġi stampat fuljett li jiġbor fih siltiet mil-LGI. Dan il-fuljett huwa utli għaliex huwa konċiż u jiġbor fih l-aktar punti kruċjali u ġodda tal-verżjoni l-ġdida. Però ta' min jenfasizza li dan il-fuljett ma jiġborx kollox fih, u fl-aħħar nett dejjem għandha ssir referenza għal-LGI sħaħ.

Permezz tal-functional mailbox, DGT-MT-GRUPP-LINGWISTIKU@ec.europa.eu, il-Grupp Lingwistiku jżomm kuntatt mal-kollegi tad-Dipartiment tal-Malti. Jintuża kemm mill-kollegi biex isaqsu lill-Grupp Lingwistiku jekk ikollhom xi problema jew dubju mil-lat lingwistiku jew stilistiku, kif ukoll mill-Grupp biex iwieġeb għad-domandi tal-kollegi u jibgħat tfakkiriet jew noti regolari meħudin mil-LGI jew wara li jitqajjem xi punt li jinħass importanti. Dan l-indirizz jista' jintuża mhux biss internament mill-membri tal-Kummissjoni, iżda anke interistituzzjonalment minn kull min ikun jixtieq jikkuntattjana. Barra minn hekk, kull min ikun jixtieq kopja ta' dawn il-linji gwida iżda m'għandux aċċess għas-sit web tad-Dipartiment, nitolbukom tibagħtulna email biex inkunu nistgħu nibagħtulkom kopja pdf tal-LGI.

Kien hemm diversi nies li taw il-kontribut tagħhom biex tinħareġ din l-edizzjoni tal-LGI. Kien hemm diversi membri tal-Grupp Lingwistiku (u anke barra minnu) li kitbu linji gwida li ġew ippubblikati, oħrajn taw informazzjoni siewja biex jinkitbu ċerti linji gwida oħrajn. Kien hemm min ħa ħsieb id-disinn tal-LGI u tal-fuljett, oħrajn li għamlu l-qari tal-provi.

F'isem il-Grupp Lingwistiku, nixtieq nirringrazzja lil kull min ta l-kontribut tiegħu, kbir jew żgħir. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lill-Kapijiet tal-Unità u tad-Dipartiment tal-appoġġ tagħhom u talli taw l-opinjonijiet u l-approvazzjoni tagħhom għal kulma ġie ppubblikat f'din l-edizzjoni. Fl-aħħar nett, nirringrazzja lill-qarrejja kollha tal-LGI. Napprezzaw ir-reazzjonijiet u s-suġġerimenti tagħkom biex inkomplu ntejbu din il-pubblikazzjoni ma' kull edizzjoni li tinħareġ.

*Victor Bonanno huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

Is-silta li ġejja hija meħuda minn *Il-Linji Gwida Interni* mfassla għat-tradutturi tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea. Qed naqsmuha mal-qarrejja ta' *l-aċċent* f'każ li tista' tkun ta' għajnuna għalihom ukoll.



Mudell ta' dokument – punti importanti dwar l-istil

It-titolu

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġlieda kontra l-frodi fl-Unjoni Ewropea**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Il-preambolu

Il-kunsiderazzjonijiet (Il-bażi ġuridika + il-passi proċedurali)

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 325(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea u l-Komunikazzjoni li takkumpanjaha dwar "Unjoni Ewropea mingħajr frodi"[1],

Jekk wara l-kwotazzjoni jkun hemm nota f'qiegħ il-paġna, il-punt finali ta' waqfa jitqiegħed wara n-nota f'qiegħ il-paġna, fil-każijiet kollha.

Billi:

Il-premessi

(1) Jeħtieġ li jiġi vvalutat l-impatt sostanzjali fuq l-interessi finanzjarji tal-UE.

(2) Kif iddikjarat fl-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea kontra l-frodi: "Il-pajjiżi tal-UE jamministraw kważi d-dħul kollu mill-baġit tal-UE"[2].

(3) Jeħtieġ li l-liġi kriminali fl-Istati Membri tittejjeb sabiex tilqa' għall-frodi fl-Unjoni Ewropea u jeħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Istati Membri ma jiġux kompromessi,

Kull premessa tibda b'ittra kapitali u tispiċċa b'punt finali, għajr għall-aħħar premessa li tispiċċa dejjem b'virgola.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

It-termini ta' promulgazzjoni

L-Artikoli

*Artikolu 1*
*Suġġett*

Din id-Direttiva għandha tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi.

*Artikolu 2*
*Reati kriminali relatati ma' frodi*

Fit-titli, il-kliem bħal Artikolu jew Titolu ma jiħux l-artiklu definit l-. Din hi prassi wkoll fil-liġijiet ta' Malta.

L-Istati Membri[3] għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li [...]

*Artikolu 3*
*Responsabbiltajiet ta' persuni ġuridiċi*

1. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika ma għandhiex teskludi [...]

2. Għall-għan ta' din id-Direttiva, "persuna ġuridika" għandha tfisser [...]

Għad-definizzjonijiet nużaw dejjem il-femminil "tfisser" kif jagħmlu l-istituzzjonijiet l-oħra. Aqra iżjed dwar L-użu ta' tfisser fid-definizzjonijiet f'dawn il-linji gwida.

*Artikolu 4*
*Dħul fis-seħħ*

In-numru hawnhekk jinkiteb dejjem bħala kelma sħiħa u qatt f'ċifri.

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formuli tal-għeluq

Magħmul fi Brussell,

Tibqa' dejjem bil-forma tal-maskil "Magħmul fi".

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

Fir-referenzi għad-dokumenti tal-Kummissjoni bid-data mis-27 ta' Jannar 2012 'il quddiem, niktbu "COM" u "final", u jekk tokkorri "SEC". Fir-referenzi għad-dokumenti ta' qabel din id-data, nużaw it-traduzzjonijiet bil-Malti "KUMM", "finali" u "SEC". Aqra iżjed hawn.

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-24 ta' Lulju 2017 "Unjoni Ewropea mingħajr frodi" (COM(2017) 542 final).

[2] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, u lill-Qorti tal-Awdituri tal-11 ta' Mejju 2011 "L-Istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-Frodi" (KUMM(2011) 376 finali).

[3] Il-lista tal-Istati Membri tinsab fl-Anness 2 ta' din id-Direttiva.

In-noti f'qiegħ il-paġna jispiċċaw dejjem b'punt fl-aħħar.

***Il-Linji Gwida Interni* ssibhom hawn:**
**https://ec.europa.eu/info/files/maltese-resources-guidelines-translating-maltese_en**

KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

# Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 4 – Il-gżejjer tal-Karibew (it-tieni parti)

Antoine Cassar

Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu (*l-aċċent* ħarġa 16) iddiskutejna l-ewwel żewġ kunsiderazzjonijiet minn erbgħa dwar it-traduzzjoni (jew le) tal-ismijiet tal-gżejjer: (i) it-trikkib kważi totali bejn it-toponomija *fiżika* u dik *politika*, li ġieli jikkomplika flok iħaffef ix-xogħol toponomastiku (il-każ ta' *Puerto Rico*, territorju tal-Istati Uniti minkejja li parti mid-dinja Latina); u (ii) il-ħaġjonomi, li jitqiesu traduċibbli ħlief fejn il-lingwa pont tirrispetta l-isem fil-lingwa lokali u/jew kolonjali tal-post (eż. *Santa Luċija* iżda *Sint Eustatius*). F'din it-tieni parti tal-artiklu niddiskutu żewġ kunsiderazzjonijiet oħra – il-kelmiet *Gżira* jew *Gżejjer* bħala parti integrali mill-isem, u l-użu tal-artiklu – imbagħad nagħtu ħarsa lejn is-seba' kategoriji ta' ismijiet ta' gżejjer bl-Ingliż li stabbilejt waqt ir-riċerka, u kif l-aħjar li nimxu għal kull kategorija biex naslu għat-toponimu Malti.

**iii) *Gżira*, *Gżejjer*, eċċ. bħala parti integrali mill-isem**

Il-biċċa l-kbira mit-toponimi, partikularment dawk fiżiċi, ikunu komposti, jiġifieri magħmulin minn parti ***ġenerika*** – indikazzjoni tal-element ġeografiku (eż. *il-Muntanja*, *il-Baħar*, *il-Kap*), flimkien ma' parti ***speċifika*** (Aurousseau, 1957, p. 8) – deskrizzjoni b'nom proprju (eż. *Everest*), b'aġġettiv (eż. *Karibew*) jew anki bi frażi (eż. *tal-Isperanza t-Tajba*). Spiss, fejn il-parti speċifika tal-isem hija appuntu speċifika biżżejjed, il-parti ġenerika tista' taqa', biex joqgħod waħdu n-nom, jew l-aġġettiv daqslikieku nom (eż. *fuq l-Everest*, *fil-Karibew*). F'dawn il-każijiet, in-nom jew l-aġġettiv mhumiex it-toponimu sħiħ, iżda taqsira komda li tippermetti użu iktar flessibbli tal-kelma.

L-ismijiet tal-gżejjer ġeneralment ma jkunux komposti, iżda nomi proprji assolutament speċifiċi: *Malta, Kuba, Ġamajka*. Madankollu, kultant fil-mapep insibu ismijiet ta' gżejjer li jirrikjedu l-preżenza ta' parti ġenerika: jew biex tiġi evitata ambigwità jew skumdità; jew minħabba tradizzjoni; jew għaliex in-nom jew l-aġġettiv ma jitqiesx semantikament suffiċjenti biex jirreferi mingħajr dubji għall-gżira jew gżejjer partikolari. Fl-eżempji ċelebri *Isle of Wight, Robben Island, Long Island*, il-kelma *Isle* jew *Island* mhijiex element eżotiku, iżda hija meħtieġa bħala parti integrali mit-toponimu; tagħtih iktar speċifiċità, tant li kważi kważi tista' titqies bħala nofs il-parti speċifika minflok dik ġenerika.

Hemm ukoll ismijiet ta' gżejjer, partikularment arċipelagi, li jinkludu kelma bħal *Islands* jew ekwivalenti meta jingħadu jew jinkitbu sħaħ,



Grand Cayman

iżda li jistgħu jwaqqgħuha billi l-parti speċifika titqiegħed fil-plural (sakemm mhijiex fil-plural diġà) u tieħu l-artiklu. Dan huwa l-każ, fil-Karibew, ta' mill-inqas erba' għenieqed ta' gżejjer, kif ġej.

- **il-Gżejjer Cayman**, forma qasira **il-Caymans**

Tliet gżejjer li jinsabu 'l isfel minn Kuba u fil-Majjistral mill-Ġamajka. Tinżamm il-kitba Ingliża, mhux biss għax territorju estern Brittaniku, iżda wkoll għaliex il-forma **il-Gżejjer Kajman(i)*, għalkemm poetika, kienet tkun falsifikazzjoni, kemm tal-ħoss (*kajmân* flok it-tlissina Maltingliża *kéjmin*) u kemm tas-sens. Dawn il-gżejjer huma msemmija għal tip ta' kukkudrill tal-baħar, bl-Ingliż *caiman*, mill-Ispanjol *caimán*, min-naħa tagħha meħuda mill-Karib, appuntu wieħed mill-ilsna indiġeni tal-Karibew. F'leġiżlazzjoni tal-KE li tinkludi parti mill-elenku taċ-CITES[1], dan l-annimal bil-Malti jissejjaħ fil-fatt *kajman*; madankollu, l-I tal-Ingliż *caiman* saret Y fl-isem tal-gżejjer, jiġifieri t-toponimu evolva u nqata' min-nom oriġinali. Bit-Taljan, l-isem huwa *Isole Cayman*, mhux **dei Caimani* (es: *Islas Caimán*, fr: *Îles Caïman*, iżda dawn mhumiex il-lingwi pont tagħna). Għaldaqstant, bil-Malti jkun għaqli li nżommu l-kitba Ingliża tal-parti speċifika tal-isem, jiġifieri il-**Gżejjer Cayman**. Il-lista aġġornata tal-pajjiżi tal-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali tirrifletti tali għażla, wisq probabbli għal raġunijiet ta' prudenza. Qabel l-1 ta' Jannar 2015, il-lista kienet tgħid **il-Gżejjer Kajman*.

[1] Lista twila ta' annimali f'periklu ta' estinzjoni, inkluża fil-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu. Ara l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1332/2005, li jagħti l-ismijiet *Kajman ta' Rio Apoporis*, *Kajman imnieħru wiesa'*, u *Kajman iswed*: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32005R1332&rid=1 (p. 156).

Bejn dan l-arċipelagu u l-Ġamajka nsibu l-*Cayman Trough*, bit-Taljan *la Fossa delle Cayman*, l-iktar żona fonda tal-Baħar Karibew, fejn il-Qoxra Tettonika tal-Karibew tiltaqa' ma' dik tal-Amerka ta' Fuq. Skont il-Wikipedia, *trough* hija dipressjoni tawwalija, inqas wieqfa minn *trench.*[2] Bil-Malti, hemm ħafna alternattivi għal *trough* u għal *trench*, iżda biex sibt l-iktar għażla xierqa, **il-Fondoq tal-Caymans** – bil-plural għax imsemmi għall-gżejjer, domt ħafna nixxabbat biex nixref minn ġol-fondoq. It-Taljan donnu ma jagħżilx bejniethom: l-iktar *trench* fond u magħruf, il-*Mariana Trench* fil-Punent tal-Paċifiku, bit-Taljan jissejjaħ *la Fossa delle Marianne* – ukoll bil-plural, għax imsemmi għal arċipelagu, il-Gżejjer Marjanni. Bil-Malti spiċċajt iddeċidejt li ma hemmx bżonn distinzjoni lanqas, u għaldaqstant, kif għad naraw f'artiklu u mappa 'l quddiem meta naslu fix-xaqliba l-oħra tal-Paċifiku, ħadt nota tat-toponimu *il-Fondoq tal-Marjanni*.

Fid-damma ta' termini ġeografiċi ta' Gilson *et al.* (Gilson, DeBattista, Quintano, Buttigieg, u Spiteri Staines, 2014), insibu l-entrati li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| ***Deep-sea trench*** | *fossa jew fondoq f'qiegħ l-oċean* | (p. 14) |
| ***Ocean trench*** | *ħondoq f'qiegħ l-oċean* | (p. 34) |

Gilson juża *ħondoq* ukoll b'referenza partikulari għall-Maqluba tal-Qrendi, fil-ktieb *Id-Dinja Darna 2* (2014).

Fost dawn it-termini proposti u oħrajn li kkunsidrajt, *foss* ma jidhirlix li tagħti l-idea ta' profondità enormi, u lanqas *fossa*, li infeliċement tista' tfisser *cesspit* (ta' dar, pereżempju), u f'kull każ it-tnejn x'aktarx ikunu xogħol il-bniedem. *Trunċiera* hija marbuta l-iktar mal-gwerra, u *trinka* mat-toroq. *Ħondoq* ikun iktar profond minn *ħandaq* (*ditch*), għalkemm jista' jkun ukoll speċi ta' gandott imħaffer madwar kastell jew fortizza (*moat*). S'issa, dawn it-termini kollha għandhom konnotazzjoni ta' affarijiet magħmulin mill-bniedem. Il-kelma li fadal, *fondoq*, għalkemm x'aktarx ta' użu iktar rari, tidher l-iktar kelma 'naturali', jew tal-inqas, l-iktar xierqa bħala terminu ġeoloġiku. Id-DM (*Dizzjunarju tal-Malti*)[3] jagħti taħt *fondoq*, fost l-oħrajn, "a dip in the land, a chasm", u *chasm* huwa terminu ieħor għal *rift*, bħal tal-*Wied tar-Rift il-Kbir* li rajna fl-Afrika fit-tieni artiklu tas-sensiela (*l-aċċent* ħarġa 12). Fl-aħħar, għalkemm din hija raġuni xi ftit soġġettiva, hemm xi ħaġa fil-ħoss ta' *fondoq* – iż-żewġ vokali fuq wara tal-ħalq, u l-Q gutturali/glottali – li tagħti ftit mis-sens ta' profondità (u forsi anki ta' waħx) tat-*trench* ġeografiku.

Mill-ġdid, għalkemm tista' tidher stramberija jew żvista li fuq il-mappa nsibu qrib xulxin *il-Gżejjer Cayman* iżda *il-Fondoq tal-Caymans*, dan il-plural huwa meħtieġ, u mhuwiex inkonsistenza iżda sempliċi adattament grammatikali.

[2] "In geology, a **trough** is a linear structural depression that extends laterally over a distance, while being less steep than a **trench**." (http://en.wikipedia.org/wiki/Trough_(geology)).
[3] http://maltesedictionary.org.mt

- **il-Gżejjer Turks u Caicos**, forma qasira **it-Turks u l-Caicos**




Għanqud ieħor, anzi tnejn miġburin politikament flimkien, huwa territorju estern tar-Renju Unit. Flimkien mal-**Baħamas** jiffurmaw l-**Arċipelagu tal-Lucayas**, u jinsabu fit-tarf tax-Xlokk tiegħu. Huma popolari ħafna mat-turisti Kanadiżi, u fil-fatt, fl-aħħar ftit snin, kien hemm sforzi politiċi biex iż-żewġ għenieqed isiru l-ħdax-il provinċja tal-Kanada. Li kieku kienu stat sovran, xorta waħda kienet tinżamm il-kitba Ingliża tal-parti speċifika tat-toponimu, kif jiġri bit-Taljan, *Isole Turks e Caicos*. Fil-forma mqassra bil-Malti, il-grammatika titlob li l-artiklu jiddaħħal mhux biss fil-bidu, iżda wkoll mat-tieni element semantiku, jiġifieri *it-Turks u l-Caicos*, mhux **it-Turks u Caicos*.



Eżempju ta' melocactus, magħruf ukoll bl-Ingliż bħala Turk's cap cactus.

Ir-rabta mat-Torok hija metaforika: il-gżejjer Turks huma msemmija għal tip ta' kaktus magħruf bl-Ingliż bħala *Turk's cap cactus*, li donnu liebes feż aħmar. Il-gżejjer Caicos, mill-banda l-oħra, iġibu isimhom mill-kliem indiġenu (bl-ilsien Taíno) *caya hico*, li jfissru 'sensiela ta' gżejjer'.

- **il-Gżejjer Verġni** (Brittaniċi, tal-Istati Uniti, Spanjoli), *mingħajr* forma mqassra bil-Malti




Fuq nett tal-Antilli ż-Żgħar, fil-Lvant minn Puerto Rico, dawn il-gżejjer huma maqsumin bejn żewġ stati mbiegħda: dawk tal-Punent, *il-Gżejjer Verġni Spanjoli*, huma amministrattivament parti minn Puerto Rico, u għaldaqstant mill-Istati Uniti, bħalma huma b'mod iktar dirett il-gżejriet tan-nofs, *il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti*; filwaqt li dawk tal-Lvant huma territorju estern Brittaniku.

Il-parti speċifika tat-toponimu hija aġġettiv, traduċibbli f'lingwi oħra, eż. *le Isole Vergini*, *las Islas Vírgenes*, *les Îles Vierges*. Madankollu, bl-Ingliż il-parti ġenerika ġieli titwaqqa', u l-aġġettiv isir nom fil-plural, *the Virgins*. Bl-Ispanjol teżisti wkoll it-taqsira *las Vírgenes*; ma sibtx eżempji, però, ta' taqsira simili f'ilsna mhux uffiċjali ta' dawn il-gżejjer, fosthom it-Taljan u l-Franċiż – forsi mhux daqstant biex tiġi evitata ambigwità skomda jew potenzjalment umoristika, iżda għas-sempliċi raġuni illi dawn il-gżejjer jinħassu mbiegħda fil-kuxjenza ġeografika ta' dawn il-lingwi. Fl-istess linja, ma jkunx prattiku, jidhirli, li bil-Malti ndaħħlu l-forma qasira **il-Verġnijiet*.

- **il-Gżejriet tal-Florida**

Il-*Florida Keys* huma ħnejja ta' gżejriet li tibda f'tarf il-peniżola tax-Xlokk tal-Istati Uniti u tibqa' sejra lejn il-Lbiċ sa tilħaq id-*Dry Tortugas*, madwar 90 km 'il fuq minn Kuba. Ingħaqdu mal-kontinent fl-1912 permezz tal-*Overseas Railroad*, li mbagħad inbidlet fil-famuża *U.S. Highway 1* wara li prattikament inqerdet minn uragan fl-1935. Il-kelma *Keys* hija kitba oħra għal *Cays*, mill-Ispanjol *cayo*, li min-naħa tagħha, kif rajna fl-etimoloġija tal-għanqud tal-Caicos, ġejja mill-kelma Taíno għal "gżira". Madankollu, bħala terminu ġeoloġiku, *cay* tfisser tip speċifiku ta' gżira: il-wiċċ, x'aktarx tar-ramel, ta' sikka tal-qroll. Bit-Taljan *isola corallina*.

Għall-isem Malti – bħala toponimu fiżiku aktar milli politiku, ikkunsidrajt il-possibbiltà **is-Sikek tal-Florida*, iżda din tkun ambigwa ħafna, l-ewwel nett għax bil-Malti *sikka* ma tagħtix l-idea ta' post mgħammar min-nies, u t-tieni għaliex tista' tirreferi wkoll għall-*Florida Reef*, sikka tal-qroll tawwalija iżda ġeneralment taħt wiċċ l-ilma, li tinsab ftit kilometri fin-Nofsinhar mill-gżejjer. Għażla preċiża, għalkemm twila u goffa, kienet tkun **il-Gżejriet tal-Qroll tal-Florida*; imma jekk inneħħu l-parti tan-nofs, *il-Gżejriet tal-Florida* hija biżżejjed biex tirreferi għal din il-ħnejja. B'antonomażja, għax il-Florida għandha gżejriet oħra, inqas magħrufin u inqas stabbli, magħmulin mill-mangrovja (it-*Ten Thousand Islands*, li fil-fatt huma mijiet u mhux eluf, qrib il-*Kap Romano*) jew mir-ramel (is-*Sea Islands*, tul ix-xatt Atlantiku tal-Florida, il-Georgia u s-South Carolina, li jidhru u jinħbew skont il-marea).

L-iktar gżira magħrufa fost il-Gżejriet tal-Florida hija **Key West**, li tagħti isimha lill-belt li tokkupaha (u li baqgħet tikber biex tkopri wkoll erba' gżejriet oħra fil-qrib). Għalkemm tinsab kważi fit-tarf tal-Punent tal-ħnejja, il-kelma *West* għandha etimoloġija ftit iktar tal-waħx: hija traspożizzjoni tal-isem Spanjol (*Cayo) Hueso*, letteralment "il-Gżejra (tal-Qroll) tal-Għadma", li skont il-leġġenda ġej mill-fatt li din il-gżejra partikolari kienet tintuża mill-poplu indiġenu tar-reġjun bħala ċimiterju. Fid-dawl tal-istorja tal-isem, u anki billi huwa toponimu tista' tgħid iktar politiku milli fiżiku, ma jagħmilx sens li *Key West* tinqaleb għal **il-Gżejra tal-Punent*, u lanqas għal **il-Gżejra West* (u wisq inqas **il-Gżejra Għadma*, li tmur lura wisq fl-istorja). L-isem kollettiv bil-Malti jista' jkun *il-Gżejriet tal-Florida*, iżda l-isem ta' kull gżejra individwali jaqbel li jibqa' bl-Ingliż. B'hekk ukoll tibqa' rispettata l-ordni sintattika ta' kull isem, meħtieġa għall-identifikazzjoni tagħha: qabbel eż. *Key West*, *Key Largo*, bil-parti ġenerika qabel in-nom proprju, ma' *Knights Key*, *Little Duck Key*, bil-maqlub.

La qegħdin fiż-żifna (jew fil-qadfa), tibqa' mdendla mistoqsija rigward it-terminu Ingliż *reef*, li għadna kif rajna fil-*Florida Reef*, it-tielet l-ikbar sistema tal-qroll fid-dinja wara l-*Great Barrier Reef* fil-Lvant tal-Awstralja u l-*Belize Barrier Reef*, parti mill-*Mesoamerican Barrier Reef System* li nsibu fil-Karibew stess. Skont il-Wikipedia, *reef* waħedha tista' tkun tal-blat, tar-ramel, tal-qroll jew ta' materjal simili (jew kombinazzjoni tagħhom), filwaqt li *barrier reef* tkun magħmula l-iktar mill-qroll, u tkun xkiel tawwali għat-tbaħħir.[4] Gilson *et al.* jagħtu fil-glossarju tagħhom "sikka jew skoll" għal *reef* waħedha, u "sikka tal-qroll" għal *barrier reef* (Gilson, DeBattista, Quintano, Buttigieg, u Spiteri Staines, 2014, pp. 40 u 7). Il-kelma *skoll* forsi tista' tindika *reef* żgħira, iżda (kif tixhed l-oriġni Taljana *scoglio*) hija marbuta l-iktar ma' blata solitarja; intant, *sikka* wkoll tista' tkun tal-blat, tar-ramel u/jew tal-qroll, iżda s-sens ewlieni huwa ta' periklu li jinsab taħt wiċċ il-baħar, anki jekk jista' jkun hemm partijiet li jixirfu fuq il-wiċċ fil-forma ta' skollijiet jew gżejriet.

[4] "A **reef** is a bar of rock, sand, coral or similar material, lying beneath the surface of water. Reefs may be up to 261 feet (80 m) below the surface." (http://en.wikipedia.org/wiki/Reef). "**Barrier reef** – reef separated from a mainland or island shore by a deep channel or lagoon." (http://en.wikipedia.org/wiki/Coral_reef).




Is-sikka tal-Florida

Madankollu, *sikka tal-qroll* ma tiġborx is-sens kollu ta' periklu tawwali li hemm fil-kelma Ingliż *barrier*. F'każ bħal tal-*Great Barrier Reef*, il-barriera hija magħmula mis-sikek, u s-sikek magħmulin mill-qroll. It-toponimu Ingliż jiġbor l-ewwel tnejn, għalkemm kultant tara wkoll il-varjant *Great Coral Reef*. Lingwi oħra jġibu fl-isem il-barriera u l-qroll, u jħallu barra l-kunċett ta' *reef*, li f'kull każ jibqa' impliċitu fil-kelma ekwivalenti għal *barriera*: eż. *Grande Barriera Corallina*, *Gran Barrera de Coral*, *Grande Barrière de Corail*.

Għal *barrier reef*, minn barriera, sikka u qroll, jaqbel li nagħżlu tnejn kif jagħmlu l-Ingliż u t-Taljan. Aġġettivi bħal *Kbira*, *Mesoamerikana* nistgħu ndaħħluhom wara. Il-kwistjoni hija liema minn dawk it-tliet nomi jista' jitħalla barra b'mod li jintilef l-inqas tifsir. Tliet alternattivi:

1) *sikka tal-qroll* – għalkemm *sikka* ovvjament tkun xkiel għat-tbaħħir, is-sens ta' tul ta' *barriera* huwa importanti biex il-qarrej tal-mappa jistħajjel l-element ġeografiku proprju fid-daqs u fil-forma tiegħu.

2) *barriera tas-sikek* – fiha ċertu trikkib kunċettwali bejn iż-żewġ nomi, u b'hekk, anki jekk qed nitkellmu dwar xkiel fiżiku, tiġi tinħass inqas trasparenti.

3) *barriera tal-qroll* – tidher l-iktar għażla ċara, terminu li jiġbor fih is-sens ta' xkiel tawwali, u l-kawża tiegħu.

Nistgħu nikkonkludu, allura, li *sikka* toqgħod għal *reef* waħedha, bħal fit-toponimu **is-Sikka tal-Florida**, u *barriera tal-qroll* għal *barrier reef*, f'toponimi bħall-*Barriera Kbira tal-Qroll* tal-Awstralja, u l-**Barriera tal-Qroll tal-Beliże**, li tifforma parti mis-**Sistema Mesoamerikana tal-Barrieri tal-Qroll**.[5]

Kif se naraw dalwaqt fil-preżentazzjoni tal-kategoriji ta' ismijiet ta' gżejjer, hemm ukoll każijiet fejn il-kelma ekwivalenti għal *Gżira/ Gżejjer*, eċċ. ma tinqalibx bil-Malti, għax bl-Ingliż il-parti ġenerika tat-toponimu tkun tħalliet fil-lingwa (uffiċjali jew kolonjali) tal-post: pereżempju, *Isla de la Juventud*, 50 km 'l isfel mill-pala tal-id ta' Kuba, f'mappa bl-Ingliż tibqa' tidher bl-Ispanjol.

**iv) L-użu tal-artiklu**

Nafu li l-ismijiet tal-gżejjer ġeneralment ikunu mingħajr artiklu, b'ċerti eċċezzjonijiet, bħall-Iżlanda, u (fil-Karibew) **il-Ġamajka**. Fil-paġna 1659 tal-volum M-Z tad-dizzjunarju Malti-Ingliż, Aquilina jibda l-lista tal-pajjiżi billi javża li l-ismijiet kollha jieħdu l-artiklu, għajr dawn li ġejjin: "Ċipru, Formosa, Franza, Ġibiltà, Ġeorġja, Greenland, Korsika, Kreta, Kuba, Pantellerija, Malta, Għawdex, San Kitts u Nevis, San Marino, Santa Luċija, San

[5] F'diskussjoni fuq il-forum *Kelmet il-Malti*, Joseph Francis Ferriggi ssuġġerixxa t-terminu *qrolliera* (eż. *il-Qrolliera l-Kbira*, *il-Qrolliera tal-Beliże*). Trovata ħelwa u kreattiva, iżda f'dan il-proġett ma nħossnix f'pożizzjoni li noħloq jew indaħħal termini ġeoloġiċi ġodda. (Barra minn hekk, kieku nibża' li *qrolliera* tkun stedina biex wieħed jinżel ibaqqan u jaqta' l-qroll...)


Il-Baħamas

Vinċenz u l-Grenadini, San Tomè u Prinċipe, Sardinja, Serbja, Sierra Leone, Singapor, Spanja, Sqallija u Wales". Il-lista alfabetika mbagħad tħalli l-artikli barra għall-kumdità grafika, ħlief fil-każ ta' "il-Baħamas", li wisq probabbli qabżitlu.

Din il-lista ta' pajjiżi li ma jeħdux l-artiklu tidher qasira ħafna. Jekk nimxu magħha, fil-Karibew se jkun hemm proporzjon għoli ta' gżejjer żgħar bl-artiklu – eż. **l-Antigwa u l-Barbuda*, **id-Dominika*, **il-Grenada*. F'kull każ, mhuwiex faċli li wieħed jaqta' linja deċiżiva bejn gżejjer li jieħdu l-artiklu ma' isimhom u dawk li ma jeħduhx. L-istatus ta' pajjiż, jew ta' pajjiż ta' ċerta importanza fil-kuxjenza Maltija, jew id-daqs, jidhru li huma fattur li jiffavorixxu l-użu jew iż-żieda (żbaljata jew le) tal-artiklu, iżda mhumiex determinanti.

Tiftix fl-MLRS tal-ismijiet *Ċipru*, *Kuba* u *Madagaskar* jagħti, fost l-ewwel 100 riżultat li jitilgħu, 5 każijiet ta' "ċ-Ċipru", 8 ta' "l-Kuba", u 99 ta' "l-Madagaskar" (sintendi, bl-i tal-leħen jew f'tagħqid ma' partiċella bħal *tal-*, *mill-*, eċċ.). Biex tkompli tħawwad il-borma, għal xi raġuni, il-verżjoni aġġornata tal-Anness A5 'ikkoreġiet' il-forma *il-Madagaskar* għal *Madagascar* bis-C, u mingħajr l-artiklu.

F'din il-panorama ta' konfużjoni, jaqbel li nassumu li isem ta' gżira ġeneralment ma jiħux l-artiklu, ħlief f'każijiet stabbiliti bħal tal-*Ġamajka* (MLRS: 98 każ bl-artiklu fl-ewwel 100 riżultat), u f'ismijiet li huma fil-plural, bħall-*Maldivi* jew **il-Baħamas**[6]. Eċċezzjoni falza għal din l-aħħar eċċezzjoni hija t-toponimu **Barbados**, li jidher fil-plural iżda jirreferi għal gżira waħda, imsemmija għal "Los Barbados", "dawk bil-leħja", b'referenza forsi għal tip ta' kaktus lokali, jew għad-dehra tal-Karibs indiġeni, jew għall-forma li tpinġi r-ragħwa li tikser fuq is-sikek tal-madwar.[7] L-MLRS juri 56 okkorrenza ta' "l-Barbados" bl-artiklu fost l-ewwel 100 (fosthom 8 okkorrenzi ripetuti, allura fil-fatt jiġu 52%); f'każ instabbli bħal dan, inħoss li hemm lok għal tentattiv ta' standardizzazzjoni. Importanti li l-isforz ta' 'Malteżizzazzjoni' ma jiħux prevalenza fuq il-kuxjenza ġeografika nfisha (u l-bżonn ta' kriterji ċari msejsa fuqha, qabel u mhux wara l-

---

[6] Kontroeżempju: għalkemm proprjament hija arċipelagu msemmi għall-ikbar gżira tagħha, *il-Baħrejn* prattikament dejjem tieħu l-artiklu (MLRS: 61 każ bl-artiklu minn 64 riżultat), x'aktarx għax tinħass (u fil-fatt hija) il-plural imtenni ta' "baħar" (*al-baḥr*).

[7] L-etimoloġija tal-isem *Barbuda* (minn *Antigwa u Barbuda*) hija simili: jissemmew id-dehra tas-siġar tat-tin kif ukoll il-leħja tal-poplu Arawak indiġenu. Ara l-paġna interessantissma http://en.wikipedia.org/wiki/List_of_country-name_etymologies.




Barbados

kunsiderazzjonijiet tal-mekkaniżmi tal-lingwa). Billi *Barbados* hija gżira waħda minkejja d-dehra fil-plural, kieku nevita l-użu tal-artiklu; **il-Barbados* donnha tindika għanqud ta' gżejjer. Mhijiex regola, iżda n-nuqqas tal-artiklu fih ċertu valur semantiku: jissuġġerixxi li l-pajjiż inkwistjoni huwa gżira, u b'hekk il-kelliem ikun qed jirrispetta u jikkomunika r-realtà ġeografika.[8]

[8] F'dan il-każ ta' *Barbados*, naqbel mal-aġġornament tal-Anness A5, li neħħa l-artiklu li kien hemm fil-lista ta' qabel l-2015.

**Seba' kategoriji ta' ismijiet ta' gżejjer bl-Ingliż**

Kif rajna fil-kunsiderazzjoni (i), billi fejn jidħlu l-ismijiet tal-gżejjer it-toponomija politika tirkeb dik fiżika, l-ewwel mistoqsija li għandna nsaqsu meta niġu biex nidentifikaw gżira jew arċipelagu hija jekk jikkostitwix stat nazzjon; jekk iva, hemm isem jew ismijiet bil-Malti diġà eżistenti, u minnhom nagħżlu l-alternattiva korretta, jiġifieri dik tradotta, trażlitterata jew imħollija fil-lingwa pont, kif xieraq. Fl-ismijiet tal-pajjiżi, it-tradizzjoni hija ġeneralment Taljaneġġjanti, u ssir trażlitterazzjoni fl-alfabet Malti kull fejn possibbli u fattibbli. F'din il-mappa tal-Karibew, il-gżejjer li għandhom l-istatus ta' pajjiż indipendenti huma dawn li ġejjin (fl-ordni tar-rotta msemmija fid-daħla tal-artiklu, *l-aċċent* ħarġa 16):

- *Trinidad u Tobago*
- *Grenada*
- *San Vinċenz u l-Grenadini*
- *Barbados*
- *Santa Luċija*
- *Dominika*
- *Antigwa u Barbuda*
- *San Kitts u Nevis* (jew *San Kristofru u Nevis*)
- *il-Baħamas*
- *Kuba*
- *il-Ġamajka*

Apparti *Hispaniola*, maqsuma bejn l-istati *r-Repubblika Dominikana* u *l-Ħaiti*, gżejjer oħra fil-Karibew huma territorji dipendenti jew ta' stati li jinsabu fil-qrib, jew ta' stati mbiegħda li għadhom igawdu minn setgħa kolonjali.[9] Għal

[9] Fost tali gżejjer dipendenti hemm proporzjon għoli ta' *British Overseas Territories (BOTs).*

kull gżira li mhijiex stat nazzjon, wieħed jista' jsaqsi jekk tiffurmax parti mid-dinja Latina, biex jimxi aktarx fuq it-Taljan, jonkella jekk il-lingwa pont għandhiex tkun l-Ingliż. Madankollu, din hija simplifikazzjoni qarrieqa ħafna, għax kif semmejt, minħabba l-għoqiedi tal-istorji kolonjali, insibu ħafna lingwi jduru ma' xulxin, jekk mhux ukoll jimponu ruħhom fuq xulxin: ara biss biss il-każ ta' *Puerto Rico* diskuss fl-ewwel kunsiderazzjoni (i), fejn għal xi żmien, il-gvern tal-Istati Uniti pprefera l-forma *Porto* flok *Puerto*, kif għadhom jippreferuha sal-lum it-Taljan u l-Franċiż.

Jien u nintilef fil-mappa tad-dinja, mhux biss fiċ-ċelesti tal-Karibew iżda wkoll fl-ikħal karg tal-oċeani għat-tqabbil, ħadt nota ta' tipi differenti ta' ismijiet ta' gżejjer, mil-lat ta' ilsna li jidħlu jew ma jidħlux f'xulxin: il-lingwa uffiċjali, kolonjali u/jew lokali tal-gżira, il-lingwa tal-parti ġenerika tal-isem (fejn tintuża), u l-lingwa tal-parti speċifika (bil-piż semantiku tagħha), ta' sikwit ma jikkoinċidux. Fit-tabella li ġejja, ippruvajt niċċara l-kategoriji differenti ta' ismijiet ta' gżejjer, skont il-kombinazzjoni lingwistika li nsibu f'kull toponimu fuq mappa jew atlas bl-Ingliż. Ta' spiss, bl-Ingliż stess, insibu varjanti, iżda biex ma nkomplix nissikka l-għoqiedi f'dan l-istadju, ibbażajt fuq it-toponomija mogħtija min-*National Geographic*[10], u għal kjarifiki rreferejt għall-Wikipedia bl-Ingliż. Għal skopijiet ta' tqabbil, u biex it-tabella tkun iktar kompluta, inkludejt eżempji ta' gżejjer imbiegħda mill-Karibew.

| | lingwa uffiċjali / kolonjali tal-gżira | lingwa tal-parti ġenerika (*) | lingwa tal-parti speċifika | eżempji (fuq mappa bl-**en**) | eżempji (fuq mappa bil-**mt**) |
|---|---|---|---|---|---|
| (a) | en | en | en | | *parti speċifika traduċibbli* |
| | | | | Virgin Islands<br>Florida Keys<br>Christmas Island | il-Gżejjer Verġni<br>il-Gżejriet tal-Florida<br>il-Gżira tal-Milied |
| | | | | | *parti speċifika mhux traduċibbli* |
| | | | | Anguilla<br>Montserrat<br>Bermuda<br>Cayman Islands<br>Kermadec Islands | Anguilla<br>Montserrat<br>Bermuda<br>il-Gżejjer Cayman<br>il-Gżejjer Kermadec |
| | | | | | *ebda parti traduċibbli* |
| | | | | Long Island | Long Island |
| (b) | en | en | oħra | L'Espérance Rock | il-Blata L'Espérance |

[10] L-10 edizzjoni tan-*National Geographic Atlas of the World* ħarġet fl-2015, b'aktar minn 300 mappa, u *gazetteer* jew "place-name index" ta' iktar minn 150,000 entrata.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| (c) | en / oħra<br>(koeżistenza jew tilwim) | en / oħra | en / oħra | <br><br>New Guinea<br>Falkland Islands / Islas Malvinas<br><br><br>Puerto Rico | *parti speċifika traduċibbli*<br><br>il-Ginea l-Ġdida<br>il-Gżejjer Falkland / Malvini<br><br>*parti speċifika ma tintmissx*<br><br>Puerto Rico |
| (d) | oħra (**) | en | en<br>(tradotta) | Saint Martin<br><br>Easter Island (minn *Isla de Pascua*)<br><br>St Peter & Paul Rocks (minn *São Pedro e São Paulo*) | San Martin<br><br>il-Gżira tal-Għid<br><br>il-Blatiet ta' San Pietru u San Pawl |
| (e) | oħra (**) | en | en<br>(importata) | Aruba, Bonaire, Curaçao<br><br>Guadeloupe, Martinique<br><br>Saint-Barthélémy<br>Sint Eustatius<br><br>Hispaniola<br><br>Crozet Islands<br>Jeju Island | Aruba, Bonaire, Curaçao<br><br>Guadeloupe, Martinique<br><br>Saint-Barthélémy<br>Sint Eustatius<br><br>Hispaniola<br><br>il-Gżejjer Crozet<br>il-Gżira Jeju |
| (f) | oħra | oħra | en | Isla Robinson Crusoe | Isla Robinson Crusoe |
| (g) | oħra | oħra | oħra<br>(trażlitterata jekk mhux f'alfabet Latin) | Isla de la Juventud<br>Île des Pingouins<br>Dugi Otok<br>Ostrov Komsomolets | Isla de la Juventud<br>Île des Pingouins<br>Dugi Otok<br>Ostrov Komsomolets |

(*) Fejn il-parti ġenerika tat-toponimu ma tintużax, nistgħu nqisu li hija fl-istess lingwa bħall-parti speċifika. Ara l-kunsiderazzjoni (iii) aktar 'il fuq.
(**) 'oħra' jew 'oħrajn', f'każijiet ta' gżejjer maqsumin bejn żewġ territorji mhux ta' lingwa Ingliża, eż. il-gżejra ta' San Martin, li fiha nsibu t-territorji ta' *Saint-Martin* (fr) u *Sint Maarten* (nl); jew *Hispaniola*, bil-Franċiż u l-Kreol Ħaitjan (fil-Ħaiti) u l-Ispanjol (ir-Repubblika Dominikana) bħala l-ilsna uffiċjali.




San Kitts u Nevis

Fir-ringiela (a), it-tliet lingwi jaqblu, irrispettivament jekk il-parti speċifika tat-toponimu tindikax etimoloġija minn lingwa oħra (eż. *Anguilla*, imsemmija għall-forma tawwalija tagħha, jew *Montserrat*, minn *Santa Maria de Montserrate*, l-isem mogħti minn Kolombu fl-1493 b'omaġġ lill-Verġni ta' Montserrat, muntanja fil-Katalunja). Il-parti speċifika tat-toponimu tista' jew ma tistax tiġi tradotta, skont kull każ partikulari.

Fl-eżempju ta' *Christmas Island*, avolja territorju Awstraljan, il-parti speċifika nqisha traduċibbli, bħalma hi f'lingwi oħra (*Isola di Natale*, *Isla de Navidad*), x'aktarx minħabba r-rabta reliġjuża. Mill-banda l-oħra, il-parti ġenerika kważi dejjem tiġi tradotta, iżda hemm eċċezzjonijiet: ngħidu aħna, *Long Island*, gżira u reġjun fl-istat ta' New York, jaqbel li tibqa' kif inhi, flok tinqaleb fi **l-Gżira t-Twila*, li ma twassalx is-semmiegħ lejn il-gżira inkwistjoni, la mingħajr kuntest u lanqas bih.

Fir-ringiela (b), il-parti speċifika tat-toponimu tista' tgħid ġiet importata fl-Ingliż, iżda grafikament fuq il-mappa, tidher daqslikieku baqgħet fl-ilsien li minnu saret it-tislifa. Il-parti ġenerika bl-Ingliż xorta waħda tista' tinqaleb, il-parti speċifika le. L-eżempju *l-Blata L'Espérance* hija parti mill-Gżejjer Kermadec, arċipelagu tan-New Zealand; ġieli tidher ukoll, f'mapep ippubblikati minn entitajiet oħra, mingħajr l-aċċent "aigu" fuq it-tieni E.

Fir-ringiela (c), mill-ġdid il-parti speċifika tista' jew ma tistax tinqaleb, skont il-każ. L-

eżempju ftit kumpless ta' *Puerto Rico* huwa diskuss fil-kunsiderazzjoni (i). Li kieku kien pajjiż indipendenti, x'aktarx kienet tkun xierqa t-trażlitterazzjoni fi **Pwerto Riko*, anki jekk il-possibbiltà jew skumdità tal-bidla tal-U > W f'tali pożizzjoni tal-kelma ħaqqha studju fil-fond iktar 'il quddiem f'dan il-proġett.

Fir-ringiela (d) naraw toponimi Ingliżi għal gżejjer li mhumiex ta' lingwa Ingliża, u sakemm ma jkunux eżistew qabel (skont l-istorja kolonjali tal-post), x'aktarx ikunu traduzzjonijiet. It-tliet eżempji mogħtija huma tradotti bil-Malti bis-sħiħ; ma neskludix li 'l quddiem insib isem ta' gżira li jaqa' f'din il-kategorija iżda jirrikjedi li jibqa' fil-lingwa pont.

Fl-eżempji tar-ringiela (e) ma ssir ebda trażlitterazzjoni, iżda l-parti ġenerika tibqa' traduċibbli (eż. *il-Gżejjer Crozet*, arċipelagu subantartiku, territorju Franċiż, u *l-Gżira Jeju*, imsejħa wkoll *Jejudo* jew anki *Jeju* waħedha, fin-Nofsinhar tal-Korea t'Isfel).

Fl-aħħar nett, ir-ringieli (f) u (g) jiġbru dawk l-ismijiet ta' gżejjer li, fl-Ingliż, jibqgħu fil-lingwa lokali jew kolonjali, anki trażlitterati, bħall-każ ta' *Ostrov Komsomolets*, gżira fl-Artiku proprjetà tar-Russja.

Anki jekk ismijiet ta' dan it-tip kultant jikkoeżistu ma' forma tradotta (eż. *Komsomolets Island* tingħata f'artiklu tal-Wikipedia), fuq mappa bil-Malti, nistgħu wkoll niddeċiedu li nżommu l-forma importata tal-parti ġenerika (*Ostrov*, *Isla*, *Île*, eċċ.) flimkien ma' dik speċifika, eżatt kif jidhru fuq il-mappa bl-Ingliż.

**Konklużjoni**

Domt ħafna iktar mis-soltu biex ktibt din il-puntata tas-sensiela, mhux biss għal raġunijiet personali. Kif jixhdu d-diskussjonijiet ta' hawn fuq, ir-rotta toponomastika fost il-gżejjer tal-Karibew kienet waħda mserrpa u mqallba ħafna, spiss kontra r-riħ, u ltqajt ukoll ma' sikek, belliegħat u kurrenti qarrieqa. Nittama li l-istennija kienet vallapena għal sħabi ta' *l-aċċent*, u fuq kollox għall-qarrejja.

Madankollu, fil-kapitli li ġejjin, se nsibu ħafna xogħol teoriku lest minn qabel, partikularment fejn jidħlu l-ismijiet tal-gżejjer, u b'mod iktar ġenerali, fejn it-toponomija politika terġa' tkun influwenza sinifikanti fuq dik fiżika. Fil-puntata li jmiss, nerġgħu nittrakkaw fuq it-terraferma, u niffukaw fuq l-elementi fiżiċi (muntanji, deżerti, xmajjar, eċċ.) tal-Amerka ta' Fuq, inkluża dik Ċentrali.

Nota tal-awtur: Elf ħajr lil Alan Delia, Mark Amaira u t-tim kollu ta' *l-aċċent* għall-għajnuna u l-paċenzja tagħhom, u lil Leli Forte, Nelson Cachia, Salvu Agius u ħbieb oħra tal-forum *Kelmet il-Malti* għad-diskussjonijiet twal.

**Lista ta' referenzi**

Aurousseau, M. *The Rendering of Geographical Names*. Londra: Hutchinson University Library, 1957.

Gilson, E., DeBattista, R., Quintano, A., Buttigieg, M., u Spiteri Staines, T. *An English-Maltese Glossary of Terms used in the Teaching of Geography (3rd ed.)*. Malta: Directorate for Quality and Standards in Education, 2014.

*Antoine Cassar huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# Minn ġol-ħama għal ġot-tajn: blat, xaħx, ramel, u raba' grass

Ġużi Gatt

In-nies ta' dari, imqar dawk ta' bla skola, kienu jafu li f'Malta għandna għamliet differenti ta' blat u ġebel. Il-ġir kien isir mill-**ġebla tas-sekonda**; ix-xaħx joħroġ mill-**ġebla tal-franka**; ir-ramel li bih tħalleb il-bjut kien jiġi mill-**blat tal-qawwi**; fil-barriera stajt tinzerta blat ħażin jgħidulu **fraglu,** jew il-ġebla tkun **qargħajja** u mhux tajba għall-bini; u l-franka xi kultant tkun **soll**, u mhi tajba għal xejn ħlief għal xi pedament, sakemm ma ssibx xi kuntrattur li jidħak bik u jtellagħlek il-faċċata biha.

Ir-raba' tal-bidwi seta' jkun raba' **bajjad**, imma seta' wkoll ikun **ħamri** jew **tafli**. Fl-ilma qiegħed u salmastru kont issib ħafna **ħama**; u fix-xitwa t-triq kienet timtela bit-**tajn**.

Konna naħsbu li għal kollox kellna kelma. Imma mbagħad ħabbatna wiċċna mal-IATE – *Interactive Terminology for Europe*, u sibna ruħna nħokku rasna u nfittxu l-kelma li tkun fil-ponta ta' lsienna u ma tistax toħroġ.

Il-proġett imsejjaħ IATE tnieda fl-1999, bil-għan li jiġbor fih it-terminoloġija ta' kull suġġett f'lingwi differenti, biex iħaffef ix-xogħol tat-traduzzjoni u biex kemm jista' jkun jistandardizza t-tifsira ta' kull terminu.

Fi żmienna, il-Malti qed jintalab jikkonforma ruħu mat-terminoloġija u t-tifsir preċiż tagħha kif imniżżla fl-IATE, u xi kultant insibu li l-Malti għad jonqsu jagħmel xi xogħol li s'issa għadu ma sarx.

Biex nieħdu eżempju: X'jiġri meta fl-IATE issib din il-lista ta' termini, b'definizzjoni preċiża bl-Ingliż, li tkun trid tagħti l-ekwivalenti bil-Malti għal kull waħda minnhom?

> *Silt, clay, sand, loam, loamy sand, sandy loam, silty clay, heavy clay, coarse sand, fine, sand, sediment, slime.*

L-ewwel ħaġa li wieħed għandu jgħid hi li fl-Ingliż teżisti din it-terminoloġija kollha mhux għax għamluha spontanjament in-nies komuni ta' dari; jiġifieri ma kienx dejjem Ċikku l-poplu li sab it-terminoloġija fi lsienu għax diġà kienet hemm, imma l-klassifikazzjonijiet u l-listi bit-tifsiriet speċifiċi ħolquhom l-istudjużi tas-suġġett li middew għonqhom u għamlu dak li kien hemm bżonn isir. Dawn l-istudjużi jew kellhom ħakma tajba biżżejjed fuq il-lingwa Ingliża biex ikunu jistgħu jaħdmu weħidhom, jew jekk sabu diffikultà, talbu l-għajnuna tal-lingwisti biex itemmu l-proġett. John Archibald Wheeler, xjenzjat Amerikan, ħoloq it-terminu *black hole*, li jintuża fil-kożmoloġija, u llum hu magħruf mad-dinja. Jgħidu li ħoloq ukoll il-kliem *wormhole* u *quantum foam* (Siegried, 2017), kliem li lingwi oħra issa jitħabtu biex jaraw kif jistgħu jinkorporawhom fil-vokabularju tagħhom. F'kull pajjiż li jirrispetta l-lingwa tiegħu,



Barriera tal-franka, minn fejn joħroġ il-ġebel għall-bini u x-xaħx.

jitlaqqgħu kumitati ta' esperti biex joħolqu l-kliem li hemm bżonn ħalli l-lingwa tissaħħaħ u timxi maż-żminijiet (Felber, 2009).

Dan ix-xogħol b'risq il-Malti għadu ma sarx u issa sibna li ċ-ċirkustanzi tal-istorja qed iġegħluna nagħmluh, u middew għonqhom għalih il-ħaddiema qalbiena Maltin fi Brussell u l-Lussemburgu. Imma kif tagħmel biex toħloq il-ġdid, u tikklassifika, u tikkonsolida t-tifsira ta' kelma?

Ejja nerġgħu nieħdu l-lista ta' termini bl-Ingliż li semmejna aktar 'il fuq. Hemm kliem li hu ħafif: *clay* hu tafal, *sand* hu ramel, *sediment* jiġi naqal, u *slime* tfisser ħama. Għalkemm it-tajn ma ssemmiex fil-lista, wieħed jista' jgħid li l-kelma tajn bl-Ingliż tiġi *mud*. Imma mbagħad, *silt*, x'tiġi bil-Malti? Jekk wieħed jiftaħ id-dizzjunarju Ingliż-Malti ta' Aquilina, taħt *silt* isib dan li ġej:

**1**. ħama, tajn li joqgħod fil-qiegħ ta' wied, ta' qala, eċċ.; depożitu tar-ramel. **2**. V.t., *to – up*, mtela/ngħalaq bil-ħama; *to –th up*, imblokka xi ħaġa bil-ħama; *the sand has –ed up the bay*, ir-ramel mela l-bajja. **ation** n. ġbir/mili ta' ħama/ sediment. –y aġġ. mimli ħama/sediment: –y rock, blata magħmula minn sediment f'qiegħ ta' baħar konsolidat.

Dan hu kollu tajjeb jekk il-bżonn li għandek hu biss li tagħti tifsira ġenerika lill-pubbliku ġenerali. Imma meta l-bżonn ikun ta' terminu preċiż b'tifsira li taqbel ma' ta' lingwi oħra, it-traduttur, miskin, jibda jħokk rasu. Skont id-dizzjunarju, *silt* jista' jkun ħama, tajn, ramel, jew sediment. Dan joħloq diffikultà lil min irid jikklassifika. Billi għal bosta snin il-Malti kien ittraskurat, ħafna kliem għandu tifsira mlaħalħa wisq. Biex tgħaxxaqha spiss issib min jgħidlek: "imma n-naħa t'isfel ta' Malta l-kelma tfisser hekk, u n-naħa ta' fuq tfisser hekk", jew Malta jgħidu mod u Għawdex jgħidu mod ieħor. Biex tkompli tagħqad, minbarra li hemm ħafna kliem b'tifsira mlaħalħa wisq, hemm kliem ieħor li l-konswetudni tatu tifsira dejqa wisq, bir-riżultat li maż-żmien il-kelma tiskadi u tintrema.

Tiftakruha l-kelma *xaħx*? Dil-kelma, s'issa, għadha komuni, imma, billi fil-fehma tiegħi, m'għandhiex tifsira ċara jew, jekk għandha, it-tifsira tagħha hi dejqa wisq, se jiġri li se nqumu darba filgħodu u nsibu li dil-kelma ntilfet. Mikiel Anton Vassalli qal li xaħx tfisser *frantume di pietre che si getta* (Mons. Lawrenz Cachia fissirha: biċċiet żgħar tal-ġebel imħallat mat-trab) (Vassalli, 2002, p. 651; Cachia, 2016, p. 418). Fid-dizzjunarji tagħhom, Erin Serracino Inglott u Ġużè Aquilina komplew fuq l-istess linja. Fi żmienna, in-nies x'jifhmu bil-kelma *xaħx*? Illum tmur għand taż-żebgħa u tixtri borża xaħx – borża li x'aktarx tkun tal-plastik. Tiftaħ il-borża, u jekk issib ħafna "biċċiet żgħar tal-ġebel" tibda tgerger: għax ikollok toqgħod tgħarbel dak li hemm fil-borża, tarmi l-biċċiet tal-ġebel, u żżomm it-trab. Għax int it-trab tkun trid. Għalhekk tkun mort għand taż-żebgħa, biex tħallat it-trab (xaħx) mas-siment u l-ilma, u b'dik it-taħlita tkaħħal il-fili li jkollok fil-ħajt. Illum il-ġurnata, il-qtugħ tal-ġebel fil-barrieri jsir bil-magni li jaħdmu bid-dawl. Bħalma s-serrieq, hu u jaqta' l-injam, iwaqqa' ħafna ċana, hekk ukoll meta l-lupa tal-magna fil-barriera tidħol ġol-blat biex tqattgħu, twaqqa' ħafna trab. Dak it-trab jinġabar u jintuża. Imma għal mijiet kbar ta' snin, magni moderni fil-barrieri ma kinux jeżistu, u l-blat kien jitqatta' bl-ispnajjar. Dan ifisser li għal mijiet kbar ta' snin, ix-xaħx kien joħroġ l-aktar mill-**inġara** tal-ġebel. X'aktarx li kien Erin Serracino Inglott l-aktar li ġabha qrib il-likk. Fisser il-kelma xaħx hekk: "Frak tal-ħaġra li jaqa' l-aktar mill-inġir; biċċiet irqaq tal-ġebla li jirtmew mit-tiksir (l-aktar bl-għodda); trab oħxon, jew żrar irqiq" (Serracino Inglott, 1989).

Il-kelma "inġara" jew "inġir" x'inhi? Missieri kien naġġar. Xogħlu kien li jonġor il-ġebel. Il-kantun li kien joħroġ mill-barriera, billi jkun maqtugħ bl-ispnajjar, ma kienx ikun lixx biżżejjed biex jitqiegħed f'postu fil-ħajt. Missieri kien ikollu jillixxa l-knaten kollha, wieħed wieħed, billi jqatta' x-xtur bl-imterqa jew bil-mannarett, imbagħad jillixxa kollox bir-raxketta. Minn din l-inġara (jew inġir) kien joħroġ ħafna laqx – jiġifieri l-"biċċiet żgħar tal-ġebla" li jissemmew fid-dizzjunarji. Imma r-raxketta kienet twaqqa' wkoll ħafna trab irqiq. Il-laqx u t-trab kien jinġabar u jintgħarbel bl-għarbiel, il-laqx jintradam, u t-trab, jiġifieri x-xaħx, jitħallat mas-siment.

Lili tridu tikkumpatuni għax billi trabbejt ġo raħal, imdawwar b'nies li ma kienu jafu bl-ebda lingwa oħra ħlief bil-Malti, għalija dal-kliem mhuwiex kliem stramb li ssibu biss fid-

dizzjunarju u xorta trid toqgħod tistaqsi xi jfisser, imma hu kliem ħaj, parti mill-ħajja ta' kuljum. Missieri, Alla jżomm idejh fuqu, għandu ħafna żmien, imma s'issa għadu ħaj u moħħu għadu f'postu. Darbtejn fil-ġimgħa mmur narah, u m'ilux qabbadni nagħmillu biċċa xogħol. Għalkemm jimxi biss bil-ħadida (jiġifieri bil-*walker*) xorta għad għandu l-illużjoni li jista' joqgħod ifekren fil-biċċa ħamrija żgħira li għandu mad-dar. Ried jagħmel biċċa xogħol li għaliha kellu bżonn "ftit ramel". Ir-ramel li kellu bżonn ma kienx ramel tal-baħar, imma ramel li tixtri m'għand taż-żebgħa. Xtrajtlu borża, u m'għoġbitux. Qalli li r-ramel xtaqu eħxen, u riedni mmur inġiblu ftit minn post li indikali hu, post fejn kien joqgħod ħafna trab li jkun inġarr mill-ħamla tax-xita! Billi b'kumbinazzjoni dak iż-żmien kont f'kuntatt mat-tradutturi tal-istituzzjonijiet Ewropej, minflok ma bgħatt lil missieri jsaqqi l-ħass, qbadt bil-qalb it-tajba xkupilja, kazzola, u pala tal-knis, u mort bħall-ħmar inħammel it-trab li kien hemm ħdejn ġibjun fit-triq li miż-Żejtun tagħti għal Dellimara. Meta fetaħ il-borża trab li ġibtlu, għajnejn missieri xegħlu – tajjeb kien dak it-trab!

Poġġejt bilqiegħda u ridt li missieri jispjegali din: jekk ir-ramel joħroġ mill-ġebla tal-qawwi, u x-xaħx mill-ġebla tal-franka, għaliex għal missieri dak it-trab li ġibtlu jien kien ramel? Missieri qalli li dak it-trab ikun ittiekel mill-blat qawwi ta' fuq, u allura jkun eħxen. Ix-xaħx ikun ifjen. Għidtlu li jekk din ngħidha lil min jifhem, naqa' għaċ-ċajt, għax dik in-naħa ta' Malta fejn konna, ma kienx hemm ġebla tal-qawwi fil-wiċċ. Missieri deher li ma kienx jaf kif jien stajt inkun daqshekk prużuntuż li nippretendi li naf xi blat hemm fil-wiċċ minn kull fejn tgħaddi x-xita, imma biex ibenġilha qalli li l-blat tal-wiċċ, ikun xi jkun, dejjem ikun iktar iebes mill-blat ta' taħtu. Din veru. Minħabba l-proċess ta' ilma fix-xitwa u nxif fis-sajf, il-wiċċ tal-blat irabbi skorċa iebsa bħalma l-kitla trabbi "l-ħaġra". Allura bħala kompromess loġiku nistgħu ngħidu li: ir-ramel hu eħxen mix-xaħx, u x-xaħx hu ifjen mir-ramel.

Issa isimgħu x'jgħidu l-esperti li jinsistu li jikklassifikaw kollox fuq xi tfisser il-kelma *silt* bl-Ingliż:

> *In the Udden–Wentworth scale (due to Krumbein), silt particles range between 0.0039 and 0.0625 mm, larger than clay but smaller than sand particles. ISO 14688 grades silts between 0.002 mm and 0.063 mm. In actuality, silt is chemically distinct from clay, and unlike clay, grains of silt are approximately the same size in all dimensions; furthermore, their size ranges overlap ("Silt," 2017).*

Jiġifieri **teknikament**, skont il-kriterji tal-esperti li ma jħallu xejn bi kwietu, li jħoll u jorbot hu d-daqs tal-partikoli tat-trab: tar-ramel eħxen minn tax-xaħx, u tax-xaħx eħxen minn tat-tafal. Mela xaħx toqgħod bħala l-ekwivalenti Malti għat-**tifsira teknika** ta' *silt*. Għal dawk li jaħsbu li s-*silt* ikun biss fl-ilma, isimgħu x'jgħidu l-esperti:

> *Silt is easily transported in water or other liquid and is fine enough to be carried long distances by air in the form of dust ("Silt," 2017).*

Mela s-*silt* ma joriġinax fl-ilma, imma jinġarr hemm mill-elementi.

Tgħiduli għax telliftna daqshekk ħin fuq ħmerija bħal din? Ir-raġuni hi: Għax għad fadal!

Minn dik il-lista ta' termini bl-Ingliż li semmejna aktar 'il fuq, x'tiġi bil-Malti l-kelma *loam*?

Agħdruni, imma se nerġa' ndaħħal lil missieri fin-nofs. Ikolli nagħmel hekk bilfors. Meta mmur narah fil-ġranet sajfin, u anke issa li hi x-xitwa imma t-temp għadu sabiħ, insibu bilqiegħda fuq bank żgħir li għandu fil-bitħa, iħares lejn dik ir-roqgħa ħamrija li semmejna. Malli tagħmel l-ewwel xita, jara kif jagħmel biex iħawwel xi xitla jew jiżra' xi żerriegħa fil-ħamrija. Issa drajtu: iħawwel jew jiżra' wara l-ewwel xita u, għalkemm quddiem wiċċu fil-bitħa jkollu ħerża ta' bir imdaqqas mimli bl-ilma, ma toqtlux u jaħli xi ftit ilma fuq dak li jkun hemm fil-ħamrija. Il-qsari fuq l-ixkafef jissaqqew, imma ta' ġol-art le. Ġieli għedtlu: "Iva madoffi għax titqammel daqshekk? Saqqihom daqsxejn dawk ix-xtieli!" Jgħidli: "Insaqqihom għalfejn? – għandhom art tajba bħal dik."



Barriera tal-qawwi, minn fejn joħroġ iż-żrar u r-ramel.

Missieri kien bena d-dar hu, kważi waħdu. Il-ħamrija li ħammel minn ġol-*plot* li kien xtara m'għand il-Knisja fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, bi rħis għax fi żmien ir-*rundown*, kien ġennibha u mbagħad tefagħha fuq wara fejn illum tifforma r-roqgħa ħamrija li qed insemmu. Kif kien marbut li jagħmel skont il-liġi, missieri ħaffer ukoll bir fil-bitħa, biex għal ġo fih jidderieġi l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-bejt. Missieri kien kuntent ħafna għax il-blat li sab taħt il-ħamrija kien tip ta' blat artab magħruf bħala *turbazz*. Dil-kelma ili nismagħha minn tfuliti – mindu missieri ħammel il-ħamrija u taħtha sab it-turbazz. Dan hu blat pjuttost artab, b'saħħtu biżżejjed biex fuqu tagħmel il-pedamenti tad-dar, imma artab biex tqattgħu, allura meta tiġi biex tħaffer il-bir ma tbatix. Barra minn hekk, it-turbazz iżomm ħafna t-tira, u l-ħamrija ta' fuqu jkollha minn fejn terda'. Biex tkompli tagħmel il-biċċa dejjem aħjar, il-ħamrija ta' fuq it-turbazz ħafna drabi tkun tingħaraf. "Insaqqihom għalfejn?" jistaqsi missieri, "Hawnhekk hawn ħamrija tajba tant. **Ġulġlieni** jgħidulu".

Tinnutaw li "ħamrija" hi fil-femminil, imma "ġulġlieni" hi kelma maskili. Ftakru ftit illi aħna ngħidu "raba' bajjad" jew "raba' ħamri" mhux "bajjada" jew "ħamra." Dan għaliex il-bdiewa, meta jitkellmu fuq ir-raba', ħafna drabi jużaw il-kelma "trab". Jgħidu: "Din l-għalqa tajba għax għandha ħafna trab. L-oħra mhix tajba għax m'hemmx ħafna trab. Meta taħratha bil-moħriet is-sikka malajr isib il-blat." It-trab jista' jkun ħamri, bajjad, tafli, żejti, ġulġlieni, eċċ. It-trab (ħamrija) ġulġlieni hu pjuttost rari. Fil-għajn ma jkunx aħmar daqs il-ħamri, u mhux abjad daqs il-bajjad. Ikollu minn lewn il-ġulġlien. Ikun impaħpaħ, bi fdalijiet organiċi, jinħadem aħjar, u jżomm l-ilma u t-tira u ma jinxifx malajr. Mhux ta' b'xejn li missieri ma riedx isaqqi – sakemm ix-xita tagħmel fi żmienha. Issa araw ftit l-esperti kif ifissru l-kelma *loam* fl-Ingliż:

> ***Loam** is soil composed mostly of sand (particle size > 63 μm), silt (particle size > 2 μm), and a smaller amount of clay (particle size < 2 μm). By weight, its mineral composition is about 40–40–20% concentration of sand-silt-clay, respectively. These proportions can vary to a degree, however, and result in different types of loam soils: sandy loam, silty loam, clay loam, sandy clay loam, silty clay loam, and loam. In the USDA textural classification triangle, the only soil that is not predominantly sand, silt, or clay is called "loam". Loam soils generally contain more nutrients, moisture, and humus than sandy soils, have better drainage and infiltration of water and air than silt and clay-rich soils, and are easier to till than clay soils. The different types of loam soils each have slightly different characteristics, with some draining liquids more efficiently than others. The soil's texture, especially its ability to retain nutrients and water are crucial. Loam soil is suitable for growing most plant varieties ("Loam," 2017).*

Għalkemm pajjiżi differenti jkollhom taħlitiet ta' ħamrija differenti, il-**ġulġlieni** ta' Malta joqgħod tajjeb ħdejn id-definizzjoni ta' *loam* bl-Ingliż.

B'eżerċizzju bħal dan inkunu salvajna mill-għarqa kemm il-kelma "xaħx" u anke l-kelma "ġulġlieni" li hi kelma li d-dizzjunarji wkoll tgerfxu fuqha.[3] Issa ara x'jiġri fil-lista tal-IATE ta' tipi ta' ħamrija meta nirriabilitaw dawn iż-żewġ kelmiet:

| IATE ID | Ingliż | Malti |
|---|---|---|
| 1254487 | Sand (as soil texture) | Trab ramli |
| 1254438 | Loamy sand | Trab ramli ġulġlieni |
| 114910 | Sandy loam | Trab ġulġlieni ramli |
| 159979 | Clay loam | Trab ġulġlieni tafli |
| 1254306 | Loam | Trab ġulġlieni |
| 3572815 | Silt loam | Trab ġulġlieni xaħxi |
| 1724367 | Sandy clay loam | Trab ġulġlieni tafli u ramli |
| 3568586 | Silty clay | Trab tafli xaħxi |
| 3572819 | Silty clay loam | Trab ġulġlieni xaħxi u tafli |
| 3568587 | Sandy clay | Trab tafli ramli |
| 1082361 | Heavy clay | Tafal tqil |
| 1254486 | Coarse sand | Grix (ara *girex* fid-dizzjunarju) |
| 1254485 | Fine sand | Ramel fin |
| 1416617 | Sediment | Naqal |
| 1242289 | Slime | Ħama |

Innutajtu x'ġara meta erġajna tajna s-saħħa lil żewġ kelmiet partikolari? Minn sitwazzjoni fejn insibu li fil-Malti m'għandniex kelma u allura weħilna, ġejna f'sitwazzjoni fejn issa għandna kelma u mxejna. F'daqqa waħda l-Malti ħa l-muftieħ f'idu u fetaħ il-bieb. Qabad it-triq u mexa. Ingħata l-ġwienaħ u tar.

L-Ilsien Malti għandu bżonn kbir ta' nies li jafuh sew, iħobbuh, jifhmu l-mekkaniżmu ta' kif jaħdem, lesti li joħolqu l-ġdid, jissodaw it-tifsira ta' kliem li diġà jeżisti, u jirriabilitaw kliem li qed jintesa.

**Lista ta' referenzi**


"Loam." Aċċessat fil-21 ta' Novembru 2017. https://en.wikipedia.org/wiki/Loam.

"Silt." Aċċessat fil-21 ta' Novembru 2017. https://en.wikipedia.org/wiki/Silt.

Cachia, Lawrenz. *Lexicon jew Dizzjunarju Malti-Latin-Taljan*. Malta, 2016.

Felber, Helmut. "International Standardization of Terminology: Theoretical and Methodological Aspects." Aċċessat fil-21 ta' Novembru 2017. https://www.degruyter.com/view/j/ijsl.1980.issue-23/ijsl.1980.23.65/ijsl.1980.23.65.xml.

Serracino Inglott, Erin. *Il-Miklem*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1989.

Siegfried, Tom. "A quarter century ago, the qubit was born." Aċċessat fil-21 ta' Novembru 2017. https://www.sciencenews.org/article/quarter-century-ago-qubit-was-born.

Vassalli, Mikiel Anton. *Lexicon*. Malta: SKS, 2002.


*Ġużi Gatt huwa l-awtur tal-pubblikazzjoni **Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni I u II** u huwa wkoll l-editur tar-rivista folkloristika **L-Imnara***

[3] Il-ġulġlieni tgħodd ukoll għal tip ta' blat li xi kultant jitfaċċa fil-barrieri. Jien nafu fil-barrieri tal-franka. Aquilina u ESI jgħidu li hu blat tal-qawwi, imma mhux qawwi ħafna. Kulħadd kif jifhem hu.

# "Bla ħsara" jew "mingħajr preġudizzju"?

**Louiselle Saunier Borg**

Fostna t-tradutturi ta' sikwit tqum il-mistoqsija dwar kif l-aħjar nittraduċu l-frażi *without prejudice*. Il-bażi terminoloġika multilingwi tal-UE, l-IATE termbase (*iate.europa.eu)* tagħtina l-għażla bejn "bla ħsara" u "mingħajr preġudizzju għal".

S'issa la qatt kien hemm qbil u lanqas qatt kellna direzzjoni ċara dwar liema hija l-aħjar traduzzjoni ta' dan it-terminu. Stħarriġ ta' malajr li għamilt jien fost il-kollegi fid-dipartiment tiegħi wrieni li l-maġġoranza taqleb *without prejudice* bħala *mingħajr preġudizzju*. Madankollu, kulma jmur qed niltaqa' ma' okkorrenzi ta' *mingħajr ħsara*. Kollega avukat li għamel apprendistat fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-Belt Valletta qalli li f'dak l-uffiċċju jużaw *mingħajr/bla preġudizzju*. Però fil-liġijiet, kompla jgħid dan il-kollega, speċjalment f'dawk antiki, bħall-Kodiċijiet, wieħed ta' spiss isib użat it-terminu *bla ħsara*.

Normalment aħna nqisu li ż-żewġ traduzzjonijiet ta' dan it-terminu jistgħu jintużaw iżda jidher li hemm min jippreferi juża waħda aktar mill-oħra.

F'dan l-artiklu se nargumenta li *mingħajr preġudizzju* hija l-aħjar traduzzjoni ta' dan il-kunċett legali. Barra minn hekk, din it-traduzzjoni hi wkoll l-iktar waħda adattata meta niġu għar-retrotraduzzjoni. U bis-saħħa ta' din ir-riċerka ftit aktar profonda forsi noqorbu dejjem aktar lejn is-soluzzjoni l-aktar idonea.

### *Without prejudice* xi tfisser?

*Without prejudice* hija waħda minn dawk il-frażijiet legali li jintużaw ta' sikwit u b'mod każwali fil-konverżazzjonijiet, fil-liġijiet u f'diversi sitwazzjonijiet oħra ta' kuljum iżda, fil-verità, kemm hemm min jaf xi tfisser eżattament u għaliex tintuża?



L-ewwel darba li ltqajt magħha kien f'kuntest ta' kumpanija tal-assigurazzjoni, fir-rigward tal-klejms tal-karozzi, f'każ ta' inċident stradali, u dak iż-żmien ftit li xejn kont ħabbilt moħħi dwar il-portata legali li seta' kellha din il-frażi. Mad-daqqa t'għajn tidher li hija frażi sempliċi bħall-oħrajn. Iżda meta qbadt infittex, malajr skoprejt li dan mhuwiex il-każ.

Tajjeb li niċċara li f'dan l-artiklu m'iniex ser niddiskuti l-preġudizzju kontra xi razza, xi ġeneru jew xi reliġjon partikolari. Lanqas m'jien ser niddiskuti dak li nsejħulu *unfair prejudice*/*preġudizzju inġust*/*mhux ġust*, kunċett legali ieħor li jintuża f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tal-azzjonisti fil-liġi tal-kumpaniji. Il-kunċett ta' preġudizzju inġust/mhux ġust huwa previst fl-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta fl-Att dwar il-Kumpaniji (dwar *unfair prejudice*, ara Davies (2003, p. 511), u għad-deskrizzjoni tal-prinċipju, ara Grech Orr (2014)).

## Kuntest storiku tal-frażi u l-etimoloġija ta' *preġudizzju*

F'Ruma l-Antika, il-kunċett *without prejudice* kien jintuża ta' spiss bħala *salvo iure cuiuslibet* (mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kwalunkwe individwu) li jfisser "jissalvagwardja jew jirriżerva d-drittijiet tal-oħrajn kollha [...]. Din kienet klawżola ta' salvagwardja/eżenzjoni li qabel kienet tintuża ta' spiss fiċ-'Charters of Confirmation'[1], li l-effett tagħha kien li jirriżerva d-dritt tas-sovran, u ta' kwalunkwe persuna oħra, li kellhom id-drittijiet fuq jew fir-rigward tal-artijiet ikkonfermati, safejn dawk id-drittijiet jistgħu xort'oħra jiġu ppreġudikati minħabba t-tali konfermazzjoni" (Crichton, 2011; Gree, 1993, p. 564). Barra minn hekk, fil-liġi internazzjonali ta' spiss insibu forom oħra speċifiċi u mqassra wkoll bħal *salvo iure* (mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tiegħi), *salvo iure meo* (l-istess) u *salvo iure regis* (mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tas-sovran) minħabba li t-terminu prinċipali jista' jiġi użat ukoll bil-pronom possessiv (Fellmeth u Horwitz, 2009, p. 258).

It-terminu *pregiudizio*[2] huwa wkoll derivat mil-Latin *prae*, *prima* u *iudicium*, *giudizio*, u jista' jkollu diversi sinifikati, li huma kollha b'xi mod marbuta mal-kunċett *giudizio prematuro*, jiġifieri ġudizzju li huwa parzjali u bbażat fuq argumenti insuffiċjenti jew fuq għarfien inkomplet jew indirett.

Minn dan t'hawn fuq nistgħu faċilment niddeduċu li l-frażi *mingħajr preġudizzju* fil-biċċa l-kbira tal-każijiet hija mod utli ta' kif wieħed jista' jipproteġi lilu nnifsu waqt tilwimiet legali.

## L-użu tat-terminu *without prejudice* fil-każistika u fil-kuntest legali

Ejja nħarsu ftit lejn każ fittizju li jixħet dawl fuq l-użu legali ta' din il-frażi. Fuq naħa għandek sid il-kera u fuq in-naħa l-oħra l-

[1] Eżempju ta' "Charter of Confirmation" hija l-Magna Carta tal-15 ta' Ġunju 1215 – https://en.wikipedia.org/wiki/Magna_Carta (aċċessat fil-21 ta' Diċembru 2017). Dawn iċ-Charters ta' spiss kienu jikkonfermaw drittijiet dwar artijiet u kwistjonijiet relatati.

[2] https://it.wikipedia.org/wiki/Pregiudizio – il-verżjoni Taljana.



kerrej, u dawn ikollhom tilwima dwar fridge miksura. Sid il-kera ċert li din il-fridge nkisret waqt festin iżda l-kerrej ċert li din kienet diġà miksura meta huwa beda jokkupa l-appartament. Hija fridge ġdida fjamanta u biex tinbidel sid il-kera jrid iħallas €600. Bħalissa sid il-kera jinsab magħfus bix-xogħol u ma jistax jiftaħ każ il-qorti u allura jiddeċiedi li jaċċetta offerta ta' €300 mingħand il-kerrej *mingħajr preġudizzju* għad-drittijiet tiegħu, f'każ li 'l quddiem il-każ verament jispiċċa l-Qorti u huwa jitlob li jitħallas il-bqija tad-danni u l-ispejjeż legali li jistgħu jinqalgħu waqt it-tilwima fil-Qorti.

Anki fil-Wikipedia nsibu li l-kelma *prejudice*/ *preġudizzju* użata b'dan il-mod tieħu tifsira li tmur lil hinn mill-applikazzjonijiet aktar komuni tal-kelma jew inkella fit-taħdit u li saħansitra għandha implikazzjonijiet tekniċi speċifiċi skont fejn tintuża wkoll, speċjalment meta qed nitkellmu dwar il-liġi kriminali, ċivili jew il-common law.[3] F'dan il-qasam l-aktar żewġ applikazzjonijiet komuni ta' din il-kelma huma *bi preġudizzju* u *mingħajr preġudizzju*. B'mod ġenerali azzjoni legali li ssir *bi preġudizzju* hija essenzjalment waħda finali u, viċi versa, azzjoni legali li ssir *mingħajr preġudizzju* tista' tħalli l-bieb miftuħ għal proċeduri legali ulterjuri. Pereżempju fil-websajt tal-Federal Bar Association (2017) stabbilita f'Arlington, l-Istati Uniti tal-Amerka, insibu hekk: "**Dismissal with Prejudice** – Final judgment against the plaintiff on a case

[3] https://en.wikipedia.org/wiki/Prejudice_(legal_term).

that prohibits bringing an action on the same cause in the future. In contrast, dismissal without prejudice allows the plaintiff to sue again for the same cause." ("**Każ magħluq bi Preġudizzju** – Deċiżjoni finali kontra l-attur fuq każ fejn huma pprojbiti azzjonijiet legali oħra fuq l-istess merti fil-futur. Għall-kuntrarju, **każ magħluq mingħajr preġudizzju** jippermetti lill-attur jerġa' jiftaħ każ il-qorti fuq l-istess merti.")

Tajjeb insemmu wkoll li f'ċerti pajjiżi dan il-prinċipju tal-użu ta' *mingħajr preġudizzju* fit-trattativa legali tant huwa importanti u kruċjali għall-mod kif jitwettqu l-proċedimenti fil-Qrati li ġie integrat f'liġijiet speċifiċi. Fil-każ tal-Awstralja, pereżempju, il-privileġġ *mingħajr preġudizzju* huwa għodda vitali fir-riżoluzzjoni bikrija ta' tilwim legali u jintlaħqu diversi soluzzjonijiet b'dan il-mod, qabel ma każ jitressaq il-qorti. Iżda, pereżempju, fit-Taqsima 131(1) tal-Evidence Act 1995, tal-Awstralja, naqraw li l-privileġġ ta' *mingħajr preġudizzju* jiġi stabbilit mhux mis-sempliċi fatt li jkunu ntużaw il-kelmiet *mingħajr preġudizzju* iżda aktar permezz tal-intenzjonijiet tal-partijiet li għandhom jiġu aċċertati min-natura tal-komunikazzjoni li tkun saret bejniethom.

Mill-banda l-oħra hawn min huwa konvint li dan it-terminu xi drabi jiġi użat ħażin jew b'mod pjuttost superfluwu. Din l-ossessjoni li t-terminu *mingħajr preġudizzju* għandu kwalitajiet kważi maġiċi u li bl-użu tiegħu kull eventwalità legali hija koperta, hija żbaljata. Jeżistu diversi każijiet fejn l-użu ħażin tat-terminu *mingħajr preġudizzju* fit-trattativa jista' jwassal għal kumplikazzjonijiet, argumenti legali u implikazzjonijiet finanzjarji negattivi potenzjali għall-klijenti. Irid ikun hemm tliet kriterji biex ikun jista' jsir użu tajjeb ta' dan il-privileġġ:

- l-eżistenza ta' tilwima ġenwina,
- id-diskussjoni/l-ittra/in-negozjati bejn il-partijiet iridu jkunu ġenwinament diretti lejn ir-riżoluzzjoni tat-tilwima, u
- in-negozjati li jsiru abbażi tal-privileġġ *mingħajr preġudizzju* jridu jinżammu privati inkella jista' jagħti l-każ li l-parti titlef id-dritt tagħha ta' kunfidenzjalità.

Barra minn hekk, il-korrispondenza bejn il-partijiet tista' tiġi kklassifikata bħala "mingħajr preġudizzju" anke jekk ma jkunx hemm miktub hekk fuqha – iżda biex żgur jiġi eliminat kull dubju, dejjem aħjar li din il-frażi titniżżel fuq it-tali korrispondenza.

**L-użu tal-frażi fl-abbozzar tal-liġijiet**

L-użu tal-frażi *mingħajr preġudizzju* fil-liġijiet jindika prinċipalment ir-rabta bejn id-dispożizzjonijiet differenti tal-liġi, b'mod simili għal "b'deroga għall-Artikolu...". It-tieni, il-frazi tindika li d-dispożizzjoni inkwistjoni hija eċċezzjoni għal dispożizzjoni oħra. Tipikament tintuża biex tippreżerva d-dritt/drittijiet previst/i f'dispożizzjoni/dispożizzjonijiet partikolari filwaqt li jinħolqu drittijiet li jikkuntrastaw jew li jirkbu d-drittijiet diġà stabbiliti fil-bqija tal-att/leġiżlazzjoni/kuntratt. Huwa importanti ħafna però li d-drittijiet oriġinali jibqgħu intatti. Dan li ġej huwa eżempju sempliċi:

> Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Att, u, jew ta' dawn ir-regolamenti, il-ħatra ta' uffiċjali jew impjegati oħrajn tal-Awtorità għandha ssir mill-Awtorità.

B'mod aktar sempliċi nkunu qed ngħidu eżatt l-istess ħaġa jekk minflok nużaw il-frażijiet li ġejjin: "mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Att", "mingħajr limitu għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Att", "b'mod indipendenti mid-dispożizzjonijiet l-oħra tal-att" jew inkella "mingħajr ma jintmessu d-dispożizzjonijiet l-oħra...".

Huwa proprju hawnhekk li jinqalgħu l-problemi għax mhux kulħadd jaqbel li għandha tintuża l-frażi "mingħajr preġudizzju" fl-abbozzar tal-liġijiet. Hemm diversi ġuristi u kittieba li jaħsbu li l-użu ta' din il-frażi jista' joħloq konfużjoni inutli għall-qarrej u li dan it-tip ta' lingwaġġ fl-abbozzar huwa fieragħ jew bombastiku żżejjed. L-għan tal-leġiżlazzjoni jista' jintlaħaq bl-istess mod anke jekk wieħed juża lingwaġġ ħafna anqas *arkajku* (Butt u Castle, 2001, p. 150). Pereżempju, f'xi każijiet, f'verżjonijiet lingwistiċi oħra, l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni ta' *mingħajr preġudizzju* tista' tirriżulta f'dispożizzjoni li ma tantx tibqa' tagħmel sens u barra minn hekk hemm is-sogru li l-iskop u l-effett tad-dispożizzjoni ma jibqgħux ċari. Eżempju kif faċilment jista' jinħoloq diżgwid fl-interpretazzjoni tawhulna l-avukati/ġuristi Gayl Russell u Louise Mills fit-taħriġ li għamlulna fil-Kummissjoni.[4] Ħarsu ftit lejn dawn iż-żewġ slajds tradotti bil-Malti. Fi Slajd A hemm miktub hekk:

> L-Awtorità kompetenti għandha, **mingħajr preġudizzju** għar-regoli dwar is-segretezza tat-taxxa u tal-protezzjoni tad-dejta applikabbli fl-Istat Membru tagħha, tibgħat l-informazzjoni minnufih, sakemm dan ma jimponilhiex piż amministrattiv disproporzjonat.

It-terminu operattiv hawnhekk huwa "mingħajr preġudizzju" u l-effett dubjuż li qed joħloq meta niġu għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Fi Slajd B fil-fatt insibu hekk:

> L-Awtorità kompetenti għandha tibgħat l-informazzjoni minnufih, sakemm:
> 1) l-informazzjoni ma tistax tiġi żvelata skont ir-regoli tas-segretezza tat-taxxa u tal-protezzjoni tad-dejta applikabbli fl-Istat Membru tagħha;
> 2) (sakemm) ir-rikjesta ma timponilhiex piż amministrattiv disproporzjonat.

Naħseb li taqblu miegħi li l-intenzjoni tal-awtur oriġinali mhux talli ma ħarġitx ċara biżżejjed iżda saħansitra ntilfet għalkollox fit-traduzzjoni. Għalhekk huwa importanti ferm li meta jkun qed

[4] "Interpreting and Translation Legal Provisions" – Marzu 2016: Slajd A – "The competent authority shall, **without prejudice** to the rules on tax secrecy and data protection applicable in its Member State, send the information as soon as possible, provided that this does not impose a disproportionate administrative burden on it" u Slajd B – li tinterpreta Slajd A – "The competent authority shall send the information as soon as possible unless:
1) the information may not be disclosed under the rules on tax secrecy and data protection applicable in its Member State;
2) the request imposes a disproportionate administrative burden on it." .

jittraduċi, it-traduttur għandu l-ewwel u qabel kollox jifhem eżatt l-intenzjoni tal-leġiżlatur u t-tieni jsib il-frażi li tkun l-aktar adattata fil-lingwa fil-mira u l-każ inkwistjoni. U b'dan se ngħaddi għall-opinjoni personali tiegħi.

**Konklużjoni**

Biex nikkonkludi se nibda billi nikkwota direttament minn korrispondenza li kellna fil-passat ma' Dr Ugo Mifsud Bonnici li b'mod ċar qalilna hekk:

> Naħseb li l-frażi *bla ħsara,* għalkemm intużat ħafna, hija impreċiża u ma għandhiex tkompli tintuża. Il-kelma *ħsara* għandha l-istess tifsira ta' *dannu.* Hija kelma li tfisser il-kontra ta' ġid jew benefiċċju, u hija wiesgħa ħafna. *Preġudizzju* hija kelma li għandha żewġ tifsiriet: ġudizzju ffurmat qabel (pre) ma wieħed jisma' jew jeżamina sewwa l-karattru ta' bniedem jew kwistjoni; jew li tbiddel it-termini jew il-parametri ta' sitwazzjoni. "Mingħajr preġudizzju" bħala frażi legali tfisser proprju hekk: li dak li wieħed ikun qiegħed jipproponi ma jbiddilx il-pożizzjoni fid-dritt. *Mingħajr preġudizzju* tintuża prinċipalment f'żewġ kuntesti: fil-liġijiet issir referenza għal artikolu partikolari u jingħad li xi artikolu ieħor iħalli s-sitwazzjoni kif prevista fl-artikolu li għalih issir referenza, kif tkun u bla bdil tas-sitwazzjoni legali; fit-trattativi tintuża fis-sens li għalkemm qed issir proposta ta' ftehim, il-proposta magħmula ma tibdilx il-pożizzjoni legali, qabel ma jiġi konkluż il-ftehim. *Mingħajr preġudizzju* hija frażi preċiża għal dawn iż-żewġ kuntesti.

Minbarra l-prinċipju wisq importanti tar-retrotraduzzjoni, raġuni valida oħra għalfejn it-tradutturi għandhom forsi jxaqilbu aktar lejn *mingħajr preġudizzju għal* minflok *bla ħsara* fit-traduzzjoni ta' *without prejudice* hija li f'Malta l-lingwaġġ legali storikament huwa marbut mat-tradizzjoni legali Taljana (Felice Pace, 2008). It-tendenza minn dejjem kienet li l-kliem tekniku legali Malti jkollu l-għeruq tiegħu fit-Taljan.

Fid-dawl tad-definizzjoni ta' *pregiudizio* li tajt aktar 'il fuq, jien tal-fehma li għandna nużaw *mingħajr preġudizzju għal* u mhux *bla ħsara* fit-traduzzjoni tal-prinċipju legali "without prejudice". Fi kliem Dr Giovanno Bonello, li ra dan l-artiklu qabel il-pubblikazzjoni: "Dan, naħseb, jirrifletti l-matriċi antika Taljana li għal sekli kienet tinforma t-terminoloġija legali Maltija u kienet tiddistingwi bejn *nonostante* u *senza pregiudizio.*"



**Suġġeriment tat-traduzzjoni biex niddistingwu bejn "mingħajr preġudizzju" u "bla ħsara"**

Jekk inqabblu l-verżjonijiet bil-Malti u bl-Ingliż ta' wieħed mill-Avviżi Legali naraw li fl-istess artiklu ntużaw kemm "mingħajr preġudizzju għal" kif ukoll "bla ħsara" iżda mhux b'mod interkambjabbli.[5]

| | |
|---|---|
| (3) **Bla ħsara** għad-dispożizzjonijiet tal-Att u, jew ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' tirregola l-proċedura tagħha stess. | (3) **Subject to** the provisions of the Act and, or these regulations, the Authority may regulate its own procedure. |
| (4) **Bla ħsara** għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament, ebda att jew proċediment tal-Awtorità ma għandu jiġi invalidat unikament minħabba li jkun hemm xi vakanza fost il-membri. | (4) **Subject to** the foregoing provisions of this regulation, no act or proceeding of the Authority shall be invalidated merely by reason of the existence of any vacancy among the members. |
| **5.** (1) **Mingħajr preġudizzju għad**-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Att, u, jew ta' dawn ir-regolamenti, il-ħatra ta' uffiċjali jew impjegati oħrajn tal-Awtorità għandha ssir mill-Awtorità. | **5.** (1) **Without prejudice to** the other provisions of the Act, and, or these regulations, the appointment of officers and other employees of the Authority shall be made by the Authority. |

Ħajr lil Clyde Triganza u lil Ivan Said tas-suġġerimenti u l-għajnuna tagħhom.

**Lista' ta' referenzi**

Butt, Peter u Richard Castle. *Modern Legal, A Guide to using Clearer Language*. Cambridge University Press, 2001.

Crichton, John. "Latin Maxims and phrases.txt – Salvo j." Aċċessat fil-21 ta' Diċembru 2017. http://latinmaximsandphrases.blogspot.be/2011/03/latin-maxims-and-phrasestxt-salvo-j.html.

Davies, Paul, ed. *Gower and Davies: Principles of Modern Company Law*. Is-seba' edizzjoni. Londra: Sweet & Maxwell, 2003.

Federal Bar Association. "Legal Definitions." Aċċessat fil-21 ta' Diċembru 2017. http://www.fedbar.org/For-the-Media/Legal-Definitions.aspx.

Felice Pace, Joe. "Maltese Legal Jargon." Aċċessat fil-21 ta' Diċembru 2017. https://www.um.edu.mt/library/oar//handle/123456789/6465.

Fellmeth, Aaron X. u Maurice Horwitz. *Guide to Latin in International Law*. Oxford University Press, 2009.

Grech Orr, Karl. "Unfair prejudice provision: Claimant has no right to appeal decision taken by the Civil Court." *The Times of Malta*, it-3 ta' Marzu 2014.

Gree, W., ed. *Trayner's Latin Maxims*. Ir-raba' edizzjoni. Edinburgh: Sweet & Maxwell, 1993.

*Dr Saunier Borg hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea*

[5] Avviż Legali 32 tal-2015, Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni (Kap. 524); Regolamenti tal-2015 dwar l-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni.

# *X'inhi d-differenza bejn id-data tad-dħul fis-seħħ, id-data tal-applikazzjoni* u *d-data meta d-dispożizzjonijiet ikollhom effett?*

Claire Bonello

Test legali jista' jidħol fis-seħħ f'data partikolari iżda d-data tal-applikazzjoni tiegħu tista' tkun differenti, pereżempju s-sena ta' wara. Id-distinzjoni teknika u legali bejn id-dħul fis-seħħ ta' liġi u d-data tal-applikazzjoni tagħha hija distinzjoni importanti ħafna, minħabba effetti legali differenti. Bl-Ingliż, id-dħul fis-seħħ jissejjaħ *entry into force* filwaqt li d-data tal-applikazzjoni hija *date of application*. Dawn jistgħu jirreferu għall-istess data, iżda mhux neċessarjament dejjem ikun il-każ.

Sakemm ma jkunx iddikjarat fit-test stess, permezz ta' dispożizzjoni speċifika, l-applikazzjoni ġenerali ta' test legali tibda mad-data tad-dħul fis-seħħ. Madankollu, jista' jagħti l-każ li t-test kollu (jew inkella ċerti dispożizzjonijiet biss) jibda japplika f'data iktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ (f'ċerti każijiet u ċirkostanzi speċifiċi, u b'kundizzjonijiet stretti ħafna, l-applikazzjoni tista' tibda f'data anteċedenti). Bid-"data iktar tard" qed nirreferi għad-data tal-applikazzjoni.

## Id-dħul fis-seħħ

Bħala definizzjoni ta' *dħul fis-seħħ*, id-DAP (id-'Drafters' Assistance Package' tal-Kummissjoni, li joffri għajnuniet, standards u

| MT | EN |
|---|---|
| id-data li jġib id-dokument (**magħmul fi ...**) | the date of the document (**done in ...**) |
| id-data meta l-att **jidħol fis-seħħ** | the date when the act **enters into force** |
| id-data meta jibda **jkollu effett** | the date when it **takes effect** |
| id-data meta **jsir effettiv** *(mhux trattata f'dan l-artiklu)* | the date when it **comes into effect** *(not tackled in this article)* |
| id-data meta (jibda) **japplika** | the date (from) when it **applies** |

linji gwida lil dawk li jabbozzaw il-liġijiet) jagħti d-"data li fiha att vinkolanti jikseb saħħa legali". Hawnhekk hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn *dħul fis-seħħ* (*entry into force*) fuq naħa, u *jkollu effett* (*take effect*) (IATE:1268925) fuq in-naħa l-oħra — din id-distinzjoni hija apparti distinzjoni oħra bejn *dħul fis-seħħ* u *jsir effettiv* (*come into effect*), iżda m'iniex se nidħol f'din id-distinzjoni f'dan l-artiklu. Id-distinzjoni bejn dawn it-termini differenti tiddependi fuq il-karatteristiki partikolari tal-att inkwistjoni; fil-fatt, *take effect* tintuża l-iktar fil-każ ta' direttivi u deċiżjonijiet li jispeċifikaw lil min huma indirizzati u jkollhom effett man-notifika.

## Id-data tal-applikazzjoni u d-data meta dispożizzjonijiet ikollhom effett

Skont l-Artikolu 297(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u kif spjegat fl-IATE (IATE:783046), ir-regolamenti u d-direttivi li jkunu indirizzati lejn l-Istati Membri kollha — u anki d-deċiżjonijiet li ma jkunux indirizzati lejn xi destinatarju speċifiku — *jidħlu fis-seħħ* (IATE:770766). Min-naħa l-oħra, id-direttivi u d-deċiżjonijiet li jispeċifikaw destinatarju

speċifiku *jkollhom effett* (IATE:841761). Madankollu, id-direttivi li ma jkunux indirizzati lill-Istati Membri kollha u d-deċiżjonijiet li jispeċifikaw destinatarju ma jkollhomx data ta' dħul fis-seħħ u dawn ikollhom effett malli d-destinatarji jiġu nnotifikati. Nistgħu naraw dan kollu b'mod ċar fl-imsemmi Artikolu 297 tat-TFUE:

> L-atti leġislattivi għandhom ikunu pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali [...]. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data indikata fihom jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom. [...] Ir-regolamenti, id-direttivi li jkunu indirizzati lill-Istati Membri kollha, kif ukoll id-deċiżjonijiet, meta ma jindikawx destinatarju, għandhom [...] jidħlu fis-seħħ fid-data indikata fihom jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom. Id-direttivi l-oħra, kif ukoll id-deċiżjonijiet li jindikaw destinatarju, għandhom jiġu notifikati lil dawk li lilhom ikunu indirizzati u jkollhom effett minn meta ssir dik in-notifika.

Importanti hawnhekk ninnotaw li d-data tad-dħul fis-seħħ ma tistax tkun qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-att inkwistjoni, u lanqas ma tista' tkun ibbażata fuq att ieħor jew tiddependi minn kundizzjoni li għadha trid tiġi ssodisfatta u li l-pubbliku ma jistax ikollu għarfien dwarha (ara l-punt 20 tal-*Gwida Prattika Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni maħsuba għal persuni involuti fl-abbozzar ta' testi ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea* tal-2015).

Fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni, eċċezzjonalment, regolament jista' jkollu effett retroattiv. Dan jiġi indikat wara d-data tad-dħul fis-seħħ billi tiżdied sentenza: "Għandu japplika minn...", iżda din tista' tiġri biss f'każijiet eċċezzjonali u jekk jiġu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi minħabba l-prinċipju ta' ċertezza legali (ara l-punt 20.9 tal-paġna 70 tal-*Gwida Prattika Komuni*). Id-data tal-applikazzjoni tista' tiġi wkoll differita fil-każ li l-arranġamenti li jkunu qegħdin jiġu introdotti permezz tar-regolament inkwistjoni jkunu għadhom iridu jsiru (ara l-punt 20.11 tal-paġna 70 tal-*Gwida Prattika Komuni*).

**Id-distinzjoni bejn id-dati differenti**

B'hekk, ħafna drabi, wieħed isib tliet (jew iktar) dati assoċjati ma' att legali; dawn jinkludu d-data tad-dokument innifsu, id-data tad-dħul fis-seħħ, u anke data (jew dati) tal-applikazzjoni. Nistgħu nieħdu xi eżempji biex nuru dan b'mod iktar ċar.

Eżempju sempliċi huwa r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1531, li għandu s-7 ta' Settembru 2017 bħala d-data ta' adozzjoni ta' dan id-dokument. Fl-Artikolu 3 tiegħu, imbagħad, insibu li d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu hija l-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali, u li d-data tal-applikazzjoni tiegħu hija l-1 ta' Novembru 2017. B'hekk naraw li hemm tliet dati rilevanti għal dan id-dokument, u li kull data għandha rwol differenti u toħloq effetti legali differenti.

Eżempju xi ftit iktar ikkumplikat huwa dak tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 932/2012 (li jinvolvi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-magni domestiċi tat-tnixxif tal-ħwejjeġ), li jinkludi diversi dati importanti. L-ewwel waħda hija d-data tal-att leġiżlattiv innifsu: it-3 ta' Ottubru 2012, jiġifieri d-data tad-dokument. Imbagħad, fl-Artikolu 8(1) tiegħu, insibu d-data tad-dħul fis-seħħ – li huwa l-għoxrin jum wara l-

pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali, li f'dan il-każ kien l-1 ta' Novembru 2012. L-Artikolu 8(2) jikkumplika s-sitwazzjoni xi ftit iktar u jipprevedi li d-data tal-applikazzjoni hija l-1 ta' Novembru 2013 (jiġifieri, is-sena ta' wara) u jkompli jispeċifika billi jagħti dati oħra tal-applikazzjoni li japplikaw għal ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament. Dawk id-dati differenti huma maħsubin biex jagħtu lill-partijiet ikkonċernati perjodu suffiċjenti ta' żmien biex jimxu ma' xi rekwiżiti ġodda li jkunu qegħdin jiġu introdotti permezz ta' dak ir-Regolament.


Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni 01.11.2012

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2013.

Madankollu:

(a) | ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-ekodisinn stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.2 tal-Anness I għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2014;

(b) | ir-rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn stabbiliti fil-punt 2.2 tal-Anness I għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2012.

Id-data tad-dħul fis-seħħ (li, kif rajna hawn fuq, is-soltu tkun l-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni ta' dokument fil-Ġurnal Uffiċjali) toħloq effetti legali, minħabba li dik hija d-data ta' meta r-regoli li ġew imniżżla fid-dokument jiksbu saħħa legali u jsiru vinkolanti.

Bħala regola ġenerali, l-applikazzjoni tat-test tibda mad-data tad-dħul fis-seħħ. Madankollu, ir-regoli kollha fit-test, jew uħud minnhom, mhux neċessarjament ikunu applikabbli f'dik id-data tad-dħul fis-seħħ. Id-data ta' meta dawn ir-regoli jsiru applikabbli hija d-data tal-applikazzjoni, jiġifieri meta dawn ir-regoli jsiru applikabbli u, b'hekk, meta jkun hemm l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn ir-regoli (jew parti minnhom). Biex ikun hemm data ta' applikazzjoni differenti mid-data tad-dħul fis-seħħ, irid ikun hemm dispożizzjoni speċifika fit-test li tiġġustifika dik l-applikazzjoni differita.

Apparti minn dati differenti tal-applikazzjoni bejn regola u oħra f'Regolament wieħed, jista' jkun il-każ li d-distinzjoni bejn dati differenti tal-applikazzjoni jgħoddu biex l-implimentazzjoni ta' ċerti regoli tkun għal Stati Membri differenti, u mhux għal regoli differenti. Dan jidher, pereżempju, fir-Regolament Nru 965/2012 (li jinvolvi rekwiżiti relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru) fejn hemm inklużi ammont ta' annessi li għandhom dispożizzjonijiet li joffru l-possibbiltà ta' opt-out għall-Istati Membri. Dan ifisser li ċerti dispożizzjonijiet jew annessi sħaħ ma jkunux japplikaw qabel ma jispiċċaw dawn il-perjodi għal opt-out, minħabba l-possibbiltà li xi Stati Membri jkunu jixtiequ jużaw din l-opt-out. B'hekk, id-data tad-dħul fis-seħħ u d-dati tal-applikazzjoni huma l-istess għall-Istati Membri kollha, iżda minħabba l-possibbiltà ta' opt-outs, l-implimentazzjoni konkreta ta' ċerti dispożizzjonijiet tista' tvarja bejn Stat Membru u ieħor.

*Claire Bonello hija ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja.*

Ħajr lil Roberta Valletta Mallia, Louise Vella, Joe Izzo Clarke u Jeantide Naudi għall-għajnuna siewja tagħhom, u lil Vicky Grech għall-idea għal dan l-artiklu.

# MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti oħra*

## Is-sessiżmu fil-lingwa Maltija: Seminar organizzat mill-Akkademja tal-Malti

**George Farrugia**

Waħda mill-bosta funzjonijiet tal-lingwa hija l-funzjoni soċjopsikoloġika tagħha – il-lingwa tirrifletti ġerarkiji u mekkaniżmi ta' kif nidentifikaw ruħna u tikkontribwixxi għall-komunikazzjoni tal-ġeneru. Minħabba raġunijiet storiċi u soċjali, fost oħrajn, bosta lingwi tqiesu bħala lingwi li jirriflettu u jikkodifikaw viżjoni androċentrika tad-dinja. Fi kliem ieħor, bosta lingwi tqiesu u għadhom jitqiesu bħala sessisti. Fit-30 ta' Settembru l-Akkademja tal-Malti organizzat seminar biex tistħarreġ sewwasew jekk il-lingwa Maltija tidħolx f'dan il-qafas u, jekk iva, x'jista' jsir biex jitfasslu linji gwida bil-għan li jinħoloq lingwaġġ mhux diskriminatorju li jirrifletti rappreżentazzjoni aktar ġusta tal-irġiel u tan-nisa fis-soċjetà Maltija kemm fuq livell ta' produzzjoni kif ukoll ta' komprensjoni tal-lingwa f'diversi oqsma.

Dan is-seminar li sar f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta, kien jikkonsisti f'seba' preżentazzjonijiet li ttrattaw is-suġġett minn aspetti diversi. Wieħed mis-suġġetti ta' natura lingwistika li kien u għadu joħloq kontroversja fost l-istudjużi huwa dak li jiffoka fuq ir-relazzjoni li teżisti bejn il-lingwa u d-dinja ekstralingwistika. Il-lingwa kemm-il darba titqies bħala wieħed mill-mezzi li għandna biex nikklassifikaw u noħolqu ċerta ordni tad-dinja li ngħixu fiha. F'dan il-kuntest, id-differenza bejn sess u ieħor titqies bħala fattur li jinfluwenza ħafna l-perċezzjoni li għandna dwar id-dinja. Madankollu, in-natura ta' din ir-relazzjoni tidher ta' spiss kontroversjali. Ir-relazzjoni bejn is-sess bijoloġiku u l-ġens grammatikali kienet sewwasew it-tema tal-ewwel preżentazzjoni mogħtija minni.



Dr Farrugia jindirizza s-seminar

L-ewwel referenzi għall-ġens grammatikali nsibuhom sa mis-seklu 5 QK. Il-Filosfu Grieg Protagora qassam in-nomi tal-Grieg fi tliet kategoriji: femminili, maskili u inanimata. Ir-Rumani mxew ukoll fuq il-passi tal-grammatiki Griegi billi aċċettaw ir-rabta bejn il-ġens u s-sess, u użaw it-termini Latini li

jfissru "raġel" u "mara" – *masculinum* u *femininum* biex jiddistingwu bejn il-klassifikazzjonijiet tal-ġens. Fiż-żminijiet Medjevali kien hemm min saħansitra assoċja l-kategoriji tal-maskil u l-femminil mas-sehem attiv/passiv li r-raġel/mara għandhom fil-proċess tar-riproduzzjoni sesswali u f'attivitajiet soċjali oħra. Il-maskil kien jitqies bħala l-ġens ewlieni, nobbli, superjuri, kemm fid-dinja naturali, kif ukoll fil-grammatika.

Opinjonijiet diversi dwar iż-żewġ sessi b'xorti ħażina influwenzaw ideat lingwistiċi. Xi studjużi rabtu saħansitra l-parabbola tal-ħolqien ma' fenomeni lingwistiċi u bosta sostnew li, bħalma Eva tnisslet minn Adam, il-ġens femminil għandu jkun idderivat mill-maskil. Kien għalhekk li l-ġens maskil tqies bħala n-norma li minnha jitnissel il-ġens femminil. Spender (1980) tikkunsidra dan il-fatt bħala l-aktar regola influwenti u inġurjuża li qatt saret minħabba li n-nisa riedu jużaw lingwa li huma jikkunsidrawha maħluqa u kkontrollata mill-irġiel, is-sess li jinforza l-isterjotipi fit-taħdit tan-nisa.

Adelung kien ukoll tal-fehma li l-bniedem primittiv ħoloq kategorija lingwistika biex ifisser u jirrappreżenta b'mod lingwistiku d-differenza bejn is-sessi. Madanakollu, din it-teorija, magħrufa bħala t-Teorija tar-Rifless, bdiet tixxaqqaq meta l-lingwisti pprovaw japplikawha għal lingwi fejn il-kategorija tal-ġens għandha aktar minn żewġ diviżjonijiet: maskil/femminil. Fil-fatt f'xi lingwi nsibu minn għaxra sa għoxrin tip ta' ġens grammatikali, magħrufin aħjar bħala klassijiet nominali. Dan ifisser li żgur li ma hemmx relazzjoni diretta bejn is-sess bijoloġiku u l-ġens grammatikali. Raġuni oħra hija li ċertu kliem li jirreferi għall-istess oġġett jew persuna jingħatalu ġens differenti f'lingwi differenti. Minkejja kollox, teżisti bħal tendenza naturali li ġġegħelna nistabbilixxu qbil bejn il-ġens u sess u minħabba din ir-rabta ta' spiss inħalltuhom flimkien.

Tkellimt ukoll fid-dettall dwar kif tiffunzjona l-kategorija tal-ġens grammatikali fil-Malti, u kif il-kelliema tal-Malti jikklassifikaw in-nomi billi jassoċjaw magħhom ġens jew ieħor, b'referenza partikolari għan-nomi li jirreferu għall-persuni.

It-tieni preżentazzjoni, mogħtija minn Thomas Pace, kienet tiffoka fuq il-lingwa tal-ugwaljanza li twassal għal diskors ġust bejn il-ġeneri. Pace beda l-preżentazzjoni tiegħu billi ta ħarsa soċjolingwistika storika ħafifa. Il-lingwistika Femminista nistgħu nassoċjawha mal-era Femminista msejħa "Second Wave" li twieldet fl-Amerka ta' Fuq u nfirxet għal partijiet fil-Punent tal-Ewropa bejn is-sittinijiet u l-bidu tas-sebgħinijiet. Pace ħareġ b'mod ċar id-distinzjoni li teżisti bejn it-termini *sess* u *ġens* u kif dawn it-tnejn huma differenti u fl-istess ħin jintrabtu mal-kunċett tal-'ġeneru' mil-lat soċjali u lingwistiku. Is-sess u l-ġeneru jintużaw għall-ħlejjaq animati u għalkemm jidħlu f'xulxin, ma jfissrux l-istess ħaġa. Is-sess hu l-fattur bijoloġiku/naturali (fiżjoloġiku) ta' kull individwu. Il-ġeneru hu l-fattur soċjokulturali li kull persuna hi fil-proċess li tingħata fis-soċjalizzazzjoni tagħha. Is-sess (pl. *sessi*) nitwieldu bih filwaqt li l-ġeneru (pl. *ġeneri*) niżviluppawh aħna u nikbru. Hekk juru s-soċjologi u r-riċerkaturi ta' dan il-qasam bħal Reddock (2000): "…it is necessary to identify



‘sex’ as the biological differentiation between male and female, and ‘gender’ as the differentiation between masculinity and femininity as constructed through socialization and education, amongst other factors. What is biological is fixed and unchangeable, but what is social is subject to change.”

Il-ġeneru jimplika diversi karatteristiċi soċjali u kulturali li joħorġu l-maskilità u l-femminilità tagħna. Dawn ivarjaw maż-żmien u l-kultura li ngħixu fihom u jaffettwaw il-mod li bih naħsbu u naġixxu. Fil-proċess tas-soċjalizzazzjoni jassenjaw fina rwoli li sfortunatament spiss jinbidlu fi sterjotipi. Insibu għalhekk differenza bejn “nature” u “nurture”: in-natura li nitwieldu biha u l-mod li nitrabbew bih (is-soċjalizzazzjoni). Din id-distinzjoni toħroġ tajjeb fil-każ tal-persuni transġeneri li s-sess li twieldu bih ma jaqbilx mal-identità tal-ġeneru tagħhom (mhumiex binarji).

Il-Malti jirrifletti wkoll d-differenza soċjali tad-dinja li hemm bejn l-irġiel u n-nisa imma fl-istess waqt għandu mezzi differenti li jippermettu lill-kelliema jesprimu ruħhom mingħajr ma jimplikaw xi ġeneru, partikolarment fin-nomenklatura użata għall-indirizzi personali u fil-qasam tar-reklamar tal-impjiegi, fejn it-tendenza hi li fil-Malti nagħmlu użu minn terminoloġija Ingliża. Skont Pace, biex ilsienna jibqa’ ħaj u effettiv f’soċjetà progressiva, jeħtieġ li nibqgħu niżviluppawlu l-lessiku tiegħu id f’id ma’ min l-aktar juża u jxerred il-lingwa. Pace kkonkluda billi saħaq fuq il-ħtieġa ta’ pjanifikazzjoni lingwistika serja bbażata fuq tliet fażijiet: (i) l-ippjanar tal-istatus – li għandu jinkludi pjan għas-settur pubbliku u għas-settur privat; (ii) l-ippjanar tal-korpus – fosthom il-ħolqien ta’ termini għal kunċetti aġġornati jew ġodda u linji gwida ta’ għajnuna għall-impjegati; u (iii) l-ippjanar tal-ksib permezz ta’ taħriġ b’korsijiet interni.

Il-preżentazzjoni ta' Dr Josann Cutajar ittrattat it-tfassil ta' linji gwida biex jgħinu lil dawk li jkunu qegħdin jiktbu xi rapport ma jkunux sessisti fil-kitba tagħhom. Dawn il-linji gwida jistgħu jgħinu, b'mod speċjali, kemm lil dawk li jagħmlu r-riċerka kif ukoll lill-ġurnalisti. B'hekk dawn ikunu aktar żguri li l-kontenut li jkunu qed jitkellmu fuqu ma jkunx diskriminatorju. Dr Cutajar tistqarr li meta tintuża lingwa esklużiva minflok inklużiva, il-qarrejja jistgħu jaħsbu li l-kontenut ikun japplika għall-irġiel biss. Dan jikkonfermah studju ta' Palek (2008).

Fil-preżentazzjoni tagħha Dr Cutajar semmiet xi prekawzjonijiet li jistgħu jittieħdu biex il-kontenut ma jkunx androċentriku, ma jkunx fih ġeneralizzazzjonijiet u nuqqas ta' sensittività lejn xi ġeneru kif ukoll ma jkunx jinkludi prinċipji li huma applikati b'mod inġust u differenti ma' gruppi jew persuni diversi. Fost is-suġġerimenti msemmija biex il-kontenut ikun aktar newtrali nsibu dawn: (i) l-użu tal-plural jew tal-pronom tat-tieni persuna minflok l-użu tal-pronom maskil; pereżempju, aħjar ngħidu "L-istudenti għandhom jgħollu jdejhom" jew "Għandkom taħslu jdejkom" milli "L-istudent għandu jgħolli jdejh" jew "Wieħed għandu jaħsel idejh"; (ii) l-evitar, fejn huwa possibbli, tal-kelma "bniedem". Fil-fehma ta' Dr Cutajar aħjar nużaw il-kelma "l-umanità"; pereżempju, aħjar ngħidu: "Dan kien pass importanti għall-umanità." milli "Dan kien pass importanti għall-bniedem."

Joseph Galdes tkellem dwar kif il-Maltin jirreferu għal mara fi professjoni, f'xogħol jew f'kariga, u kif in-nisa f'ċerti professjonijiet u dawk f'kariga jippreferu li jiġu msejħa. Ix-xogħol ta' Galdes huwa bbażat fuq ir-riċerka li għamel għall-grad tal-Baċellerat tal-Arti fil-Malti. L-ewwel parti tal-istudju ta' Galdes hija pjuttost kwantitattiva u hija bbażata fuq tagħrif li nġabar permezz ta' kwestjonarji. It-tieni parti tal-istudju hija kwalitattiva u hija msejsa fuq numru ta' intervisti li Galdes għamel ma' bosta nisa fi professjoni, f'xogħol jew f'kariga. Fil-preżentazzjoni tiegħu spjega fid-dettall il-metodi li uża f'dan l-istudju u l-konklużjonijiet li ħarġu minnu. Fost il-konklużjonijiet ewlenin Galdes semma dawn:

Il-forma femminili tan-nom bit-tarf –a, kemm f'kuntest iżolat (74.48%) kif ukoll f'kuntest sentenzjali (75.02%), kienet l-aktar forma ppreferuta mill-parteċipanti biex jirreferu għal mara fi professjoni, f'xogħol jew f'kariga;
Il-parteċipanti ppreferew il-forma bit-tarf –triċi (eż. *preżentatriċi*, *editriċi*) aktar mill-forma bit-tarf –a (eż. *preżentatura*, *editura*) meta kien hemm għażla bejn dawn iż-żewġt itruf. Hawn insibu qbil ma' studju preċedenti ta' Farrugia (2010).

B'mod ġenerali ħareġ li l-varjabbli tas-sess, tal-età, tal-lokalità u tal-kuntatt mal-Ingliż ma jaffettwawx l-għoti tal-ġens, tal-anqas tan-nomi mistħarrġa.

Il-maġġoranza tal-professjonisti nisa intervistati f'dan ix-xogħol instab li jippreferu li ħaddieħor jirreferi għalihom bil-forma maskili tan-nom minħabba raġunijiet varji, fosthom għax iqisu li din il-forma hi korretta u għax il-forma femminili ħafna drabi jqisuha bħala forma dispreġġjattiva.

Il-preżentazzjoni ta' Angela Callus kienet tiffoka fuq l-użu tal-maskil ġeneriku, jiġifieri meta l-forma maskili tintuża biex tinkludi mhux biss lill-irġiel imma wkoll lin-nisa. Callus spjegat fil-qosor iż-żewg raġunijiet ewlenin l-għaliex, fil-fehma tagħha, m'għandniex nibqgħu nużaw il-maskil ġeneriku meta nirreferu għal titoli, karigi, professjonijiet u snajja' – (a) l-aspett lingwistiku u (b) l-aspett tal-ugwaljanza.

Callus semmiet numru ta' rakkomandazzjonijiet li tfasslu fl-Italja mill-Accademia della Crusca dwar l-użu non sessist tal-ilsien Taljan, ilsien li għandu sistema tal-ġens grammatikali tixbah ħafna lis-sistema Maltija. Callus spjegat ukoll x'tibdil sar fl-aħħar xhur fl-Italja biex jitwarrab kemm jista' jkun l-użu tal-maskil ġeneriku. Il-qofol tal-preżentazzjoni tagħha kien l-aħħar parti meta Callus ikkritikat b'mod oġġettiv il-linji gwida li kienu adottati dwar l-ilsien Malti mill-Parlament Ewropew. Skont dawn il-linji gwida, in-nomi tqassmu f'dawn il-kategoriji (a) In-Nomi li Jieħdu Żewg Forom – il-maskil u l-femminil, eż. *spiżjar* – *spiżjara*, *tabib* – *tabiba*, *segretarju* – *segretarja*, *attur* – *attriċi*; u (b) In-Nomi Invarjabbli, klassifikati f'żewġ gruppi: (i) Nomi Komuni eż. *ekonomista*, *kowċ*, *ġurnalista*, *lekċerer*, *lingwista*, *atleta*, *plejer*; u (ii) Nomi ta' Ġens Wieħed (nomi li jieħdu l-maskil iżda jirreferu kemm għal raġel kif ukoll għal mara) eż. *ministru*, *spiker*, *maġistrat*, *maġġur*, *spettur*, *surġent*, *kaptan*, *president*, *kummissarju*.

Callus tistaqsi l-għaliex in-nomi ta' ġens wieħed jieħdu l-maskil biss u l-għaliex jibqgħu dejjem fil-forma maskili wkoll meta jirreferu għan-nisa. Tistaqsi wkoll l-għaliex in-nomi ta' ġens wieħed huma separati min-nomi li jieħdu żewġ forom. Forsi għaliex huma nomi ta' professjonijiet/karigi 'aktar prestiġjużi' minn xogħol jew snajja' oħrajn? Fil-fehma tagħha, dawn in-nomi jistgħu faċilment jinqalbu għall-femminil billi tiżdied il-vokali "a" fl-aħħar tan-nom bħal, pereżempju, *maġistrat* – *maġistrata*, *spettur* – *spettura*, *president* – *presidenta*, *kummissarju* – *kummissarja*, *ministru* – *ministra*, *sindku* – *sindka*.

Fl-aħħar tal-preżentazzjoni tagħha Callus tagħti numru ta' suġġerimenti biex is-sessiżmu jitwarrab mill-Malti, fosthom li l-Akkademja tal-Malti għandha:

- tfassal terminoloġija ġdida fil-femminil (fejn ma teżistix) dwar titoli, professjonijiet, karigi, snajja'/xogħol;
- tfassal linji gwida dwar kif l-ilsien Malti jista' jkun inqas sessist;
- torganizza kampanja ta' tagħrif dwar dan is-suġġett;
- tikkollabora ma' entitajiet oħrajn, studjużi tal-Malti, dawk li jaħdmu u jmexxu l-midja, għaqdiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u tressaq linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti.

Renee Laiviera tkellmet dwar kif inhi deskritta l-mara fil-qwiel Maltin. Hemm qwiel, li kif inhuma miktuba u mfissra, iffurmaw mentalità li tpoġġi lill-mara f'qagħda li ċċaħħadha minn ċerti għażliet dwar l-imġiba u l-pożizzjoni tagħha fil-familja u fis-soċjetà. Jeżistu qwiel, pereżempju, li juruna kultura fejn il-mara, minn twelidha, hi meqjusa bħala servili għar-raġel u msakkra f'darha. F'dan il-kuntest, il-

qwiel juru ċerta mentalità tal-poplu li mhux faċli li titbiddel minħabba l-għeruq li għandha u minħabba li tibqa' tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra, bħalma jintirtu l-qwiel.

Fost il-karatteristiċi kontrastanti ewlenin marbuta maż-żewġ sessi, imsemmija minn Laiviera, insibu dawn: (i) in-nisa huma dipendenti/sottomessi għall-irġiel filwaqt li l-irġiel huma indipendenti u dominanti; (ii) għall-kuntrarju tal-irġiel, in-nisa mhumiex rikonoxxuti u stmati mis-soċjetà; (iii) iż-żwieġ huwa meqjus bħala l-għan ewlieni tan-nisa filwaqt li l-irġiel huma meqjusa bħala l-kap tal-familja; (iv) in-nisa m'għandhomx għan li jibnu karriera bħalma għandhom l-irġiel, li huma mistennija javvanzaw fil-karriera tagħhom; (v) in-nisa huma mistennija jobdu n-normi tas-soċjetà u jipproteġu l-unur tagħhom filwaqt li l-irġiel għandhom jedd fuq in-nisa, speċjalment fiż-żwieġ; (vi) in-nisa, għall-kuntrarju tal-irġiel, huma nieqsa mid-dinjità u m'għandhomx drittijiet.

Is-sessiżmu fil-lingwaġġ ġurnalistiku kienet it-tema tal-aħħar preżentazzjoni tas-seminar mogħtija minn John Zammit. L-ilsien huwa mezz biex naħsbu u biex nibnu narrattivi li jfissrulna r-realtà ta' madwarna. L-ilsien jgħinna nifhmu din ir-realtà, imma jista' wkoll jgħinna nbiddluha. Fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-kliem li nużaw hu importanti, speċjalment fil-lessiku marbut ma' karigi, professjonijiet u xogħlijiet. Hemm kuxjenza akbar f'pajjiżi oħrajn dwar dan. Il-ġurnaliżmu għandu sehem importanti fil-mod kif nitkellmu. Il-ġurnaliżmu hu forza li ta' spiss tkun akkużata b'mod ġustifikat li qed teqred il-Malti imma skont Zammit, f'dan l-aspett il-ġurnaliżmu jista' jgħin il-Malti jiżviluppa mentalità ta' ugwaljanza fil-parametri ta' lingwa li għandha s-sistema tal-ġens grammatikali.

Fil-preżentazzjoni tiegħu Zammit kkompara s-sitwazzjoni ġurnalistika lokali ma' dik f'pajjiżi bħall-Italja, Franza, il-Ġermanja u Spanja. F'bosta pajjiżi Ewropej, bħall-Belġju, l-Iżvizzera, il-Ġermanja u Spanja, jeżistu termini femminili li jikkorrispondu għat-termini maskili u jeżistu linji gwida ċari u dettaljati dwar l-użu ta' dawn it-termini. Fl-aħħar tal-preżentazzjoni Zammit ta numru ta' suġġerimenti dwar kif nistgħu nipproċedu f'dan il-qasam lokalment. Fil-fehma tiegħu, ma għandniex nimponu jew infasslu direttivi tassattivi imma jkun aħjar jekk nikkonvinċu, inħajru u nagħtu eżempju dwar kif nistgħu nużaw dawn it-termini biex tinħoloq ugwaljanza bejn is-sessi. L-istituzzjonijiet tal-Istat u l-għaqdiet mhux governattivi għandhom jaħdmu flimkien f'dan il-qasam. Fost dawn l-entitajiet Zammit semma l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Awtorità tax-Xandir, id-Dipartiment tal-Informazzjoni, il-Public Broadcasting Services, l-Akkademja tal-Malti, l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin, id-djar tal-midja tal-partiti politiċi, l-għaqdiet li jiġbru fihom il-maġistrati, l-imħallfin, is-sindki u l-għaqdiet favur l-ugwaljanza.

Fil-fehma ta' Zammit huwa importanti ħafna li ssir ħidma minn qabel ma' dawk li jistgħu jgħinu, imma li wkoll jistgħu jopponu ċertu bdil li jista' jaħsadna, fosthom l-imħallfin, is-sindki, il-maġistrati, il-ministri, is-segretarji




Il-president tal-Akkademja tal-Malti Dr Mario Cassar (fin-nofs) li ħa ħsieb it-tmexxija tas-seminar

parlamentari, ix-*shadow cabinet*, u l-uffiċjali tal-partiti politiċi. Dawn jistgħu 'jfixklu' ħafna jekk jitolbu pubblikament li t-titlu tagħhom jibqa' fil-forma maskili. Il-mira aħħarija għandha tkun li nikkonvinċu u minkejja li għadna lura f'dan il-qasam, nistgħu nimxu ħafna jekk inkunu prattiċi u kulħadd jiġbed ħabel wieħed.

Ikkonkludejt b'referenza għar-rabta qawwija bejn il-lingwa u s-soċjetà. Il-lingwa tirrifletti s-soċjetà li titkellimha, mela jekk il-lingwa hija sessista, ifisser li s-soċjetà hija jew, tal-anqas, kienet xi darba sessista. Il-problema hija li, filwaqt li s-soċjetà qed tinbidel b'rata mgħaġġla ħafna, l-istrutturi tal-lingwa jinbidlu aktar bil-mod. U allura bidla fis-soċjetà afli tieħu ż-żmien biex tkun riflessa fil-lingwa għax dan il-proċess ma jinvolvix sempliċiment sostituzzjoni ta' kelma b'oħra. Hemm komplikazzjonijiet oħra kemm fl-istruttura tal-lingwa kif ukoll fir-riperkussjonijiet soċjali li ġġib magħha din il-bidla. Kull bidla taħsadna imma jekk tassew nemmnu fiha u neħtiġuha, u jekk hija lingwistikament possibbli, m'għandniex nibqgħu nirreżistuha.

Dan is-seminar, anke jekk fih issemmew opinjonijiet diversi, tal-anqas serva bħala l-punt tat-tluq biex nibdew niddiskutu b'mod organizzat dan is-suġġett delikat u nittamaw li jservi ta' xprun għal aktar diskussjonijiet li jistgħu jħallu l-frott. Għaldaqstant, il-preżentazzjoniet li saru fis-seminar se jkunu ppubblikati biex iservu ta' bażi għal aktar diskussjonijiet u riċerka.

L-udjenza mdaqqsa li attendiet ingħatat ħin biżżejjed biex tistaqsi u tintervjeni f'ħinijiet ippjanati apposta matul is-seminar. Dr Mario Cassar, il-President tal-Akkademja, introduċa s-seminar u mexxa d-diskussjonijiet.

*George Farrugia huwa lettur tal-Malti fl-Università ta' Malta u l-Viċi President tal-Akkademja tal-Malti*

**Lista ta' referenzi**

Palek, C. F. "The relationship between sexist naming practices and athletic opportunities at colleges and universities in the southern United States." *Sociology of Education* 81(2) (2008): 189-210.

Reddock, R. 'Why gender? Why development?' F'*Theoretical perspectives on gender & development*, editjat minn J. L. Parpart, M. P. Connelly, u V. E. Barriteau. Ottawa, Ontario, Canada: International Development Research Centre, 2000.

Spender, D. *Man Made Language*. Routledge & Kegan Paul, 1980.

# L-emendi fl-Att dwar l-Ilsien Malti – Bidliet u ħsibijiet

**Joseph Izzo Clarke**

Il-Forum dwar l-ilsien Malti li sar Malta f'Novembru 2015 beda diskussjoni dwar l-ewwel għaxar snin tal-Kunsill tal-Ilsien Malti, u dwar ir-rwol futur tiegħu. Il-Forum kien l-okkażjoni li bih intwera l-operat tal-Kunsill minn mindu twaqqaf.




Sussegwentement, il-Ministeru waqqaf kumitat sabiex jeżamina l-possibbiltà ta' emendi li jirreflettu r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-Forum, b'sejħa għal kontribuzzjonijet mill-pubbliku. Il-Kumitat ħadem fuq il-proposti li ntlaqgħu u fuq ir-rakkomandazzjonijiet. Fl-aħħar, l-Att dwar l-Ilsien Malti ġie emendat bl-Att VI tal-2017, tas-7 ta' Frar 2017 (iktar 'il quddiem, kif emendat, l-"Att").

Dawn huma l-bidliet prinċipali li seħħew fl-Att:

**Il-kompożizzjoni tal-Kunsill żdiedet minn 11 għal 15 (Artikolu 4)**. L-ewwel nett, il-President issa jissejjaħ *Chairman*, u jinħatar mill-Prim Ministru minn fost kandidati nnominati mill-Akkademja u d-Dipartiment tal-Malti. B'differenza minn qabel, in-nomini mhux bilfors isiru b'mod konġunt. Ir-rappreżentanti tal-Akkademja tal-Malti, tal-Kunsill għall-Arti, tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, tal-ġurnalisti, tal-għaqdiet tal-Malti indikati fl-Anness A tal-Att (ara iktar 'il quddiem) u, flimkien, tad-Dipartiment tal-Malti u tad-Dipartiment tal-Lingwistika tal-Università, baqgħu membri bħal qabel.

Tneħħa l-Avukat Ġenerali minn membru, u ddaħħlu oħrajn ġodda. Dawn huma s-Segretarju Permanenti Ewlieni taċ-Ċivil, u r-rappreżentanti tal-Awtorità tax-Xandir, tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni fl-Università, tal-għalliema tal-Malti tal-iskejjel Kattoliċi, tal-għalliema tal-Malti tal-iskejjel indipendenti, tal-letturi universitarji tal-Malti, tal-pubblikaturi, u tat-tradutturi Maltin fl-istituzzjonijiet tal-UE.

Barra minn bdil dwar kif jintgħażlu u jiġu nnominati xi membri, l-ikbar bidla hija bla dubju r-rappreżentanza iktar mifruxa tas-soċjetà Maltija fil-Kunsill.

**Żdiedet funzjoni tal-Kunsill (Artikolu 5)**. Il-Kunsill ser ikun ukoll responsabbli għall-kuntatti mal-komunitajiet tal-Maltin barra minn Malta, bil-ħsieb li l-Malti jibqa' lingwa ħajja.

**Saret bidla fil-funzjonament intern tal-Kunsill (Artikolu 6)**. Il-proposti ta' deċiżjonijiet ta' natura lingwistika tekniko-xjentifika effettivament isiru mill-Kummissjoni Teknika. Il-Kunsill jista' biss ma jagħtix il-kunsens tiegħu. L-emenda f'dan il-każ titfa' obbligu fuq il-Kummissjoni Teknika li issa tkun trid tirrikonsidra l-parir li tkun tat lill-Kunsill fi żmien erba' ġimgħat u bil-miktub.

**L-oqsma tal-kumitati tekniċi tneħħew, u nbidlitilhom il-kompożizzjoni (Artikolu 7)**. L-Att qabel kien jiddefinixxi liema huma l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tal-Kumitati Tekniċi. Dawn issa tneħħew u l-Att isemmi ġenerikament "oqsma speċjalizzati", għalkemm jgħid li dawn jinkludu l-"informatika" u t-"terminoloġija u t-traduzzjoni".

Il-Kumitati Tekniċi issa ser ikunu komposti minn minimu ta' ħames membri: kap, li issa jrid ikun speċjalizzat fil-qasam partikolari tal-istudju tal-Malti, speċjalist propost mill-Kummissjoni Teknika fuq parir tal-kap, u tliet membri jew iktar (qabel kienu tnejn) magħżula għall-kontribut tagħhom fil-qasam, proposti mill-Kunsill wara konsultazzjoni (qabel kienet fuq "parir") mal-kap. Il-Kumitati Tekniċi issa huma marbuta li jissottomettu rapport ta' ħidma kull sitt xhur lill-Kunsill. Il-ħatra tal-kap inbidlet ftit ukoll, għaliex in-nomina issa tista' ssir separatament jew b'mod konġunt fejn qabel kienet issir biss b'mod konġunt mill-Akkademja u d-Dipartiment tal-Malti. In-nomini issa jridu jsiru b'konsultazzjoni mal-Kunsill, li jibqa' jżomm id-deċiżjoni finali dwar il-ħatra.

**Il-frekwenza tal-Forum nazzjonali nbidlet (Artikolu 11)**. Filwaqt li nżammet il-frekwenza ta' tliet snin, il-Ministru, li huwa dak li jlaqqa' l-Forum, issa jista' jlaqqa' l-Forum qabel ma jgħaddu dawn it-tliet snin.

**Il-proċedura ta' għażla u l-funzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv inbidlu (Artikolu 12)**. Bidla sinjifikattiva tinvolvi l-process ta' għażla tad-Direttur Eżekuttiv, li issa jrid jinħatar wara sejħa pubblika. Fil-bord tal-għażla issa għandu jkun hemm rappreżentant tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Mad-dmirijiet diġà stabbiliti tad-Direttur Eżekuttiv, issa hemm obbligi ġodda. Huwa mhux biss għandu jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa, imma "jara li jitwettqu". Barra minn hekk, huwa għandu wkoll iżomm lill-pubbliku infurmat dwar ix-xogħol tal-Kunsill u tad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu fi ħdanu.

**L-iskeda ġiet emendata, u żdiedet skeda oħra**. L-Att kellu skeda waħda, li kienet tiġbor l-għaqdiet tal-Malti. Minn din il-lista tneħħiet l-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti, u minflokha ddaħħlet l-Akkademja tal-Malti. Dawn, barra l-Akkademja tal-Malti, għandhom jinnominaw rappreżentant wieħed f'isimhom bħala membru tal-Kunsill. Iddaħħlet skeda oħra li telenka d-dipartimenti tal-Malti f'numru ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dawn jinkludu l-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitati tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali u dak tar-Reġjuni, iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, u l-Bank Ċentrali Ewropew. Dawn l-istituzzjonijiet għandhom jaħtru rappreżentant f'isimhom bħala membru tal-Kunsill. Iktar 'il quddiem niddiskuti din il-bidla u l-konsegwenzi għalina.

**Ftit kunsiderazzjonijiet**

Il-bidliet kienu dawk mixtieqa? L-Att, qabelxejn, qed jipprova jkun iktar rappreżentattiv tal-oqsma kollha tas-soċjetà Maltija. L-Att ipprova jinkludi membri li jkunu jistgħu jagħtu perspettiva iktar wiesgħa.

Billi jirrikonoxxi li l-Ilsien Malti huwa parti fundamentali tal-identità tal-Maltin, l-Att jimplika d-dritt ta' involviment ta' kulħadd fit-tmexxija tiegħu. Dan ifisser li għandna nħarsu lejn l-ilsien Malti b'perspettiva li tmur hinn mill-Malti bħala sempliċi suġġett akkademiku. Naturalment, dan ma jfissirx li kulħadd għandu jiġi kkunsidrat, imma biss dawk l-oqsma fis-soċjetà li jistgħu jagħtu kontribut siewi għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-Malti. Ma jistax jintqal li r-rappreżentattività miksuba hija perfetta. F'dan is-sens, il-preżenza tal-Avukat Ġenerali kienet tibqa' utli. Xi membri li issa ġew inklużi jirrepetu l-istess interessi jew perspettivi (l-għalliema, it-tradutturi, u, sa ċertu punt, il-ġurnalisti u l-awtorità tax-xandir, li issa kollha għandhom żewġ rappreżentanti). Kien ikun utli kieku kien ikun hemm rappreżentant ta' oqsma oħra li wkoll jistgħu jikkontribwixxu, bħall-għaqdiet tal-professjonijiet. Globalment, però, l-Att kif emendat huwa pass 'il quddiem.

Li għandu jiġi enfasizzat, però, huwa r-rwol ċentrali tal-esperti tal-Malti. Ir-rappreżentattività wiesgħa ma timplikax it-tneħħija tal-esperti, anzi titlob neċessarjament il-preżenza tagħhom. Huwa hawnhekk li l-Att jeħtieġ jiċċara kif u x'inhu dan ir-rwol ċentrali, flimkien mar-rwol tar-rappreżentanti tal-oqsma l-oħra.


*ILSIEN MALTI* [**KAP. 470.** 1

**KAPITOLU 470**

ATT DWAR L-ILSIEN MALTI

*Biex iwaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex jippromwovi l-ilsien nazzjonali ta' Malta u jipprovdi l-għodda meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-għan.*

14 ta' April, 2005

*L-ATT V tal-2004, kif emendat bl-Avviż Legali 79 tal-2011 bl-Att X tal-2013 u bl-Att XV tal-2017.*

Arranġament tal-Att

| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I | Preliminari | 1 - 3 |
| Taqsima II | Il-Kunsill, l-Organi tiegħu u t-Tmexxija tagħhom | 4 - 13 |
| Taqsima III | Uffiċjali u Impjegati tal-Kunsill | 14 - 17 |
| Taqsima IV | Dispożizzjonijiet Finanzjarji | 18 - 22 |
| Taqsima V | Mixxellanji | 23 - 24 |

SKEDA A

Lista ta' Għaqdiet tal-Malti

SKEDA B

Lista ta' Dipartimenti tat-Traduzzjoni tal-Unjoni Ewropea

L-Att jipprova jikseb trasparenza ikbar, billi jipprovdi għall-għażla tad-Direttur Eżekuttiv b'sejħa pubblika. Din tfisser li dan ir-rwol jista' jimtela' minn persuna mhux neċessarjament impjegata fis-servizz ċivili. L-Att issa jinkarigah jinforma lill-pubbliku dwar ix-xogħol tal-Kunsill. Anki l-fatt li issa l-kumitati tekniċi huma marbuta jagħtu rapport dwar xogħolhom kull sitt xhur, kif ukoll li issa l-Kunsill għandu jżomm kuntatt kontinwu mal-Maltin barra minn Malta, jirrifletti l-bżonn ta' trasparenza ikbar. F'dan is-sens, ikun pass 'il quddiem pożittiv kieku l-kunsill jadotta politika ta' informazzjoni regolari kif diġà indikat fl-Att, u jippubblika dokumenti bħall-istrateġija nazzjonali dwar il-lingwa, ir-rapporti annwali, u r-rapporti finanzjarji annwali.

Dawn il-bidliet kienu neċessarji, però wieħed għandu jiftakar li sa issa hemm diversi kwistjonijiet li kienu diġà previsti fl-Att, u li għadhom ma twettqux, bħas-sede, li tibqa' prijorità assoluta. L-Istat Malti huwa mistenni jagħti sehem ikbar u iktar konkret minn dak li ta qabel. Wara kollox, l-Att jipprovdi li huwa l-

Istat Malti li huwa responsabbli li jwettaq dak li huwa neċessarju għall-promozzjoni tal-Malti. Mill-2005 'l hawn, ma jidhirx li l-Istat Malti kien ta' sostenn kbir f'dan is-sens.

L-Att, fil-mekkaniżmi interni tal-Kunsill, għadu jrid jiddistingwi sew bejn ir-rwol tal-Kunsill u dak tal-Kummissjoni Teknika. Din id-distinzjoni għadha mhux ċara biżżejjed, u mhux qed toħloq dik il-kontrappożizzjoni neċessarja li tippermetti diskussjoni bejn l-espert (fil-Kummissjoni Teknika) u l-poplu (fil-Kunsill). F'dan is-sens, hemm bżonn li l-kwistjoni ta' min għandu jmexxi l-Kummissjoni Teknika tiġi ċċarata, peress li dan huwa rwol fundamentali tal-proċess deċiżjonali tal-Kunsill.

L-Att illum huwa pass 'il quddiem, però jeħtieġlu iktar titjib sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod trasparenti u korrett, bl-involviment ta' persuni minn oqsma, perspettivi u interessi differenti skont il-kompentenzi rispettivi tagħhom, u bir-rwol iktar ċar għall-esperti.

It-tradutturi Maltin fl-UE issa ġew involuti direttament fil-Kunsill. Sfortunatament, il-proposta li jkollhom rappreżentant bħala membru saret waqt in-negozjati f'Malta mingħajr ma ġew ikkonsultati d-dipartimenti stess tal-UE. Meta ntalbu, l-istituzzjonijiet, fuq parir tas-servizzi legali tagħhom, taw risposta negattiva, għaliex dan imur kontra r-Regolamenti tal-Persunal (Artikolu 11, fost oħrajn). L-Att però laħaq għadda qabel ma kien hemm ħin biex issir diskussjoni mal-gvern Malti. Dan ifisser li l-liġi Maltija qed tinnomina uffiċjal tal-UE bħala membru f'korp Malti, ħaġa li mhix possibbli taħt ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-UE.

Din is-sitwazzjoni ħolqot kumplikazzjoni istituzzjonali u legali, però donnha nstabet soluzzjoni. Ġiet proposta li rappreżentant tad-diviżjonijiet Maltin fl-UE jipparteċipa bħala osservatur, mingħajr dritt ta' vot. Dan ikun il-kap tad-diviżjoni Maltija fl-istituzzjoni li dak il-ħin ikollha l-presidenza tal-Executive Committee for Translation (il-kumitat interistituzzjonali dwar it-traduzzjoni). Bħalissa l-presidenza tinsab f'idejn il-Parlament Ewropew.

Fil-fatt, din is-soluzzjoni tidher pożittiva għal kulħadd. L-ewwel nett, fl-aħħar, qegħda tqarreb lid-diviżjonijiet Maltin tal-UE għaliex ikun hemm bżonn ta' koordinazzjoni iktar stretta fir-rigward tal-parteċipazzjoni fix-xogħlijiet tal-Kunsill tal-Malti. B'dan il-mod, il-bżonnijiet u d-diffikultajiet komuni tal-Maltin li jittraduċu fl-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jiġu identifikati u indirizzati aħjar. It-tieni, kuntatt regolari mal-Kunsill tal-Malti ser jippermetti konoxxenza iktar strutturata u organizzata, b'mod li jippermetti lilna u lilhom nifhmu iktar lil xulxin. Huwa b'dan il-mod li nkunu nistgħu nibnu klima ta' fiduċja reċiproka fostna lkoll.

Wasal iż-żmien li naraw flimkien kif nistgħu nidentifikaw dawn il-problemi u l-ewwel laqgħa interistituzzjonali ippuntat lejn din id-direzzjoni. Kulħadd wera r-rieda li jikkollabora għall-ġid komuni. Dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba.

*Joseph Izzo Clarke huwa l-Kap tad-Diviżjoni tal-Ilsien Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

# Biex Niftiehmu: Mit-Traduzzjoni għall-Integrazzjoni: Translating Europe Workshop 2017

**Mark A. Vella**

Is-seminar annwali fi ħdan is-sensiela Translating Europe din is-sena sar f'Dar l-Ewropa l-Belt, is-sede tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, nhar l-14 ta' Ottubru 2017. Fejn drabi oħra, ħriġna 'l barra mill-ambitu uffiċjali, dis-sena għażilna li 'nibqgħu d-dar' minħabba li ridna nagħtu piż aktar politiku lit-tema li għażilna. Is-suġġett globali magħżul mid-DĠT għas-seminars ta' din is-sena li saru madwar l-UE kollha kien dwar *il-ħiliet tat-tradutturi u l-impjegabbiltà*: għal Malta, għażilna li din it-tema niffukawha ftit ieħor għall-kuntest soċjo-politiku attwali ta' pajjiżna, fejn rajna li s-servizzi varji lingwistiċi u tat-traduzzjoni / l-interpretazzjoni huma ħidma essenzjali biex inseddqu pedament għall-integrazzjoni sħiħa ta' bosta komunitajiet espatrijati u immigranti, sew mill-UE sew minn pajjiżi terzi. Flimkien ma' sħabna l-antiki, l-Inizjamed, organizzajna 'Biex Niftehmu: Mit-Traduzzjoni għall-Integrazzjoni' sabiex, x'aktarx għall-ewwel darba, nanalizzaw id-dimensjoni lingwistika ta' din ir-realtà ġdida għal pajjiżna li fiha diversi ramifikazzjonijiet soċjali wiesgħa.

Is-seminar ġie ppatroċinat mill-Onorevoli Evarist Bartolo, Ministru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi, li semma, f'diskors li fetaħ is-seminar, l-isfidi li Malta qed tiffaċċja f'dan il-qasam, fosthom l-iżviluppi fit-tagħlim u l-għarfien tal-lingwi, l-immigrazzjoni u x-xenarji soċjo-kulturali li ġġib magħha, u l-bżonn ta' kompetenzi lingwistiċi aħjar fl-



oqsma kollha, mill-istudenti sal-professjonijiet lingwstiċi li jservu, f'dan il-każ, anki ta' medjaturi kulturali. Il-kelliema ewlenija, Dr Severine Hubscher-Davidson minn The Open University fir-Renju Unit, segwiet, fil-fatt, b'preżentazzjoni oriġinali li ttrattat l-emozzjonijiet u t-traduzzjoni u mill-ewwel xaqilbet is-seminar lejn l-idea li l-professjonijiet lingwistiċi ma jaħdmux biss b'testi li jgħixu f'vakwu, imma ħwejjeġ li jintqalu, jistemgħu, jinqraw u jinftiehmu minn persuni tad-demm u l-laħam ġejjin minn ċirkostanzi differenti.

Il-bqija tal-kelliema ġew minn oqsma partikolari differenti li qisnihom kruċjali għat-trattament tal-kwistjoni lingwistika fid-dawl tal-integrazzjoni. Dr Phyllisienne Vassallo Gauci u Lara Debono mill-Migrant Learners' Unit tal-Ministeru tal-Edukazzjoni ppreżentaw is-sistema li qed tintuża bħalissa għall-integrazzjoni lingwistika tal-istudenti barranin; Dr Mary Muscat tkellmet dwar l-isfidi lingwistiċi fil-qasam tal-liġi u tal-pulizija, filwaqt li Dr Michael Spagnol ittratta t-tagħlim tal-Malti Mediku lil studenti barranin fl-Università ta' Malta. Intervent importanti ieħor, fuq livell teoriku u soċjo-lingwistiku, affronta l-kwistjoni tal-bilingwiżmu: sew il-miti li jiċċirkondawh u sew l-isfidi fil-konfront tal-valuri simboliċi imma anki utilitarji tal-Malti u l-Ingliż. Din il-preżentazzjoni minn Dr Sarah Grech mis-Centre for English Language Proficiency tal-Università ta' Malta li tkellmet dwar il-kunċett tal-*lingua franca*, jekk hemmx iktar minn waħda, u liema sejra jew għandha tkun il-lingwa komuni li biha sejrin niftiehmu fil-ġejjieni. Punt interessanti kien dwar sensiela ta' theddidiet implikati fil-bilingwiżmu tagħna, fosthom ir-riskju tal-inviżibbiltà tal-Malti fl-isfera pubblika u l-kontinwazzjoni tal-kompartimentalizzazzjoni u s-segregazzjoni, fuq livelli varji, taż-żewġ lingwi. Dr Grech ikkonkludiet li, fil-qofol, jeħtieġ titrawwem komunità qawwja u mgħallma sew ta' kelliema multilingwi mnebbħa mir-rispett kulturali reċiproku, u li tbarri l-elitiżmu favur l-inklussività.

Żewġ mumenti pjuttost emottivi tas-seminar kienu jikkonċernaw il-kelliema li nġiebu bħala xhieda ħajja tal-użu lingwistiku fil-kuntest tal-integrazzjoni. Dr John Portelli, akkademiku u kittieb mill-Università ta' Toronto, tkellem dwar l-esperjenza tiegħu ta' Malti f'Kanada li fis-sebgħinijiet kienet għaddejja wkoll minn burraxka politika bilingwi, u saħaq fuq il-Malti bħala għelm ta' identitarjetà li ma żammux milli jkun parteċipi fil-ħajja f'pajjiż ieħor. Min-naħa, kellna l-istilista magħruf Ron Van Maarschalkeweerd Borg, mid-dar tal-Moda Charles&Ron, li ddeskriva l-mod kif bħala barrani tgħallem il-Malti sabiex tassew jintegra fis-soċjetà u fid-dinja tax-xogħol fil-pajjiż.

Is-seminar tmexxa minn Dr Claudine Borg u l-Prof. Sergio Portelli mid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni u tal-Interpretar tal-Università ta' Malta.

Il-kumitat tal-organizzazzjoni sejjer issa jiġbor sensiela ta' rakkomandazzonijiet biex jippreżentahom fost l-oħrajn lill-Ministru tal-Edukazzjoni u hemm ukoll ħsieb li jiġu ppublikati l-interventi tas-seminar.

*Mark Vella huwa l-Uffiċjal tal-Lingwa fir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta*

# Franciscu Wzzinu, it-traduttur tal-ewwel ktieb bil-Malti stampat

Ivan Said

Qabel Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis kien hemm Franciscu Wzzinu[1]. Dan hu t-traduttur tat-*Taġhlim Nisrani,* l-ewwel ktieb bil-Malti li ħareġ stampat f'Ruma fl-1752. Dan hu l-qlib għall-Malti tal-Katekiżmu Kattoliku l-qasir tal-Kardinal Bellarmino.

Fl-aħħar ħarġa ta' *l-aċċent* rajna li Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis (1712-1770) qaleb għall-Malti is-Salm 50 (il-*Miserere*) u t-talb essenzjali għall-Insara Kattoliċi (*l-aċċent*, Nru 16, pp. 46-56). Ftit qabel de Soldanis, kien hemm Wzzinu li wkoll qaleb għall-Malti dan it-talb bħala parti mill-Katekiżmu Ruman. Saħansitra anke qabel Wzzinu, naraw il-Missierna tiġi ppubblikata bil-Malti fl-1725 minn Johannes Henricus Maius (1688-1732) (Cassar, 2013, p. 68) u nerġgħu narawha miktuba bil-Malti f'manuskritt tal-1748-60 mill-Markiż Francesc de Sentmenat-Torrelles i d'Agulló (1697-1762) (Cassar, 2013, p. 69). Barra minn hekk, fir-rapport taż-żjara pastorali ta' Mons. Pietro Duzzina fl-1575 insibu li ħafna membri tal-kleru, inklużi xi kappillani, qalulu li kienu jgħallmu l-Missierna, is-Sliema, il-Kredu u l-Għaxar Kmandamenti lit-tfal li kienu jmorrulhom għad-duttrina minkejja li ħadd mill-kleru ma semmielu xi Katekiżmu bil-Malti (Cassar Pullicino, 1962, pp. 47 u 59).

It-*Taġhlim Nisrani* ta' Wzzinu hu l-ewwel traduzzjoni għall-Malti tal-Katekiżmu? Ftit snin qabel ma ħareġ it-*Taġhlim Nisrani*, l-Inkwiżitur ta' Malta Gualterio Gualtieri (1739-43) isemmi li "bosta kappillani kienu qed jinqdew bi traduzzjoni [ta' Bellarmino] bil-Malti" u li "fi żmien l-Isqof Gaspare Gori Mancini (1722-28) kienet saret traduzzjoni bil-Malti tal-Bellarmino bil-ħsieb li tkun stampata." Ma nstabet l-ebda kopja minn tal-ewwel, u t-tieni qatt ma ġiet stampata peress li laħaq miet l-Isqof Mancini u ntilef l-interess (Zammit, 2007, p. 197). Iżda Ġużè Cassar Pullicino jgħid li "sal-1752 il-kappillani ma kellhom ebda Katekiżmu ieħor bil-Malti fuqhiex jgħallmu" (1962, p. 59).

Fl-aħħar ħarġa ta' *l-aċċent* rajna li t-talb li qaleb għall-Malti De Soldanis fl-1755 qatt ma ġie ppubblikat u li kopja tal-manuskritti ta' dak it-talb dehret għall-ewwel darba proprju f'dak l-artiklu. Rajna wkoll li s-Salm 50, il-*Miserere*, li l-istess Kanonku Għawdxi qaleb għall-Malti mil-Latin, kien kixfu Cassar Pullicino f'artiklu li kien kiteb għal *Il-Malti* fl-1980. Mhux hekk ġralu Wzzinu: fl-1752 ippubblika t-*Taġhlim Nisrani* f'Ruma li baqa' jiġi stampat (u editjat) għal għexieren ta' snin wara: "Bejn is-snin 1752 u l-1911 ħarġu mhux anqas minn tlieta u għoxrin edizzjoni tal-Katekiżmu bil-Malti" (Zammit, 2007, p. 202).

[1] Hekk jidher ismu bil-Malti fuq il-qoxra tat-*Taġhlim Nisrani*. Xi kultant ismu jidher bħala Franġisku u f'xi bnadi kunjomu jidher bħala Wizzino, Wzzino jew Uzzino.

Wzzinu ħareġ it-*Tagħlim Nisrani* sentejn wara li De Soldanis ippubblika f'Ruma l-ewwel grammatika tal-Malti flimkien mal-alfabett Malti bil-karattri Latini fl-1750[2], l-istess sena meta l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Paolo Alpheran de Bussan (1728-57) ordna t-traduzzjoni ta' Wzzinu (Zammit, 2007, p. 198). Il-Kanonku Għawdxi kien jaf bil-ktieb ta' Wzzinu, tant li fl-istess manuskritt fejn insibu t-talb u l-*Miserere* tradotti minnu, hu kiteb hekk:

> Anche il fù nostro Zelantissimo Pastore (Mons. Fr. Paolo Alpheran de Bussan) tutto intento a pascere la gregge da Dio a lui commessa, come da più anni nudriva nel suo generoso petto il desiderio di uniformare nel metodo tutta la sua Diocesi per l'istruzione della Dottrina Cristiana, subito che ha scoperto il metodo da me pubblicato, e che con un alfabeto, tutto formato con lettere latine, e con cui si è aperta la strada di scrivere con esse il nostro parlare, cioè le nostre voci e termini, fece pubblicare in Roma la Dottrina Cristiana al 1752 colla traduzione maltese, a proprie spese, e questa così tradotta presentemente da tutti li Curati viene insegnata al loro commesso Popolo, la quale porta il seguente titolo Tagħlim Nisrani migiub fil Gharbi &cc. u migiub issa fil Malti mir-Reverendu Cassis Don Franciscu Wzzinu, bl'ordini tall'Illustrissimu, u' Reverendissimu Monsignur F. Paulu Alpheran di Bussan, Arciviscuvu ta Damiata, u'Iskof ta Malta. F'Ruma 1752. Ghant Generosu Salomoni; Fisuk ta Sant Ignaziu, bis-sensia ta Superiuri (Cassar Pullicino, 2010, p. 25).

Minkejja li l-istess De Soldanis f'din il-kwotazzjoni qed jgħid li l-Isqof de Bussan, li ħallas minn butu l-pubblikazzjoni tat-*Tagħlim Nisrani* (Gatt, 2010, p. 8; Cassar Pullicino, 1962, p. 49), irrikonoxxa l-isforz tiegħu li jagħti grammatika tal-Malti ("il metodo da me pubblicato") u li jistandardizza l-ilsien Malti b'alfabett tal-ittri Latini, Mario Cassar jgħid li Wzzinu "ma mexiex mas-sistema ortografika stabbilita minn Agius de Soldanis sentejn qabel" (2013, p. 70). Għall-kuntrarju Aurele Gafà (2009, p. 7) u Raisa Xuereb (2012, p. 155)




Kemm fl-edizzjoni tal-1752 kif ukoll fl-edizzjoni tal-1768 naraw din l-inċiżjoni ta' San Pawl jippriedka xi mkien f'Malta. Fuq il-lemin ta' riġlejn San Pawl naraw FZ. Skont l-istoriku Zammit aktarx dawn l-inizjali huma tal-artist Malti Francesco Zahra li ħadem ħafna opri artistiċi għall-Knisja f'Malta. Dan ifisser li l-inċiżjoni saret Malta u ntbagħtet Ruma mal-manuskritt ta' Wzzinu (2007, p. 200).

[2] Din il-grammatika bit-titlu *Nuova Scuola di Grammatica per agevolmente apprendere la lingua Punica-Maltese* nsibuha fil-paġni 65-117 tal-ktieb, magħruf l-aktar bħala *Della Lingua Punica* iżda li t-titlu proprju tiegħu hu *Della Lingua Punica presentemente usata da Maltesi, ovvero Nuovi Documenti li quali possono servire di lume all'antica Lingua Etrusca, stesi in due dissertazioni*.


FL-ISEM TAL MISSIER, U TA L'IBEN, U TA-LIS-SPIRITU SANTU, ALLA VIHHED. AMEN.

IN NOME DEL PADRE, E DEL FIGLIUOLO, E DELLO SPIRITO SANTO DIO UNO. AMEN.

jgħidu li dan il-Katekiżmu sar fuq il-grammatika ta' De Soldanis, iżda Gafà, filwaqt li jammetti li "illum hawn min ma jaqbilx li Wzzinu mexa għalkollox fuq ix-xogħol ta' De Soldanis" jgħid ukoll li "fl-1752 Wzzinu xorta ma użax l-alfabett ta' De Soldanis għalkollox" (2009, p. 7). Dan ir-riċerkatur żagħżugħ jikteb ukoll li fl-edizzjoni tal-1752 tat-*Tagħlim Nisrani*, għall-ewwel darba, intużat l-ittra "j" fil-kitba tal-Malti (Gafà, 2009, p. 14).

**Sfond storiku għall-Katekiżmu Kattoliku**

B'risposta għar-Riforma ta' Martin Luteru, il-Knisja Kattolika varat il-Kontro-Riforma. F'dan l-isfond sejħet il-Konċilju Ekumeniku ta' Trentu (1545-1563), li fost ħafna affarijiet oħra ddeċieda li għandu jkun hemm Duttrina Nisranija universali li kellha tiġi diffuża b'mod uniformi fid-dinja Kattolika. Fl-1566, il-Papa Piju V (1566-72) ħareġ stampat f'Ruma l-ewwel Katekiżmu Ruman, miktub bil-Latin u t-Taljan, imsejjaħ *Catechismus ex decreto Concilii Tridentini ad Parochos*, il-Katekiżmu tal-Konċilju ta' Trentu. Dan kien magħruf ukoll bħala l-Katekiżmu għall-Kappillani peress li l-istess Konċilju kien obbligahom jagħtu lill-fidili lezzjonijiet tal-Katekiżmu l-Ħadd. Dan il-Katekiżmu Ruman kien tqil, maħsub biss għall-kappillani u, għaldaqstant, fl-1597, b'ordni tal-Papa Klement VIII, il-Kardinal Ġiżwita Roberto Bellarmino (1542-1621), Duttur tal-Knisja Kattolika u ħabib ta' Galileo Galilei ħareġ id-*Dottrina cristiana (Breve)* bit-Taljan biex tintuża mit-tfal. Din ġiet tradotta f'diversi lingwi u kienet popolari (sors: paġni varji tal-Wikipedia).


ESEMPIO

In vece

del ع si scrive ——— gh

del غ ——— ġh

del ه ——— ħ

del ح ——— hh

del خ ——— ħh

del ك ——— k̇

del ز ——— ż

Traskrizzjoni b'karattri Taljani tal-pronunzja ta' xi ħsejjes lingwistiċi Maltin li naraw f'*Al Lettore*.

Dan l-istess Katekiżmu qasir, fuq xewqa tal-Papa Pawlu V (1605-1621), inqaleb fl-Għarbi minn żewġ patrijiet Maroniti mil-Libanu, Vitor Xalak u Grabiel Sionita li, bil-permess tal-Kardinal Bellarmino, biddlulu xi ħwejjeġ biex jinftehmu aħjar mill-Insara tal-Lvant. Il-ktieb bit-test Għarbi kellu wkoll il-verżjoni bil-Latin (Cachia, 1994, p. 93).

**It-*Tagħlim Nisrani* tal-1752 u tal-1768**

Fl-1642 dehret edizzjoni oħra stampata ta' dan il-Katekiżmu bl-Għarbi ta' Patri Alessio, Franġiskan minn Todi. F'din l-edizzjoni, mat-test Għarbi, kien hemm it-test Taljan minflok dak Latin (Cachia 1994, p. 92). Fl-1752 Wzzinu ttraduċa minnu għall-Malti u ħarġu bit-titlu *Tagħlim Nisrani*. Ġie stampat f'Ruma, għand Generoso Salomoni ta' Pjazza San Ignazio, l-istess stampatur tal-grammatika ta' de Soldanis, u ġew stampati bejn 400 u 500 kopja. Nafu li sal-15 ta' Lulju 1752 dawn il-kopji kienu waslu Malta (Zammit, 2007, p. 198). L-Isqof Alpheran ġie kkwotat jgħid "li biex saret din it-traduzzjoni damu sentejn sħaħ, li kienet eżaminata mill-iktar nies li jifhmu, li l-kappillani kollha kienu qrawha" (Cassar Pullicino, 1962, p. 56).

Wzzinu suppost li mexa fuq it-test Għarbi ta' Patri Alessio (Cachia, 1994, p. 92). Iżda Cassar josserva li Wzzinu "ftit li xejn ta kas it-testi Għarab" (2013, p. 70) u miegħu jaqbel Lawrenz Cachia li saħansitra jgħidilna li Wzzinu "mexa kważi b'għajnejh magħluqa fuq it-Taljan" u jżid li "kieku ma kienx minħabba dak li naqraw fl-ewwel paġna taħt it-titlu tal-ktieb ta' Wzzinu [*Taġhlim Nisrani migiub fil Gharbi u migiub issa fil Malti*], kieku aktarx ma konniex nindunaw li mexa fuq test Għarbi-Taljan" (1994, p. 93).






Il-qoxra tal-edizzjoni tal-1752 u dik tal-1768

Fuq din it-traduzzjoni Cachia jagħmel xi osservazzjonijiet lingwistiċi li huma ta' interess partikolari għat-tradutturi f'dik li hija t-traduzzjoni ta' terminoloġija. Fost affarijiet oħra, hu josserva li l-hekk imsejħa "termini tekniċi" bħal "grazzja, unità, Trinità, Inkarnazzjoni, Divinità, essenza, persuna, sustanza, volontà, misterji, natura, operazzjoni, orazzjoni, komandamenti", Wzzinu ħadhom mit-Taljan meta fil-verità seta' ħadhom mit-test Għarbi peress li kellhom kelma tassew Għarbija li tfissirhom. Barra minn hekk, wara xi kelma teknika b'Malti Semitiku, xi kultant Wzzinu żied ukoll il-kelma Taljana li tfissirha: "għotjiet (miktuba għetijiet) jew doni, għeġubijiet jew mirakli". Mit-test Għarbi Wzzinu ħa direttament xi kelmiet li Cachia jsejħilhom strambi bħall-kelma *iksi* flok *libbes* u l-verb (imperattiv) *itgħam* flok *itma'* (1994, p. 93). Ta' interess ukoll għat-traduttur hu d-dizzjunarju li Xuereb ħolqot mill-kliem li jidher fit-*Taġhlim Nisrani* (2012, pp. 23-153). Barra li telenka dan il-kliem kollu li jidher fil-Katekiżmu bl-ortografija tal-Malti tal-lum, Xuereb tagħmel ukoll analiżi lingwistika tiegħu (2012, pp. 154-181).

Joe Vella jelenka l-kelmiet kollha Rumanzi biex juri "kemm ilhom li daħlu fil-Malti dawn il-kelmiet barranin" (1964, pp. 42-47). Dwar dan il-kliem Michela Catania tosserva li dan kien "kliem bit-Taljan li seta' deher tqil għall-poplu illiterat ta' dak iż-żmien, iżda dan kien jitgħallmu bl-amment, anke jekk ma kienx ċert mit-tifsira tiegħu" (2016, p. 11). Dwar dan il-kliem Rumanz, Catania tkompli tosserva:

> Filwaqt li nsibu kliem missellef mit-Taljan u mill-Isqalli li sa dik il-ħabta ma kienx integra fis-sistema Għarbija tal-Malti, insibu kliem ieħor li diġà kien beda jintegra fil-lingwa Maltija. B'integrazzjoni hawnhekk qed nifhem kliem Taljan u Sqalli li daħal fil-Malti, u li beda jiġi ttrattat grammatikalment bħall-kliem Għarbi (2016, p. 12).

It-*Taġhlim Nisrani* jagħtina ritratt tajjeb tal-Malti mħaddem f'nofs is-seklu tmintax: barra t-traduzzjoni nnifisha, bil-lessiku, il-morfoloġija u s-sintassi kollha tagħha, fil-paġni 11-13 naqraw *Al*

## Il-Missierna* ta’ Wzzino mqabbla ma’ oħrajn

**Il-Missierna kif tingħad illum kif tidher fuq Laikos.org**

**Missierna li inti fis-smewwiet,**
**jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,**
**ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art.**
**Ħobżna ta’ kuljum, agħtina llum,**
**aħfrilna dnubietna,**
**bħalma naħfru lil min hu ħati għalina,**
**la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.**

**Il-Missierna ta’ Wzzino maqluba mit-Taljan, mit-*Taġhlim Nisrani* (1768, p. 35)**

D. Miſſierna, li inti
fiſ-Smeuiet, jit-
ķaddes iſmech-tigi
Saltnatech, icun li
trid int, chif fis-Se-
ma ħechda ſl-ard.
Ħ hobżna ta chol-
jum atina il-lum, u
aħhfrinna dnubie-
tna chif aħhna na-
ħhfru 'lil min ħha-
ta ġhalina, uled-
daħhalna fit-ti-
grib, iżda aħhliſna
mid-deni. Amen.

D. Padre noſtro, che
ſei ne’Cieli. San-
tificato ſia il no-
me tuo. Venga il
regno tuo. Sia fat-
ta la volontà tua,
come in Cielo,
così in terra. Dac-
ci oggi il noſtro
pane ſufficiente.
E rimetti a noi li
noſtri debiti, ſic-
come noi li rimet-
tiamo, a chi ha
peccato in noi. E
non ci indurre in
tentazione. Ma
liberaci dal male,
perchè tuo è il
Regno, la Poten-
za, e la Gloria in
eterno. Amen.

**Il-Missierna ta’ Mikelanġ Camilleri mill-Kiteb *It Talb ta' Âalenia, u tal Âoti tas Sagramenti u tar-Riti u Chirimonyl tal-Knisya, fuq id-Drawa tal-Knisya Mwahhda ta’ l’ Ingilterra u ta’ l’ Irlanda: flimkien mas-Salteryü ew is-Salmi ta’ David* (1845, p. 176)**

MISSIERNA li int fis smewiet, Yitqaddes Ismek; Tijina saltnatek; Ikun li trid inti kif fis sema hekda fl’ ard. Ħobzna ta’ koll yum atina illum. U aħfrilna dnubietna kif aħna naħfru lil min hu ħati åalina. U la iddaħħal-niesh fit tijrib; izda eħlesna mid deni. Amen.

**Il-Missierna ta’ De Soldanis maqluba mit-Taljan, mill-manuskritt 144 tal-Biblijoteka Nazzjonali (1755, p. 311, xxvii)**

Messierna li ent fe smeuiet.
jet kaddes esmek.
tigi e saltnatek. o Saltna Tighak
ikun li trit ent, kif fe sema hekda fl art.
Chobżna ta koglum, atihulna e lum.
u achfrelna dnubietna, kif ahha n-ach-
fru lel min chata ghalina
u le dachalniesc fe tegrif
erda achlesna me deni. Hek hua.

**Il-Missierna ta’ Cleardo Naudi, mill-*Ktyb yl qari fuq bosta huejjeg mahtura myn kotba Kattolici* (1832, pp. 88-98)**

Myssŷrna li ynti fys-smevvŷt.
Jytqaddes ysmek.
Tygi ys-saltna tiꞑak.
Jyntꞑamel dâk li trid ynt kif fys-sema
hekda fl’ ard.
Ħobzna ta koljum atihulna yllum.
U aꝩfrylna myn dnubŷtna, bħal ma naꝩfru
yl min ħata ꞑalina.
La yddaħħalna fyt-tygrib.
Yżda yħlysna myd-deni. Amen.

* “Minn żmien il-pubblikazzjoni tal-*Mithridates*, [fl-1555] traduzzjonijiet tal-*Pater Noster* kemm-il darba ntużaw bħala għodda fl-istudju komparattiv tal-lingwi, primarjarment minħabba l-fatt li l-ewwel filologi nibtu mill-ambitu Kristjan, u aktarx minn fost il-membri tal-kleru” (Cassar, 2013, p. 65).

*Lettore*, daħla żgħira li fiha Wzzinu jagħtina traskrizzjoni b'karattri Taljani tal-pronunzja ta' xi ħsejjes lingwistiċi Maltin u jagħti xi kliem bħala eżempji ta' kif għandha tkun il-pronunzja. Mhux ta' b'xejn Cachia jgħid li dan il-ktieb "għandu valur lingwistiku importanti" (1994, p. 93) filwaqt li William Zammit jgħid li "ħalla effett qawwi fuq l-iżvolġiment tal-użu tal-ilsien Malti" (2007, p. 194). Fl-1768 naraw it-tieni edizzjoni tat-*Tagħlim Nisrani*. Din hi kważi identika għall-ewwel waħda: "Mhux talli ma nbidel xejn mit-test, iżda talli anki l-Malti huwa miktub bl-istess sinjali dijakritiċi [marki żgħar fuq l-ittri p.e. t-tikka fuq il-ġ, iż-ż u ċ-ċ; l-aċċenti miktubin; is-*cedilla* Franċiża, eċċ.], filwaqt li t-tipa hija tal-istess daqs. Minbarra dan, it-test baqa' jaqbel mal-paġinazzjoni tal-edizzjoni ta' qabel b'mod li fl-istess paġna taż-żewġ edizzjonijiet differenti jidher preċiżament l-istess test. Saħansitra l-blokki dekorattivi użati fiż-żewġ edizzjonijiet, l-aktar dawk fuq il-qoxra, huma simili ferm" (Zammit, 2007, p. 200).




Id-dekorazzjonijiet żgħar li jidhru f'paġni varji taż-żewġ edizzjonijiet tat-*Tagħlim Nisrani*

**L-importanza tat-*Tagħlim Nisrani***

L-istoriku Malti tal-kotba Dr Zammit jikkunsidra "din it-traduzzjoni ta' Wzzinu bħala fost l-aktar kotba influwenti – u għaldaqstant importanti – li qatt ġew stampati b'relazzjoni ma' Malta." Hu jistqarr li hawn "m'għandniex pubblikazzjoni b'xi kontenut spettakolari" iżda "l-importanza tal-kontenut … toħroġ mill-fatt li dan kien l-ewwel ktieb stampat bil-Malti," fatt li "jagħti lill-ktieb importanza ewlenija fejn tidħol l-istorja lingwistika" (2007, p. 193). Skont Zammit dan il-ktieb ħalla "impatt reliġjuż, lingwistiku, iżda fuq kollox wieħed li ċertament ikkontribwixxa għal ċerta omoġeneità u konformiżmu fil-mentalità Maltija" (2007, p. 194).

L-istoriku tal-ilsien Malti, il-Professur Joseph M. Brincat jgħidilna li "thanks to this booklet [*Tagħlim Nisrani*], the same prayers came to be recited all over Malta and Gozo. Without any doubt, the standardization of prayers helped the standardization of the [Maltese] language" (2011, pp. 263-264).

**Xi tagħrif dwar Wzzinu**

Hemm min kiteb li Franciscu Wzzinu twieled fl-1678 (Schiavone, 2009) u hemm min kiteb li twieled fl-1694 (Friggieri, 1994-1995, p. 123), iżda Zammit jikteb li tgħammed l-Isla f'Diċembru tal-1708 (2007, p. 195) – dak iż-żmien il-magħmudija kienet issir xi jum jew tnejn wara t-twelid.

## L-Ave Maria ta' Wzzino mqabbla ma' oħrajn

**L-Ave Maria ta' Wzzino (1768, pp. 46-45)**



| | |
|---|---|
| D. Isſliem ghalich MARIA bil grazia mimlia, iſ-Signur mighach, imbiercha inti foſt in-niſa, u imbierech il frot tal giuf tighach Gesù, o kaddiſa MARIA Omm Allà itlob ghalina midembin, iſſa, u ffieghet meutna. Amen. | D. Dio ti ſalvi ò MARIA piena di grazia. Il Signore è teco, tu ſei benedetta fra le donne. E benedetto è il frutto del tuo ventre, Gesù. O Santa MARIA Madre di Dio, prega per noi peccatori, adeſſo, e nell' ora della morte noſtra. Amen. |

**L-Ave Maria ta' De Soldanis (Manuskritt 144, il-Biblijoteka Nazzjonali, p. 311, xxviii**



Sliem ghalik Maria bil ghrazia memlia
e Signur mighak embierka enti fost e nesa
u embierek el frot tal Guf tighak Gesù
Kaddisa Maria Om Alla etlob ghalina me-
denbin, issa, u f sieghet meutna
u fe sighat al mewt taghna

**L-Ave Maria kif tingħad illum kif tidher fuq Laikos.org**

**Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija. Il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù.**
**Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina, midinbin, issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen.**



L-isqof Paolo Alpheran de Bussan — ħallas minn butu l-pubblikazzjoni tat-*Tagħlim Nisrani*

Dan il-qassis, magħruf għall-ħeġġa li kellu biex ixerred il-fidi, hu l-awtur ta' żewġ kurunelli bil-Malti, waħda dedikata lil San Mikiel Arkanġlu (1730) u oħra dedikata lil Sant'Anna (1741). Kien il-konfessur tal-Isqof Paolo Alpheran de Bussan.

Kien wieħed mill-aħjar predikaturi bil-Malti: fl-20 ta' Mejju 1753, għamel diskors il-Furjana fl-okkażjoni tat-traslazzjoni (purċissjoni solenni li fiha r-relikwa jew il-ġisem mejjet ta' xi qaddis jiġi ttrasferit minn post għal ieħor) tal-ġisem qaddis ta' San Kalċidonju. Kien rettur tal-Kumpanija ta' Ġesù u Marija fil-Knisja ta' Santu Rokku. Kiteb ukoll speċi ta' manwal għall-kappillani bit-titlu *Lume ai Parrochi, ovvero Avvertimenti ed Istruzioni ai Curati* (Cassar Pullicino, 1962, pp. 14, 15, 16).

Qaleb ukoll mill-Franċiż *Il purgatorio aperto alla pietà de' viventi or sia breve quotidiano esercizio in sollievo delle anime del Purgatorio* (1766) (Schembri, 1855, p. 60).

Wzzinu miet fid-19 ta' Ottubru 1777 (Catania, 2016, p. 5; Friggieri, 1994-1995, p. 123).

## Lista ta' referenzi


Brincat, Joseph M. *Maltese and other languages – A Linguistic History of Malta*. Malta: MidSea Books, 2011.

Cachia, Lawrenz. *L-Ilsien Malti – Il-Bieraħ u l-lum*. Sensiela Kotba Soċjalisti, Maħruġ mid-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit tal-Ħaddiema, 1994.

Cassar Pullicino, Ġużè. "De Soldanis: Approaches to a Biography." *Journal of Maltese Studies – Essays on de Soldanis* 27 (2010): 1-34.

Cassar Pullicino, Ġużè. "De Soldanis: A Bibliography." *Journal of Maltese Studies – Essays on de Soldanis* 27 (2010): 141-160.

Cassar Pullicino, Ġużè. *Kitba w kittieba tal-Malti – L-Ewwel Ktieb: Sas-Seklu Tmintax, Tagħlim għall-Kbar – 4*. L-Università Rjali ta' Malta, 1962.

Cassar, Mario. "Il-Pater Noster bl-Ilsien Malti: Storja lingwistika." *Symposia Melitensia* 9 (2013): 63-92.

Catania, Michela. "Studju tal-Malti mħaddem fl-eqdem żewġ Katekiżmi: it-'Tagħlim Nisrani' ta' Francesco Wzzino (1752) u t-'Taղlim Nysrani' ta' Cleardo Naudi (1829)." Teżi tal-BA (Unuri) tal-Malti, l-Università ta' Malta, 2016.

Friggieri, Oliver. "L-istorja tal-poeżija Maltija." *Journal of Maltese Studies* 25-26 (1994-1995): 122-145.

Gafà, Aurele. "Il-Malti fl-edizzjonijiet tal-Katekiżmu ta' Wizzinu 1752-1911." Teżi tal-BA (Unuri) tal-Malti, l-Università ta' Malta, 2009.

Gatt, Ġużè. "L-Istampa f'Malta u l-Ewwel Kotba bil-Malti." *Il-Malti – Rivista tal-Akkademja tal-Malti – Ħarġa Speċjali LXXXI* (2010): 1-27.

*Ktieb it-Talb ta' Âalenia, u tal-Âoti tas-Sagramenti u tar-Riti u Chirimonyl tal-Knisya, fuq id-Drawa tal-Knisya Mwahhda ta' l' Ingilterra u ta' l' Irlanda: flimkien mas-Salteryü ew is-Salmi ta' David*. Malta: Fli stamperia ta' M. Weiss, 1845.

*Ktyb yl qari fuq bosta huejjeg mahtura myn kotba Kattolici*. Malta, 1832.

Said, Ivan. "Il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, lessikografu u traduttur." *l-aċċent* 16, 2017: 46-56.

Schembri, Antonio. *Selva di autori e traduttori Maltese le cui opere sono state pubblicate colle stampe in Malta od altrove*. Malta: Dalla Tipografia di Paolo Cumbo, 77 Strada Britannica, 1885.

Schiavone, Michael J. *Dictionary of Maltese biographies*. Vol. 2. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009.

Vella, Joe. "L-Iżvilupp tal-Katekiżmu Malti." Teżi tal-BA (Ġen) tal-Malti, l-Università ta' Malta, 1964.

Wzzinu, Don Franciscu. *Tagħlim Nisrani Migiub Fil Gharbi bl' ordini ta sant. Mem. Ta Paulu V. Min gdid*. Stampat fit-Taljan mis-Sacra Congregazioni tal Propaganda Fidi, u Migiub Issa Fil Malti Ruma, MDCCLXVIII [1768], Arcangelu Casaletti, Fisuk tal Minerva.

Wzzinu, Don Franciscu. *Tagħlim Nisrani Migiub Fil Gharbi bl' ordini ta sant. Mem. Ta Paulu V. Min gdid*. Stampat fit-Taljan mis-Sacra Congregazioni tal Propaganda Fidi, u Migiub Issa Fil Malti Ruma, MDCCLIII [1752], Generoso Salomoni, Fisuk ta Sant Ignaziu.

Xuereb, Raisa. "Dizzjunarju storiku tal-Malti bbażat fuq it-Tagħlim Nisrani tar-Reverendu Franciscu Wzzino." Teżi tal-BA (Unuri) tal-Malti, l-Università ta' Malta, 2012.

Zammit, William. "Dawl ġdid fuq l-ewwl pubblikazzjoni tal-Katekiżmu Kattoliku bl-ilsien Malti: Tagħlim Nisrani (1752) ta' Franġisku Wzzinu." *Il-Malti – Rivista tal-Akkademja tal-Malti – Ħarġa LXXIX* (2007): 193-217.


*Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*


**http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin:

**l-accent@ec.europa.eu**



**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*